# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 63 Settembru 1989

## WERREJ

Ittra appostolika egħluq il-25 sena tal-Kostituzzjoni Liturġika ......... 465
Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja ................................ 479
Guidelines for the study of the Church's Social Doctrine
in the formation of Priests ........................................................ 483
Decretum "Ecclesiae activitas missiunaria" .................................. 488
Il-pornografija u l-vjolenza fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali ....... 489
Dikjarazzjoni tal-Isqfijiet ............................................................ 497
Diskorsi u messaġġi tal-Arċisqof ................................................ 498
Digriet dwar is-Segretarjat tal-Liturġija ....................................... 507
Ċirkularijiet tal-Kurja .................................................................. 510
Ecclesiology in the Fathers ......................................................... 514
Eżempju ta' omelija ................................................................... 543
Werrej tas-sena ......................................................................... 560

NRU. 63

# ITTRA APPOSTOLIKA

## TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II

## EGĦLUQ IL-ĦAMSA U GĦOXRIN SENA MILL-PROMULGAZZJONI TAL-KOSTITUZZJONI KONĊILJARI "SACROSANCTUM CONCILIUM"

Sliem u barka appostolika
lil ħuti kollha, isqfijiet u saċerdoti.

1. Għaddew ħamsa u għoxrin sena minn mindu l-Papa Pawlu VI, fl-4 ta' Diċembru 1963, ippromulga l-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** dwar il-liturġija, li kienet għada kemm ġiet approvata mill-isqfijiet miġburin flimkien mill-Ispirtu s-Santu fil-Konċilju Vatikan II. (1) Il-fatt hu ta' min ifakkru għal ħafna raġunijiet. Kien l-ewwel frott tal-Konċilju, imsejjaħ mill-Papa Ġwanni XXIII għall-aġġornament tal-Knisja; qabel kien seħħ moviment liturġiku pastorali liema bħalu, moviment li qanqal tama kbira għat-tiġdid u għall-ħajja tal-Knisja.

Il-Konċilju meta fittex it-tiġdid u t-tkattir tal-Liturġija kien qiegħed jilħaq b'mod mill-aqwa l-għan ewlieni tiegħu, jiġifieri li "ikattar minn jum għall-ieħor il-ħajja nisranija fost l-insara; jadatta għall-ħtiġijiet taż-żmien ta' llum dawk l-istituzzjonijiet li fihom seta' jsir xi tibdil; iġib 'il quddiem kull ma kien jista' jgħin għall-għaqda flimkien ma' dawk kollha li jemmnu fi Kristu; u jsaħħaħ kull ma jista' jwassal lil kulħadd fi ħdan il-Knisja." (2)

2. Sa mill-bidu tal-ministeru pastorali tiegħi bħala suċċessur ta' San Pietru ħadt ħsieb nuri "l-importanza għal dejjem tal-Konċilju Vatikan II" u għidt li hu "dmir żgur tiegħi li nuża l-ħila kollha tiegħi ħalli jseħħ kull ma ried il-Konċilju." Għidt ukoll li jeħtieġ li "iż-żerriegħa tajba li l-isqfijiet tal-Konċilju, imwettqin bil-Kelma t'Alla, żergħu f'art tajba (ara Mt 13, 8-26), jiġifieri t-tagħlim u d-deċiżjonijiet pastorali li ħadu, tasal biex tagħti l-frott f'waqtu, billi tikber u tgħix" (3). Imbagħad kemm-il darba fissirt xi aspett jew ieħor tat-tagħlim tal-Konċilju dwar il-Liturġija (4), u wrejt ukoll l-importanza tal-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** għall-ħajja tal-poplu nisrani; "fiha ġa jinsab il-qofol tad-duttrina ekklesjoloġika li l-Konċilju fisser aktar tard. Il-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium**, li hi l-ewwel dokument approvat mill-Konċilju, antiċipat (5) il-Kostituzzjoni dommatika **Lumen Gentium** dwar il-Knisja, u din imbagħad fissret aktar fit-tul it-tagħlim tal-Kostituzzjoni liturġika.

Wara ħamsa u għoxrin sena, li ma' tulhom kemm il-Knisja u kemm is-soċjetà raw ħafna tibdil, kbir u mgħaġġel, jixraq li wieħed juri l-importanza ta' din il-Kostituzzjoni tal-Konċilju, x'siwi għandha biex jinħallu l-problemi ġodda li għandna llum, u x'valur għandhom għal kull żmien il-prinċipji li fiha.

## I
## TIĠDID BI QBIL MAT-TRADIZZJONI

3. Il-Papa San Piju V, biex iwieġeb għat-talba ta' l-isqfijiet tal-Konċilju ta' Trento, li ried it-tiġdid tal-Knisja ta' dak iż-żmien, fittex li jġedded il-kotba liturġiċi, u l-aktar il-Brevjar u l-Missal. L-istess ħaġa fittxew il-Papiet li ġew wara tul iż-żminijiet biex jiżguraw li r-riti u l-kotba liturġiċi jkunu adatti għaż-żmien li jkun u mfissrin sewwa; imbagħad mill-bidu ta' dan is-seklu l-Papiet ħabirku għal tiġdid aktar sħiħ.

Il-Papa San Piju X waqqaf Kummissjoni speċjali biex iseħħ dan it-tiġdid, u kien tal-fehma li l-ħidma tal-Kummissjoni se tieħu ħafna snin; iżda, tqiegħed pedament sod għal dan it-tiġdid meta jum il-Ħadd reġa' kiseb l-importanza tiegħu u ġie mġedded il-Brevjar (6). Hu kien qal li "skond il-fehma ta' nies għorrief u għaqlin, dan irid ħidma kbira għal ħafna żmien; għalhekk jeħtieġ li jgħaddu ħafna snin, qabel ma' dan il-**bini** liturġiku, imnaddaf minn kull sinjal ta' xjuħija, jerġa' jidher bil-ġmiel kollu tad-dinjità u l-armonija tiegħu." (7).

Il-Papa Piju XII kompla l-proġett tar-riforma liturġika bl-enċiklika **Mediator Dei** (8), u bit-twaqqif ta' Kummissjoni ġdida (9). Ħa wkoll għadd ta' deċiżjonijiet importanti, bħalma kienu l-awtorizzazzjoni ta' verżjoni ġdida tas-Salterju, biex wieħed jifhem aħjar is-Salmi (10); it-tibdil fis-sawma ewkaristika biex ikun aktar ħafif għan-nies li jitqarbnu; l-użu ta' l-ilsna ta' llum fir-Ritwal; u, l-aktar, ir-riforma tal-Vġili ta' l-Għid (11) u tal-Ġimgħa l-Kbira (12).

Id-daħla tal-Missal Ruman tal-1963 kellha qabilha dikjarazzjoni tal-Papa Ġwanni XXIII li "il-prinċipji fundamentali li għandhom x'jaqsmu mar-riforma ġenerali tal-Liturġija, se jitħallew f'idejn l-isqfijiet fil-Konċilju ekumentiku li għandu jsir" (13).

4. Dan it-tiġdid sħiħ tal-Liturġija kien jaqbel mat-tamiet tal-Knisja kollha. "L-ispirtu liturġiku kien inxtered dejjem aktar ma' kullimkien u f'kull qasam tal-Knisja flimkien mar-rieda ta' tisħib aktar ħaj fil-misteri qaddisa u fit-talba pubblika u solenni tal-Knisja" (14), flimkien ma' ħerqa għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla aktar ta' spiss. Flimkien mat-tiġdid bibliku, mal-moviment ekumeniku, mal-ħidma missjunarja u mar-riċerka ekklesjoloġika, it-tiġdid liturġiku kien ta' għajnuna għall-aġġornament sħiħ tal-Knisja. Dan għidtu fl-ittra tiegħi **Dominicae Cenae**: "Hemm rabta qawwija u sħiħa bejn it-tiġdid tal-Liturġija u t-tiġdid tal-ħajja kollha tal-Knisja. Il-Knisja mhux biss tiċċelebra l-Liturġija imma tfisser lilha nfisha fil-Liturġija, tgħix bil-Liturġija, u mil-Liturġija tikseb is-saħħa li teħtieġ għall-ħajja tagħha." (15).

It-tiġdid tar-riti u tal-kotba liturġiċi beda jseħħ minnufih malli ġiet promulgata l-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** u seħħ fi ftit snin bil-ħidma bla serħan

u ħerqana ta' ħafna esperti u ta' l-isfijiet kollha tad-dinja (16).

Il-ħidma kollha saret skond il-prinċipji li fassal il-Konċilju, jiġifieri fedeltà lejn it-tradizzjoni u ftuħ għal kull żvilupp skond il-liġi (17); għalhekk nistgħu ngħidu bir-raġun kollu li t-tiġdid liturġiku kien tradizzjonali u "kif kien fl-ewwel snin tal-Missirijiet tal-Knisja."(18).

## II
## IL-PRINĊIPJI DIRETTIVI TAL-KOSTITUZZJONI

5. In-normi direttivi tal-Kostituzzjoni, li kienu l-bażi tat-tiġdid li sar, għad għandhom l-istess valur fundamentali biex l-insara jaslu għat-tisħib attiv fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, tisħib li hu "l-bidu ta' l-ispirtu nisrani veru, bidu li wieħed ma jistax igħaddi mingħajru." (19). Issa li l-kotra kbira ta-kotba liturġiċi, maqlubin fl-ilsna ta' llum, ġa ġew pubblikati u qed jiġu wżati, jeħtieġ li dawn il-prinċipji ma jintesew qatt u fuqhom jinbena kollox.

### ( a) Iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid

6. L-ewwel prinċipju żgur hu ċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid fil-Liturġija tal-Knisja, għaliex "mill-ġenb minfud ta' Kristu fuq is-salib ħareġ il-misteru kollha tal-Knisja" (20). Il-ħajja liturġika kollha hi dwar is-sagrifiċċju ewkaristiku u s-sagramenti l-oħra, minn fejn nimlew l-ilma ħaj mill-egħjun tas-salvazzjoni (ara Is 12,3) (21). Jixraq għalhekk li aħna naslu biex nagħrfu sewwa li "bil-misteru ta' l-Għid, aħna ndfinna ma' Kristu fil-Magħmudija, biex miegħu ngħixu għall-ħajja ġdida." (22). L-insara, meta jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, għandhom jifhmu li "kull darba li nġeddu t-tifkira ta' dan is-sagrifiċċju, iseħħ l-egħmil tal-fidwa tagħna" (23). Minħabba f'dan jeħtieġ li l-insara kollha jiġu mgħallma mir-ragħajja tagħhom kif jiċċelebraw kull nhar ta' Ħadd l-egħmil ta' l-għaġeb li Kristu temm bil-misteru ta' l-Għid, ħalli mbagħad huma jkunu jistgħu jħabbruh lid-dinja (24). Jeħtieġ ukoll li l-lejl tal-vġili ta' l-Għid jikseb **l-importanza waħdanija** tiegħu fi qlub kemm tar-ragħajja u kemm ta' l-insara kollha, biex il-lejl ta' l-Għid jkun l-aqwa ċelebrazzjoni fost iċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Knisja.

Il-mewt ta' Kristu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet huma l-qofol tal-ħajja ta' kull jum tal-Knisja (25) u r-rahan ta' l-Għid ta' dejjem tiegħu (26) għalhekk l-ewwel dmir tal-Liturġija huwa li bla ebda heda tmexxina wara l-Mulej fil-mixi tiegħu lejn il-misteru ta' l-Għid, biex aħna mmutu miegħu ħa nidħlu fil-ħajja ta' dejjem.

7. Kristu hu mal-Knisja tiegħu, l-aktar f'kull egħmil liturġiku, biex itemm il-misteru ta' l-Għid tiegħu (27). Għalhekk il-Liturġija hija "il-post" ewlieni fejn l-insara jiltaqgħu ma' Alla u ma' Dak li bagħat, Ġesù Kristu (ara Ġw 17,3).

Kristu jinsab f'nofs il-Knisja miġbura f'ismu għat-talb. Hu dan li jagħti dinjità kbira lill-ġemgħa ta' l-insara, lill-Knisja, dinjità li minnha jiġi d-dmir ta' l-imħabba għall-aħwa, imħabba li trid twassal ukoll għall-maħfra (ara Mt 5, 23-24), u għall-imġiba xierqa, fil-ġesti u fil-kant.

Kristu hu wkoll preżenti u jaġixxi fil-persuna tal-ministru ordnat li jiċċelebra l-Liturġija (28). Is-saċerdot ma għandux biss dmir x'jaqdi, imma, permezz ta' l-ordinazzjoni tiegħu, għandu s-setgħa li jaġixxi "in persona Christi". Is-saċerdot, għaliex hu konsagrat għas-servizz ta' Alla, għandu jkollu dik id-disposizzjoni fir-ruħ u fil-ġisem li titlob minnu l-ordinazzjoni li għandu, u din id-disposizzjoni trid tidher ukoll fl-ilbies liturġiku li juża, mill-post li jkollu waqt iċ-ċelebrazzjoni, u mill-kliem li jgħid.

Kristu huwa preżenti fil-kelma li titħabbar lill-ġemgħa u tiġi mfissra fl-omelija, kelma li trid tinstema' bil-fidi u tiġi milqugħa fit-talb. Dan kollu jridu juruh id-dinjità tal-ktieb tal-Kelma ta' Alla u post minn fejn titħabbar, u l-imġiba ta' min jaqra, li jkun iħoss tassew li qiegħed iwassal il-Kelma ta' Alla lil ħutu.

Kristu, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, hu preżenti u jaġixxi fis-sagramenti, u b'mod wisq aktar għoli u singulari hu preżenti u jaġixxi fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa taħt l-ispeċi ewkaristiċi (29), ukoll meta dawn jinżammu fit-tabernaklu wara l-Quddiesa, l-aktar għat-tqarbin tal-morda u għall-adorazzjoni ta' l-insara (30). Ir-ragħajja ta' l-erwieħ, fil-katekeżi tagħhom, għandhom ifakkru ta' spiss it-tagħlim tal-fidi dwar din il-presenza, reali u misterjuża ta' Kristu fl-Ewkaristija, tagħlim li bih l-insara jridu jgħixu u li t-teologi jridu jistħarrġu dejjem aktar fil-fond. Il-fidi f'din il-presenza tal-Mulej fl-Ewkaristija titlob ukoll sinjal ta' rispett minn barra għall-post qaddis – il-knisja – fejn Alla juri lilu nnifsu f'misteru (ara Es 3,5), l-aktar waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti: il-ħwejjeġ qaddisa għandhom dejjem jiġu trattati b'mod qaddis.

**b) Il-qari tal-Kelma t'Alla**

8. It-tieni prinċipju hu l-presenza tal-Kelma ta' Alla. Il-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** kienet ordnat ukoll li "jkun hemm qari mill-Kotba Mqaddsa, aktar abbondanti, aktar varjat u aktar adatt" (31). Ir-raġuni ta' dan it-tiġdid tagħtih l-istess Kostituzzjoni liturġika: "biex tidher ċara r-rabta sħiħa li hemm bejn ir-rit u l-kelma fil-Liturġija" (32); imbagħad fil-Kostituzzjoni dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina jingħad li "il-Knisja dejjem kellha qima kbira għall-Iskrittura Mqaddsa kif dejjem kellha għall-Ġisem tal-Mulej, u qatt ma naqset, l-aktar fil-Liturġija mqaddsa, li tieħu u twassal lill-insara l-ħobż tal-ħajja kemm mill-mejda tal-Kelma ta' Alla u kemm minn dik tal-Ġisem ta' Kristu" (33). Ma jistax ikun hemm kobor fil-ħajja liturġika, u għalhekk lanqas progress fil-ħajja nisranija, jekk ma tiġix kontinwament 'il quddiem fost l-insara, u l-aktar fost is-saċerdoti, imħabba ħajja u ħerqana għall-Iskrittura" (34).

Il-Kelma ta' Alla llum hi wisq aktar magħrufa fil-komunitajiet insara, iżda t-tiġdid veru joħloq dejjem aktar ħtiġijiet ġodda: fedeltà lejn it-tifsir veru ta' l-Iskrittura, tifsir li qatt ma għandu jiġu mwarrab fil-ġenb, l-aktar meta l-Iskrittura tiġi maqluba f'ilsna oħra; il-mod kif titħabbar il-Kelma t'Alla, biex tidher dik li tassew hi; użu tajjeb tal-mezzi adatti ħalli l-Kelma tasal lil kulħadd; it-tħejjija spiritwali tal-ministri tal-Kelma biex jaqdu dmirhom tajjeb fi ħdan il-ġemgħa liturġika (35); tħejjija bil-għaqal ta' l-omelija permezz ta' studju u meditazzjoni; sforz ħerqan mill-insara biex jieħdu sehem mill-mejda tal-Kelma ta' Alla;

għarfien ta' Kristu, bħalma għarfuh d-dixxipli ta' Għemmaws, mill-mejda tal-ħobż tal-Kelma ta' Alla. (36).

### c) Ir-rivelazzjoni tal-Knisja minnha nfisha

9. Fl-aħħarnett il-Konċilju fil-Liturġija ried jara l-manifestazzjoni jew l-epifanija tal-Knisja: il-Liturġija hi l-Knisja hija u titlob. Hija u tiċċelebra l-qima ta' Alla, il-Knisja turi dak li hi: waħda, qaddisa, kattolika u appostolika.

Il-Knisja turi li hi **waħda**, b'dik l-unità li tiġi mit-Trinità Qaddisa (37), l-aktar meta l-poplu qaddis ta' Alla jieħu sehem "f'Ewkaristija waħda, f'talba waħda, fuq artal wieħed, waqt li jkun jippresiedi l-isqof imdawwar mill-presbiterju u l-ministri tiegħu" (38). Xejn mela ma għandu jfixkel jew idallam din l-għaqda tal-Knisja fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija!

Il-Knisja turi li hi qaddisa bi **qdusija** li tiġiha minn Kristu (ara Ef 5,26-27) kull darba li, magħquda ġisem wieħed mill-Ispirtu s-Santu (39) li jqaddes u jagħti l-ħajja (40), tagħti kull barka u grazzja mingħand il-Missier (41) lill-insara permezz ta' l-Ewkaristija u tas-sagramenti l-oħra.

Il-Knisja turi li hi **kattolika** fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, għaliex fiha l-Ispirtu tal-Mulej jiġbor flimkien il-ħafna ilsna fi stqarrija ta' fidi waħda (42), u mill-lvant sal-punent toffri lil Alla l-Missier l-offerta ta' Kristu, u toffri lilha nfisha flimkien miegħu (43).

Il-Knisja fl-aħħarnett turi fil-Liturġija li hi **appostolika** għaliex il-fidi li tistqarr hi mibnija fuq ix-xhieda ta' l-Appostli; għaliex fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa jippresiedi isqof, li hu suċċessur ta' l-Appostli, jew ministru ieħor ordnat bis-setgħa li ġejja mill-Appostli; għaliex bil-fedeltà kollha tħabbar dak li rċeviet mit-tradizzjoni appostolika; u għaliex il-qima li tagħti lil Alla torbotha bid-dmir li xxandar l-Evangelju sa truf l-art kollha.

Hekk fil-Liturġija il-misteru tal-Knisja jiġi mħabbar lilna, inħossuh u ngħixuh (44).

## III
## DIRETTIVI GĦAT-TIĠDID TAL-ĦAJJA LITURĠIKA

10. Mill-prinċipji li għandi kemm semmejt, joħorġu xi normi u direttivi li għandhom jirregolaw it-tiġdid tal-ħajja liturġika. Għalkemm nistgħu ngħidu li t-tiġdid tal-Liturġija li talab il-Konċilju Vatikan II issa seħħ, l-aspett pastorali tal-Liturġija jitlob li jkun hemm impenn dejjem sejjer biex mill-għana bla qies tal-Liturġija dejjem aktar tinkiseb dik il-qawwa vitali li minn Kristu tinxtered fil-membri kollha tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja.

Il-Liturġija hi l-eżerċizzju tas-saċerdozju ta' Kristu, għalhekk jeħtieġ li ma tonqas qatt dik il-kelma ħajja ta' dak id-dixxiplu li quddiem id-dehra mistika ta' Kristu qal: "Hu l-Mulej!" (Ġw 21,7). Kull ma nagħmlu fil-Liturġija ma jistax ikun aktar importanti minn dak li jagħmel Kristu, bil-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħu, li għalkemm ma narawhx, hu kollu tassew minnu. Fidi ħajja bl-imħabba, adorazzjoni, tifħir tal-Missier u kontemplazzjoni fis-skiet: dawn għandhom ikunu dejjem l-għan ewlieni tal-pastorali liturġika u sagramentali.

Għaliex il-Liturġija hi kollha kemm hi, mimlija bil-Kelma ta' Alla, jeħtieġ li kull kelma oħra tkun taqbel magħha, l-ewwelnett il-kelma ta' l-omelija, imbagħad ukoll il-kliem tal-kant u tat-twissijiet li jsiru waqt iċ-ċelebrazzjoni. Lanqas hu permess li jkun hemm qari ieħor flok il-qari tal-kelma ta' l-Iskrittura; kliem il-bnedmin għandu jkun għall-qadi tal-Kelma ta' Alla, mingħajr ma joħnoqha.

Kull egħmil liturġiku "m'huwiex egħmil privat, imma ċelebrazzjoni tal-Knisja li hi 'sagrament ta' l-għaqda'" (45), u għalhekk jiddependi biss mill-awtorità ġerarkika tal-Knisja (46). Il-Liturġija hi tal-Ġisem kollu tal-Knisja (47). Għalhekk mhux permess lil ħadd, lanqas lil saċerdot, jew lil xi grupp li jkun, li jżid, inaqqas jew ibiddel xi ħaġa, kif jidhirlu u jogħġbu (48). Il-fedeltà lejn ir-riti u lejn it-testi liturġiċi tal-Liturġija hi meħtieġa mill-*lex orandi*, li trid dejjem taqbel mal-*lex credendi*. Nuqqas ta' fedeltà f'dan jista' jolqot l-istess validità tas-sagramenti.

Il-Liturġija, għaliex hi ċelebrazzjoni tal-Knisja, titlob it-tisħib sħiħ u attiv ta' kulħadd, kull wieħed skond l-Ordni jew id-dmir li għandu (49). Kulħadd, il-ministri u l-insara l-oħra kollha, huma u jaqdu dmirhom, għandhom jagħmlu dak li hu proprju tagħhom u dan biss (50). Hu għalhekk li l-Knisja tippreferixxi ċelebrazzjonijiet komunitarji, meta n-natura tar-rit titlob dan (51); tħeġġeġ għat-tħejjija ta' ministri u letturi, kanturi u kommentaturi li jkunu jistgħu jaqdu ministeru liturġiku veru (52); daħlet mill-ġdid il-konċelebrazzjoni (53); tirrakkomanda ċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Liturġa tas-Sigħat (54).

Għaliex il-Liturġija mqaddsa hi skola ta' talb tal-Knisja, deher li kien jaqbel li jidħol u jiġi 'l quddiem l-użu ta' l-ilsna tal-llum fil-Liturġija, mingħajr ma titwarrab id-drawwa ta' l-użu tal-Latin li l-Konċilju ried iżomm għar-rit Latin (55); dan sar biex kulħadd ikun jista' jifhem u jxandar l-egħġubijiet ta' Alla b'ilsien pajjiżu (ara Atti 2,11): żdied ukoll l-għadd tal-prefazji u tat-Talbiet Ewkaristiċi biex jikber l-għana tat-teżor tal-Knisja u l-għarfien tal-misteru ta' Kristu.

Għaliex il-Liturġija għandha valur pastorali kbir, il-kotba liturġiċi ħasbu għal xi adattamenti tal-Liturġija skond il-ħtiġijiet tal-ġemgħa u ta' l-individwi wkoll: ingħatat ukoll il-possibilità li l-Liturġija tkun miftuħa għat-tradizzjonijiet u l-kulturi tal-popli kollha (56). It-tiġdid liturġiku ried li jkun hemm simplifikazzjoni xierqa taċ-ċerimonji (57) u simboliżmu li l-insara jifhmuh malajr. Iżda din is-simplifikazzjoni ma għandhiex tasal biex tneħħi kull sura ta' simboliżmu; anzi għall-kuntrarju hu meħtieġ li jkun hemm dan is-simboliżmu u l-aktar is-simboliżmu sagramentali, b'qawwa kbira ta' tifsir. Il-ħobż u l-inbid, l-ilma u ż-żejt, l-inċens u l-irmied, in-nar u l-ward, u tista' tgħid kull ħaġa maħluqa, għandhom post fil-Liturġija, bħala doni mogħtija lill-Ħallieq u bħala mezzi ta' għajnuna għad-dinjità u s-sbuħija taċ-ċelebrazzjoni.

## IV
## IT-TIĠDID LITURĠIKU FIL-PRATTIKA

**a) Diffikultajiet**

11. Irridu nammettu li t-tiġdid liturġiku ltaqa' ma' diffikultajiet, l-aktar f'ambjenti fejn ma tantx kien hemm kondizzjonijiet favorevoli għat-tiġdid għax kienu

ambjenti fejn ir-reliġjon kienet meqjusa bħala ħaġa kollha kemm hi privata; diffikultajiet ġew ukoll minn ambjenti kuntrarji għal kull xorta ta' istituzzjoni, jew ambjenti fejn id-dehra tal-Knisja fis-soċjetà kienet naqset sewwa, jew fejn in-nies bdew jiddubitaw mill-fidi personali tagħhom. Nistgħu nissopponu wkoll li l-bidla minn sempliċi presenza fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, presenza aktarx passiva u siekta, għal tisħib aktar sħiħ u attiv, talbet sforz kbir wisq għal xi wħud biex jadattaw ruħhom għaliha. Minn dan kollu ħarġu reazzjonijiet differenti u xi kull tant kontra xulxin: xi wħud laqgħu l-kotba liturġiċi ġodda bi traskuraġni, jew ma ħabblux rashom biex jifhmu u jgħinu lil ħaddieħor jifhem għaliex sar it-tiġdid; oħrajn – u ta' dan jisgħob bini ħafna – fitxew mill-ġdid u b'mod esklusiv is-suriet liturġiċi ta' qabel u xi wħud minnhom qisuhom ukoll bħala garanzija waħdanija taċ-ċertezza tal-fidi; oħrajn fl-aħħarnett ħolqu suriet qarrieqa ta' tiġdid, 'il bogħod ħafna minn dak li riedet is-Santa Sede u li riedu l-isqfijiet, u hekk kienu ta' tfixkil għall-għaqda tal-Knisja u għat-tjieba ta' l-insara, u xi kull tant waslu biex imorru wkoll kontra l-veritajiet tal-fidi.

**b) Riżultati tajba**

12. Iżda dan kollu ma għandux inessina li r-ragħajja ta' l-erwieħ u l-poplu nisrani fil-qofol tiegħu laqa' t-tiġdid tal-Liturġija bi spirtu ta' ubbidjenza, anzi b'ħeġġa u ferħ kbir.

Għalhekk għandna nroddu ħajr lil Alla, għal din il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja li seħħet permezz tat-tiġdid liturġiku (58), permezz tal-mejda tal-Kelma ta' Alla, li llum tkattret ħafna għal kulħadd (59); permezz tal-ħidma kbira li saret ma' kullimkien fid-dinja biex il-poplu nisrani ikollu f'ilsienu l-kotba ta' l-Iskrittura, il-Missali u l-kotba liturġiċi l-oħra kollha; permezz ta' tisħib akbar ta' l-insara fit-talb u l-kant, fil-ġesti u fis-skiet, waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u tas-sagramenti l-oħra; permezz tal-ministeri li qed jaqdu l-lajċi u d-dmirijiet li laqgħu bis-saħħa tas-saċerdozju tal-fidili, li fih issieħbu bil-Magħmudija u l-Konfermazzjoni jew Griżma; permezz tal-ħajja hekk sabiħa ta' tant komunitajiet insara, ħajja li għandha l-bidu tagħha fil-Liturġija.

Dawn huma r-raġunijiet li minħabba fihom għandha nħaddnu t-tagħlim tal-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** u t-tiġdid li wasslet għalih: "It-tiġdid liturġiku hu l-frott li l-aktar jidher tal-ħidma kollha tal-Konċilju" (60). Ħafna l-messaġġ tal-Konċilju Vatikan II għarfuh l-aktar permezz tat-tiġdid liturġiku.

**c) Nuqqasijiet**

13. Flimkien mal-ġid li ġab it-tiġdid liturġiku, irridu nsemmu wkoll u nikkundannaw l-iżbalji, kemm kbar u kemm żgħar, li saru minħabba f'dan it-tiġdid.

Kien hemm okkażjonijiet li fihom saru żidiet jew tnaqqis bla ebda permess; ċerimonji ġodda ġew ivvintati li ma kienu jaqblu xejn man-normi tal-Liturġija; inħolqu ġesti u kant li ma jgħinu xejn la l-fidi u lanqas is-sens ta' dak li hu qaddis; saru ħafna abbużi fl-assoluzzjoni ta' ħafna nies f'daqqa; inħolqot konfużjoni bejn is-saċerdozju ministerjali, li jiġi mill-Ordinazzjoni u s-saċerdozju tal-fidili li għandu l-pedament tiegħu fil-Magħmudija.

Ma jistax ikun permess li xi saċerdoti jieħdu f'idejhom id-dritt li jiktbu talbiet ewkaristiċi minn rajhom jew li jużaw it-testi profani flok it-testi ta' l-Iskrittura. Dawn l-inizjattivi, mhux rabta għandhom mat-tiġdid liturġiku, jew mal-kotba liturġiċi li ħarġu wara dan it-tiġdid, imma huma għal kollox direttament kuntrarji għal dan it-tiġdid, iħassruh u lill-poplu nisrani jċaħħduh mit-teżori veri tal-Liturġija tal-Knisja.

Hu dmir l-isqfijiet li jeqirdu dawn l-abbużi, għaliex l-isqof huwa l-moderatur tal-Liturġija skond in-normi tal-liġi tal-Knisja (61), "b'xi mod il-ħajja fi Kristu tal-poplu nisrani fdat lilu tiġi minnu" (62).

## V
## IT-TIĠDID FIL-ĠEJJIENI

14. Il-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** hi leħen il-kulleġġ kollu ta' l-isqfijiet miġbur madwar is-suċċessur ta' San Pietru bl-għajnuna ta' l-Ispirtu tal-verità mwiegħed mill-Mulej Ġesù (ara Ġw 15,26): il-Kostituzzjoni tkompli twettaq il-Knisja fil-mixi tagħha għat-tiġdid u għall-qdusija, billi tkattar il-ħajja liturġika vera fiha.

Il-prinċipji li jinsabu mfissrin fil-Kostituzzjoni jagħtu direttivi wkoll għall-ġejjieni tal-Liturġija, hekk li t-tiġdid liturġiku dejjem aktar ikun magħruf u jseħħ. "Jeħtieġ għalhekk u jaqbel li minnufih ikun hemm edukazzjoni liturġika intensiva u ġdida, biex jingħaraf il-għana kollu li hemm fil-Liturġija" (63)

Il-Liturġija tal-Knisja hi wisq aktar minn tiġdid liturġiku. M'aħniex fl-istess qagħda tas-sena 1963: is-saċerdoti u l-insara li ma jafux x'kienu l-kotba liturġiċi qabel it-tiġdid li sar, illum qed jaqdu dmirijiethom b'responsabbiltà kbira fil-Knisja u fis-soċjetà. Għalhekk ma nistgħux inkomplu nitkellmu dwar tibdil kif konna nitkellmu fi żmien il-pubblikazzjoni tal-Kostituzzjoni, iżda għandna nitkellmu dwar għarfien dejjem aktar fil-fond tal-Liturġija tal-Knisja ċelebrata skond il-kotba li għandna llum u ngħixuha bħala fatt ta' ordni spiritwali.

### a) Formazzjoni biblika u liturġika

15. Jeħtieġ li sseħħ kemm jista' jkun malajr formazzjoni biblika u liturġika tal-poplu ta' Alla, kemm tar-ragħajja ta' l-erwieħ u kemm ta-fidili. Dan ġa wrietu l-Kostituzzjoni: "Ma hemmx tama li dan (jiġifieri t-tisħib sħiħ u attiv tal-poplu kollu) iseħħ jekk qabel ir-ragħajja ta' l-erwieħ ma jkunu għal kollox mimlijin bl-ispirtu u l-qawwa tal-Liturġija u jkunu mgħallmin fiha" (64). Hi ħaġa li trid iż-żmien u trid tibda fis-seminarji u fid-djar ta' studju tar-reliġjużi (65) u tibqa' sejra tul il-ħajja kollha tas-saċerdot (66). Din il-formazzjoni hi meħtieġa wkoll għall-lajċi (67), formazzjoni adatta għall-ħajja li jgħixu, u dan l-aktar għaliex f'ħafna postijiet il-lajċi huma msejħin biex jidħlu għall-ħidmiet dejjem aktar importanti fi ħdan il-komunità.

### b) Adattamenti

Ħidma oħra importanti għall-ġejjieni hi l-adattament tal-Liturġija għall-kulturi differenti li hawn fid-dinja. Il-Kostituzzjoni qalet x'inhu l-prinċipju ta' l-adattament

u tat direttivi lill-Konferenzi Episkopali b'liema mod dan għandu jsir (68). L-adattament tal-Liturġija għall-ilsna ta' llum sar malajr għalkemm f'xi drabi iltaqa' ma' xi diffikultajiet. Wara ġie l-adattament tar-riti u ċ-ċerimonji, ħaġa aktar diffiċli, iżda meħtieġa wkoll. Għad fadal ħafna ħidma xi ssir biex il-Liturġija tagħmel l-egħruq f'xi kulturi, li minnhom trid tieħu suriet li jkunu jistgħu jaqblu **ma' l-ispirtu veru u ġenwin tal-Liturġija**, waqt li tinżamm bla mittiefsa l-unità sostanzjali tar-rit Latin, kif imfissra fil-kotba liturġiċi (69). L-adattamenti li jsiru, iridu jqisu sewwa li fil-Liturġija, u l-aktar fil-Liturġija tas-Sagramenti, hemm **parti li ma tista' tinbidel qatt**, għaliex riedha l-Mulej u ħallieha taħt il-ħarsien tal-Knisja; hemm imbagħad **partijiet li jistgħu jinbidlu**, li l-Knisja tista' u xi kultant għandha tbiddel biex tadattahom għall-kulturi ta' ġnus li għadhom kemm laqgħu t-tħabbira ta' l-Evanġelju (70). Ma għandniex hawn xi kwistjoni ġdida għall-Knisja: il-varjetà fil-Liturġija tista' tkun għajn ta' ġid, imma tista' wkoll toħloq inkwiet, nuqqas ta' ftehim u firdiet ukoll. Jidher ċar għalhekk li f'din il-ħaġa, il-varjetà ma għandhiex tkun ta' ħsara għall-għaqda u għandha isseħħ biss b'fedeltà sħiħa lejn il-fidi ta' kulħadd, lejn is-simboli sagramentali, li l-Knisja rċeviet mingħand Kristu u lejn ix-xirka tal-ġerarkija. L-adattament kulturali jitlob il-konversjoni tal-qalb u, meta jkun meħtieġ, iċ-ċaħda wkoll ta' drawwiet antiki li ma jaqblux mal-fidi kattolika. Dan jitlob formazzjoni teoloġika, storika u kulturali sħiħa, flimkien ma' ġudizzju għaqli biex jingħaraf x'inhu meħtieġ, x'inhu li jiswa, jew li ma jiswa xejn , u x'inhu ta' periklu għall- fidi. "F'dan il-qasam ma jistax ikun hemm żvilupp xieraq, jekk mhux bħala frott ta' kobor pass pass fil-fidi, kobor li jħaddan għerf spiritwali, teoloġija ċara, u sens ħaj tal-Knisja universali" (71).

### c) Għarfien tal-problemi ġodda li jqumu

17. Il-ħidma għat-tiġdid liturġiku trid twieġeb ukoll għall-ħtiġijiet ta' żmienna. Il-Liturġija m'hijiex xi ħaġa bla ġisem (72). F'dawn il-ħamsa u għoxrin sena nibtu problemi oħra jew kisbu importanza ġdida; fost dawn il-problemi nsemmi id-djakonat mogħti lil irġiel miżżewġa; ministeri liturġiċi li jistgħu jiġu fdati lill-lajċi delegati, irġiel jew nisa; ċelebrazzjonijiet liturġiċi għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-handikappati; il-mod kif għandhom jithejjew testi liturġiċi adatti għal xi nazzjon partikolari.

Il-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** ma ssemmix dawn il-problemi; iżda tagħti prinċipji ġenerali kif għandha titmexxa l-ħajja liturġika u tiġi 'l quddiem.

### d) Liturġija u devozzjonijiet popolari

18. Fl-aħħarnett biex ikun imħares it-tiġdid liturġiku u tiġi dejjem akar 'il quddiem il-Liturġija (73), jeħtieġ li jitqiesu sewwa d-devozzjonijiet tal-poplu nisrani u rabta tagħhom mal-ħajja liturġika (74). Dawn id-devozzjonijiet ma nistgħux ninjurawhom, lanqas li ma jimpurtaniex minnhom jew imaqdruhom, għaliex l-għana tagħhom hu tassew kbir (75), u minnhom infushom juru qagħda reliġjuża quddiem Alla. Iżda jeħtieġ li jkun hemm evanġelizzazjoni kontinwa, biex il-fidi li tagħha jagħtu xhieda dawn id-devozzjonijiet, tilħaq dejjem aktar il-kobor tagħha u tkun dejjem aktar vera. Id-devozzjonijiet popolari tal-poplu ta'

Alla (76) u kull sura oħra ta' devozzjoni għandhom jiġu milqugħa u miġjuba 'l quddiem, basta ma jieħdux il-post taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jew jitħalltu magħhom. Pastorali liturġika vera tagħraf tagħmel użu tajjeb mill-għana tad-devozzjonijiet popolari biex tmexxihom lejn il-Liturġija bħala offerta tal-poplu (77).

## VI
## L-ISTITUZZJONIJIET RESPONSABBLI GHAT-TIĠDID LITURĠIKU

### a) Il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u għad-dixxiplina tas-Sagramenti

19. Id-dmir li jiġi 'l quddiem it-tiġdid liturġiku hu l-ewwelnett dmir is-Santa Sede (78). Erba' mitt sena ilu l-Papa Sistu V waqqaf il-Kongregazzjoni tar-Riti, u bħala dmir taha li tgħasses kif isir il-kult divin, wara r-riforma tal-Konċilju ta' Trento. San Piju X waqqaf Kongregazzjoni oħra għad-dixxiplina tas-Sagramenti; biex isseħħ il-Kostituzzjoni liturġika tal-Konċilju Vatikan II, Pawlu VI waqqaf il-**Consilium** (79) imbagħad il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin (80), li qdiet id-dmir fdat lilha b'ġenerożità, bil-ħila u bil-ħeffa. Skond l-istruttura l-ġdida tal-Kurja Rumana, li seħħet permezz tal-Kostituzzjoni Appostolika **Pastor Bonus**, il-qasam kollu tal-Liturġija mqaddsa nġabar kollu taħt ir-responsabbiltà ta' Dikasteru wieħed, tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u għad-dixxiplina tas-Sagramenti. Dmir din il-Kongregazzjoni hu li, waqt li tħares dak li hu fil-kompetenza tal-Kongregazzjoni ta-Fidi (81), tmexxi u ġġib 'il quddiem il-Liturġija, li tagħha s-Sagramenti huma l-parti essenzjali, billi tinkoraġġixxi kull ħidma pastorali liturġika (82), tgħin l-assoċjazzjonijiet kollha li bħala għan għandhom l-appostolat liturġiku, il-mużika, il-kant u l-arti sagra (83), u tħares id-dixxiplina tas-sagramenti (84). Hi ħidma importanti ħafna għaliex hi, l-aktar, ħidma għall-ħarsien bil-fedeltà kollha tal-prinċipji kbar tal-Liturġija kattolika, li gew imfissrin u żviluppati fil-Kostituzzjoni liturġika; dawn il-prinċipji imbagħad iridu jmexxuha biex iġġib 'il quddiem u tagħraf dejjem aktar fil-fond it-tiġdid tal-ħajja liturġika fil-Knisja kollha.

Il-Kongregazzjoni għalhekk trid tgħin l-isqfijiet djoċesani fil-ħidma tagħhom ħa jagħtu lil Alla l-qima tar-reliġjon nisranija u jmexxu din il-qima skond il-kmandamenti tal-Mulej u l-liġijiet tal-Knisja (85). Il-Kongregazzjoni żżomm kuntatti stretti mal-Konferenzi Episkopali f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-fakultajiet tagħhom fil-qasam tal-Liturġija (86).

### 20. Il-Konferenzi Episkopali

Il-Konferenzi Episkopali kellhom id-dmir iebes li jhejju t-traduzzjoni tal-Kotba liturġiċi. Il-ħtieġa li jkun hemm malajr il-kotba liturġiċi bl-ilsna ta' llum, xi kull tant waslet biex jintużaw traduzzjonijiet proviżorji, li kienu approvati *ad tempus*. Issa wasal iż-żmien li wieħed iqis sewwa xi diffikultajiet li nqalgħu minn dak iż-żmien: kif issib l-irkaptu ta' xi traskuraġni u ta' xi żbalji li saru fit-traduzzjonijiet; kif se tkompli l-ħidma għat-traduzzjoni ta' xi kotba liturġiċi li ma saritx għal kollox; kif se jitħejji kant għal waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ħa jiġi approvat; x'jista' jsir biex it-testi liturġiċi approvati jiġu milqugħin bir-rispett kollu; u, fl-aħħarnett

x'jista' jsir dwar l-edizzjoni tal-kotba liturġiċi, biex tkun ħaġa regolari u tixraq lill-misteri li tiċċelebra l-Liturġija.

Biex isiru t-tradizzjonijiet u biex it-tiġdid liturġiku kollu jissaħħaħ aktar fil-pajjiż kollu, il-Konferenzi Episkopali kellhom iwaqqfu Kummissjoni Nazzjonali li fiha jkollhom sehem esperti mill-ħafna oqsma tax-xjenza liturġika u tal-ħidma pastorali (88). Issa huwa ż-żmien li wieħed jara x'għamlet din il-Kummissjoni, tajjeb jew ħażin, x'pariri tat u x'għajnuna sabet mill-Konferenza Episkopali dwar il-kompożizzjoni u l-ħidma tagħha. Il-ħidma ta' din il-Kummissjoni tkun aktar iebsa meta l-Konferenza Episkopali jkollha ħsieb xi adattamenti jew xi inkulturazzjoni tal-Liturġija (89). Dan juri kemm fil-Kummissjoni għandu jkun hemm nies tassew kompetenti.

**a) L-Isqof djoċesan**

21. F'kull djoċesi l-isqof huwa l-amministratur ewlieni tal-misteri qaddisa, u huwa wkoll dak li jmexxi, iġib 'il quddiem u jħares il-ħajja liturġika kollha tal-knisja fdata lilu (90). Meta isqof jiċċelebra l-Liturġija f'nofs il-poplu, ikun juri l-misteru tal-Knisja. Għalhekk jeħtieġ li l-isqof ikun żgur fuq li żgur ta' l-importanza ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għall-ħajja nisranija ta' l-insara tiegħu. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għandhom ikunu ta' eżempju għad-djoċesi kollha (91). Għad fadal ħafna x'isir, biex is-saċerdoti u l-insara lajċi jaslu biex jifhmu r-riti u t-testi liturġiċi, biex tikber id-dinjità u s-sbuħija taċ-ċelebrazzjonijiet u tal-postijiet fejn isiru, u biex tiġi 'l quddiem il-"katekeżi mistagogika" kif kienet issir minn Missirijiet il-Knisja. Biex dan iseħħ l-isqof irid iwaqqaf kummissjoni, jew għadd ta' kummissjonijiet djoċesani biex igħinuh iġib 'il quddiem il-ħajja liturġika, il-mużika u l-arti sagra fid-djoċesi tiegħu (92). Il-Kummissjoni liturġika djoċesana, min-naħa tagħha, trid timxi skond il-ħsieb u d-direttivi ta' l-isqof u tafda fl-awtorità u fl-inkoraġġament tiegħu ħa taqdi dmirijietha kif jixraq.

## EGĦLUQ

22. Il-Liturġija ma tħaddanx il-ħidma kollha tal-Knisja, kif tfakkar il-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** (93). Iżda hi l-bidu u t-tmiem ta' kull ħidma tal-Knisja (94), bidu, għaliex, l-aktar mis-sagramenti, l-insara jimlew l-ilma tal-grazzja li jfawwar mill-qalb minfuda ta' Kristu. Hi, biex insemmu tixbiha li kienet tant għall-qalb il-Papa Ġwanni XXIII, qisha l-għajn fil-pjazza tar-raħal li minnha kulħadd imur jimla l-ilma ħaj u frisk. Hi t-tmiem u l-qofol ukoll għaliex il-ħidma kollha tal-Knisja trid twassal għax-xirka fil-ħajja ta' Kristu u għax il-Liturġija tal-Knisja turi u twassal lill-insara kollha l-ħidma tas-salvazzjoni, magħmula minn Kristu darba għal dejjem.

23. Milli jidher wasal iż-żmien għat-tiġdid ta' dak l-ispirtu li bil-qawwa kollha mexxa l-Knisja meta l-Kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** kienet qed tithejja, ġiet diskussa, votata u promulgata, u ttieħdu l-ewwel passi ħa tibda sseħħ. Inżergħet iż-żerriegħa; l-ebusija tax-xitwa għaddiet; iż-żerriegħa nibtet,

saret siġra: hi siġra li qed tikber b'mod organiku, u aktar tissaħħaħ, aktar ma egħruqha jinżlu fil-fond tat-tradizzjoni (95). Dak li għidt fil-Kungress tal-Kummissjonijiet liturġiċi fl-1964, jixraq li nerġa' ntennih: fil-ħidma għat-tiġdid liturġiku li ried il-Konċilju wieħed irid iżomm bilanċ xieraq bejn dak li hu ta' Alla u dak li hu tal-bniedem, bejn ġerarkija u fidili, bejn tradizzjoni u progress, bejn liġi u adattament, bejn individwi u komunità, bejn skiet u tifħir korali. B'hekk il-Liturġija ta' l-art tingħaqad mal-Liturġija tas-sema, fejn isir kor wieħed, biex b'leħen wieħed jitlissen innu lill-Missier f'Ġesù Kristu (96).

B'din ix-xewqa u b'fiduċja kbira, li f'qalbi ssir talba, nagħti 'l kulħadd il-barka appostolika.

Mill-Vatikan, fl-4 ta' Diċembru 1988, fil-ħdax- il sena tal-Pontifikat.

**Joannes Paulus pp II**

## NOTI

1. AAS 56 (1964) pp 97-134.
2. *Sacrosanctum Concilium,* 1.
3. Fl-ewwel messaġġ lid-dinja, 17 Ott. 1978, AAS 70 (1978) pp 920-921.
4. Ara l-aktar *Redemptor hominis* (1 Marzu 1979), 7. 18-22; *Catechesi tradendae* (16 Ott. 1979), 23, 27-30, 33, 37, 48, 53-55, 66-68; *Dominicae Cenae* (24 Frar 1980); *Dives in misericordia* (30 Nov. 1980), 13, 15; *Familiaris Consortio* (22 Nov. 1981) 13,15, 19-21, 33, 38, 39, 55-59, 60-68; *Reconciliatio et Paenitentia* (2 Diċ. 1984), 22-33.
5. Diskors lil dawk li ħadu sehem fil-Kungress tal-Presidenti u tas-Segretarji tal-Kummissjonijiet liturġiċi nazzjonali; 27 Ott. 1984.
6. *Divino afflatu* (1 Nov. 1911).
7. *Abhinc duos annos* (23 Ott. 1913).
8. 20 Nov. 1947.
9. Sacra Congregatio Rituum, Sectio historica n. 71, *Memoria sulla riforma liturgica* (1947).
10. Piju XII, motuproprju *In cotidianis precibus* (24 Marzu 1945).
11. Sacra Congregatio Rituum, digriet *Dominicae resurrectionis* (9 Frar 1951).
12. Sacra Congregatio Rituum, digriet *Maxima redemptionis* (16 Nov. 1955).
13. Ġwanni XXIII, motupr. *Rubricarum instructum* (25 Lulju 1960).
14. Piju X motupr. *Tra le sollecitudini* (22 Nov. 1903).
15. *Dominicae Cenae,* 13.
16. Ara *Sacrosantum Concilium,* 25.
17. Ara *ibid.* 23.
18. Ara *ibid.* 50, *Missale Romanum,* prooemium, 6.
19. *Sacrosanctium Concilium,* 14.
20. ibid 5; *Missale Romanum,* Vġili ta' l-Għid, talba wara s-seba' lezzjoni.
21. Ara *Sacrosanctum Concilium* 5-6, 47, 61, 102, 106-107.
22. *Missale Romanum,* Vġili ta' l-Għid, tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.
23. Quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħaxija, talba fuq l-offerti.
24. Ara Prefazju I tal-Ħdud matul is-sena.
25. Ara *Redemptor hominis,* 7.
26. Ara *Dominicae Cenae,* 4.
27. Ara *Sacrosanctum Concilium,* 7; Pawlu VI, *Mysterium Fidei* (3 Sett. 1965), AAS 57 (1965) p. 762.764.

28. *Eucharisticum mysterium* (23 Mejju 1967), 9.
29. *Mysterium fidei* p. 763.
30. *ibid* pp 769-771.
31. *Sacrosanctum Concilium,* 36.
32. *ibid.*
33. *Dei Verbum,* 21.
34. *Sacrosanctum Concilium,* 24.
35. Ara *Dominicae Cenae,* 10.
36. Ara *Liturgia Horarum,* feria II, hebd. IV, talba ta' l-Għasar.
37. Ara Pref. VIII tal-Ħdud matul is-sena.
38. *Sacrosanctum Concilium,* 41.
39. Ara Talba ewkaristika, II u IV.
40. Ara Talba ewkaristika III u l-Kredu Niceno-Kostantinopolitan.
41. Ara Talba ewkaristika I.
42. Ara Barka solenni għall-Għid l-Ħamsin.
43. Ara Talba ewkaristika III.
44. Ara diskors lil dawk li ħadu sehem fil-Kungress tal-Presidenti u s-Segretarji tal-Kummissjonijiet liturġiċi nazzjonali fl-1964.
45. *Sacrosanctum Concilium,* 26.
46. Ara *ibid.* 22 u 26.
47. Ara *ibid.* 26.
48. Ara *ibid.* 22.
49. Ara *ibid.* 26.
50. Ara *ibid.* 28.
51. Ara *ibid.* 27.
52. Ara *ibid.* 29.
53. Ara *ibid.* 57; S. Congr. Rituum, digriet *Ecclesiae semper* tas-7 Marzu 1965.
54. Ara *Sacrosanctum Concilium,* 99.
55. Ara *ibid.* 36.
56. Ara *ibid.* 37-40.
57. Ara *ibid.* 34.
58. Ara *ibid.* 43.
59. Ara *Dei Verbum,* 21; *Sacrosanctum Concilium,* 51.
60. *Relatio finalis ad Coetum extraordinarium Synodi Episcoporum,* 7 Diċ 1965 II, B, b, 1.
61. Ara *Sacrosanctum Concilium,* 22.
62. Ara *ibid.* 41.
63. *Dominicae Cenae,* 9.
64. *Sacrosanctum Concilium,* 14.
65. Ara S. Congr. Rituum, istruzzjoni *Inter oecumenici,* 26 Sett. 1964, 11-13; S. Congr. pro. Inst. Cath., *Ratio fundamentalis institutionis sacerdotalis,* 6 Jan. 1970, Cap. VIII; istruzzjoni *In ecclesiasticam futurorum* de institutione liturgica in Seminariis, 3 Ġunju 1979.
66. Ara *Inter oecumenici,* 14-17.
67. Ara *Sacrosanctum Concilium,* 19.
68. Ara *ibid.,* 39.
69. Ara *ibid.,* 37-40.
70. Ara *ibid.,* 21.
71. Diskors lill-isqfijiet ta' Zaire fiż-żjara "Ad limina" tagħhom, 12 ta' April 1983, 5.
72. Diskors lil dawk li ħadu sehem fil-Kungress tal-Presidenti u s-Segretarji tal-Kummissjonijiet liturġiċi nazzjonali fl-1984.
73. Ara *Sacrosanctum Concilium,* 1.
74. Ara *ibid.* 12-13.
75. Ara *Evangelii Nuntiandi,* 48.
76. Ara *Sacrosanctum Concilium,* 13.
77. Diskors lill-isqfijiet ta' l-Abruzzi u Molise fiż-żjara "ad limina" tagħhom, 24 ta' April 1986, 3-7.
78. Ara *Sacrosanctum Concilium* 22,1.

79. Motu pr. *Sacram Liturgiam,* 25 Jan. 1964.
80. Kost. *Sacra Rituum Congregatio,* 8 ta' Mejju 1969.
81. Kost. *Pastor bonus,* 28 Ġunju 1988, 62.
82. Ara *ibid.* 64.
83. Ara *ibid.* 65.
84. Ara *ibid.* 63 u 66.
85. Ara *Lumen Gentium,* 26; *Sacrosanctum Concilium,* 22, 1.
86. Ara *Pastor bonus,* 63,3.
87. Ara *Sacrosanctum Concilium* , 36 u 63.
88. Ara *ibid.* 44.
89. Ara *ibid.* 40.
90. Ara *Christus Dominus,* 15.
91. Ara diskors lill-isqfijiet taljani li ħadu sehem f'kors dwar it-tiġdid tal-Liturġija, 12 Frar 1988 (Oss. Rom. 13 Marzu 88).
92. *Sacrosanctum Concilium,* 45-46.
93. Ara *ibid.* 9.
94. Ara *ibid.* 10.
95. Ara *ibid.* 29.
96. Diskors lil dawk li ħadu sehem fil-Kungress tal-Presidenti u s-Segretarji tal-Kummissjonijiet liturġiċi nazzjonali fl-1984.

Ħuti egħżież,

Nhar Għid il-Ħamsin bdiet il-missjoni tal-Knisja. It-tħabbira tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, magħmula mill-Appostli lill-folla tal-pellegrini li kienu jinsabu Ġerusalemm, instemgħet u ġiet milqugħa mill-ilsna u l-kulturi kollha ta' dawk in-nies; b'hekk, b'xi mod, tħabbar li l-poplu l-ġdid ta' Alla kien se jinġabar minn fost il-ġnus kollha ta' l-art. Hu fl-ispirtu u fil-grazzja ta' Għid il-Ħamsin li jiena, din is-sena, qiegħed nibgħatilkom dan il-messaġġ għall-Ġurnata Missjunarja, għax Għid il-Ħamsin hu dejjem għajn ħajja tal-vokazzjoni missjunarja u evanġelizzatriċi tal-Knisja.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġurnata Missjunarja, ġurnata ta' talb, ta' katekeżi u ta' ġbir għall-missjonijiet, tfakkar il-Knisja kollha bid-dmir li għandha li twassal il-Bxara t-tajba ta' l-Evanġelju sa truf l-art kollha. Jalla dan il-jum iġib għall-poplu kollu ta' Alla, ragħajja u fidili, tiswib ġdid ta' l-Ispirtu s-Santu, li hu l-Ispirtu tal-missjoni, dak li issa jrid ikompli l-opra tas-salvazzjoni, li għandha l-egħruq tagħha fis-sagrifiċċju tas-Salib. Ġesù ħalla din il-missjoni f'idejn il-Knisja, iżda "hu l-Ispirtu s-Santu li, bħala dak li hu 'l fuq mill-bnedmin, itemm din il-ħidma fir-ruħ tal-bniedem u fil-ġrajja tad-dinja." *(Dominum et vivificantem,* 42).

### 1. Il-kleru indiġenu, tama tal-Knisja missjunarja

Alla, igħidilna l-Konċilju Vatikan II (ara *Lumen gentium,* 9), ried iqaddes u jsalva l-bnedmin kollha mhux kull wieħed għal rasu, bla ebda rabta ta' wieħed ma' l-ieħor, imma billi għamilhom poplu: il-poplu messjaniku, li għandu bħala Kap 'il Kristu u huwa miġbur fil-Knisja. Il-Knisja mbagħad tinsab f'komunitajiet lokali, u kull komunità hi fdata f'idejn ragħajja li jmexxuha u jieħdu ħsiebha billi jaqdu, skond l-awtorità li jkollhom, il-missjoni ta' Kristu, ir-Ragħaj u r-Ras (Ara *Lumen gentium,* 28). L-awtorità u l-missjoni tagħhom hi li jħabbru l-Evanġelju u jqaddsu u jmexxu l-Poplu ta' Alla.

It-tħabbira ta' l-Evanġelju, magħmula mill-Appostli wara Għid il-Ħamsin tat bidu għall-komunitajiet ta' mgħammdin, u f'kull komunità l-Appostli qiegħdu nies responsabbli biex iżommu l-għaqda u jsaħħu l-fidi ta' kull membru tal-komunità, jiċċelebraw l-Ewkaristija, u jżommu sħiħa x-xirka ma' l-Appostli u mal-komunitajiet in-sara l-oħra.

Dak li għamlu l-Appostli fil-bidu tax-xandir ta' l-Evanġelju u tat-tixrid tal-Knisja fid-dinja, qed ikompli llum bil-ħidma missjunarja għax-xandir ta' l-Evanġelju: tant li fl-*Ad Gentes,* 15, insibu li "biex titwaqqaf il-Knisja u l-komunità nisranija tiġi 'l quddiem, huma meħtieġa ħafna suriet ta' ministeri, li joħorġu minn ħdan il-fidili: fost dawn il-ministeri rridu ngħoddu l-ħidma tas-saċerdoti, tad-djakni, u tal-katekisti."

F'dan il-messaġġ nixtieq nitkellem l-aktar fuq **il-ħtieġa tal-kleru indiġenu fi ħdan il-komunitajiet nsara ġodda.** Il-ħidma missjunarja għax-xandir ta' l-Evanġelju hi marbuta mat-trawwim u l-iżvilupp tal-kleru indiġenu. Kienu l-Papiet, bħala ragħajja responsabbli fil-Knisja universali, li l-aktar, ħadu ħsieb biex, mhux biss jibagħtu missjunarji, imma wkoll biex il-komunitajiet

insara ġodda tal-pajjiżi tal-missjoni jkollhom, kemm jista' jkun malajr, saċerdoti u isqfijiet indiġeni. Dan għamluh l-akbar il-Papiet ta' dan is-seklu, ibda mill-Papa Beneditt XV li fl-enċiklika *Maximum illud* (li tagħha din is-sena jaħbat is-sittin anniversarju), fost affarijiet oħra qal: "Min imexxi Missjoni għandu jkollu bħala ħsieb ewlieni tiegħu l-formazzjoni tal-kleru indiġenu, għaliex fuq dan il-kleru l-aktar li jistgħu jinbnew l-aħjar tamiet għall-ġejjieni tal-komunitajiet insara ġodda". (n. 7)

It-tkattir tal-kleru indiġenu hu ta' ġieh għall-istess missjunarji li, bi mpenn sħiħ li qatt ma naqas u bis-sabar kollu, bi mpenn li xi drabi wassal ukoll għall-martirju, tħabtu u batew biex iwaqqfu komunitajiet insara ġodda, u ħabirku biex fi ħdan il-familji nsara jinbtu l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża u missjunarja. Issa llum huma ferħanin jaħdmu f'xirka waħda mas-saċerdoti u l-isqfijiet tal-post, u jgħinuhom, għaliex jafu sewwa li "il-ħidma għall-kobor tas-Saltna ta' Alla ssieħeb flimkien iż-żewġ gruppi ta' ħabbara ta' l-Evanġelju, għall-kollaborazzjoni dejjem aktar meħtieġa, kollaborazzjoni li żgur tagħti ħafna frott... waqt li din il-ħidma flimkien hi wkoll, anzi trid tkun ukoll, eżempju mill-aqwa tax-xirka tal-Knisja." ***(Messaġġ tal-Papa Pawlu VI għall-Ġurnata Missjunarja, 1973).***

Bil-Konċilju Vatikan II beda żmien ġdid fil-ġrajja dejjem sabiħa tal-ħidma missjunarja. Għaliex il-Knisja min-natura tagħha hi Knisja missjunarja, u kull knisja tal-post hi msejħa biex fiha nfisha turi d-dehra tal-Knisja universali, il-knejjes ġodda wkoll huma mistednin biex "bil-fatt u minnufih jissieħbu fil-missjoni universali tal-Knisja, billi huma wkoll jibagħtu missjunarji jxandru ma' kullimkien fid-dinja l-Evanġelju, wkoll jekk għandhom nuqqas ta' kleru. Ix-xirka fil-Knisja universali, b'xi mod, tilħaq il-perfezzjoni tagħha biss jekk dawn il-knejjes wkoll jissieħbu fil-ħidma missjunarja fost nazzjonijiet oħra" *(Ad Gentes,* 20). Hu dan l-ispirtu missjunarju li għandu jqanqal l-aktar lis-saċerdoti ħalli jkunu lesti jagħtu bidu għall-ħidma missjunarja mhux biss fid-djoċesi tagħhom, imma wkoll barra minnha, jekk mibgħutin mill-isqof tagħhom.

### 2. L-Opra ta' San Pietru Appostlu: mitt sena ta' servizz favur il-kleru indiġenu

Din is-sena jaħbat iċ-ċentinarju ta' l-Opra ta' San Pietru Appostlu: kif mill-qalb kollha ħeġġa ta' Pawlina Jaricot ħarġet l-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi, hekk mill-imħabba u s-sagrifiċċju ta' żewġ nisa oħra, Stefanja u Giovanna Bigard, omm u bintha, kellha bidu din l-inizjattiva fondamentali missjunarja. Ix-xrara tkebbset b'ittra ta' Mons. Cousin, isqof ta' Nagasaki, li fl-ewwel ta' Ġunju tas-sena 1889, kiteb lil dawn iż-żewġ nisa, li ġa kienu benefatturi tiegħu u kienu qegħdin igħinuh, illi kien qed jiċħad id-dħul fis-Seminarju lil xi żgħażagħ li xtaqu jsiru saċerdoti, għaliex ma kellux il-mezzi meħtieġa għall-formazzjoni tagħhom. Dawn iż-żewġ nisa qiesu l-ittra bħala appell tar-rieda ta' Alla, appell li ġab bidla radikali f'ħajjithom, għaliex saru tallaba bla heda għal dawk li kienu jixtiequ jsiru saċerdoti, u li fil-pajjiżi tal-missjoni kull jum dejjem aktar kienu qed iħabbtu l-bibien tas-Seminarji biex jitħulhom. Dawn iż-żewġ nisa ltaqgħu

ma' kull xorta ta' diffikultajiet, iżda ma waqfu qatt mill-impenn li għalih daħlu; qdewh bil-fedeltà kollha sa mewthom u kellhom il-grazzja jaraw l-Opra tagħhom approvata u mbierka mis-Santa Sede.

Mitt sena wara li twaqqfet, l-Opra ta' San Pietru Appostlu għall-Kleru indiġenu għadha tgħożż is-siwi tagħha għall-għan li għalih twaqqfet: "li tqajjem interess fost il-poplu nisrani fil-formazzjoni tal-kleru tal-post fil-knejjes tal-missjoni, u tistieden lill-poplu nisrani biex spiritwalment u materjalment igħin fit-thejjija tal-kandidati għas-saċerdozju." *(Statut ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji,* 15).

L-Opra ta' San Pietru Appostlu li ħassejtni fid-dmir li nsemmi u nirrikmanda f'dan il-messaġġ, għenet ħafna għall-iżvilupp tal-kleru indiġenu, u għada tagħmel ħidma mportanti ħafna bl-għajnuna li tagħti biex fil-knejjes ġodda s-Seminarji, id-djar ta' formazzjoni u ċ-ċentri ta' studji għoljin ikunu jistgħu jilqgħu fi ħdanhom u jhejju b'mod xieraq il-vokazzjonijiet indiġeni għall-impenn ta' l-appostolat.

Waqt li nrodd ħajr lil dawk li bit-talb u l-offerti tagħhom jissieħbu fil-programm ta' l-Opra ta' San Pietru, nistieden lil kulħadd biex ifaħħar 'l Alla għall-egħġubijiet li għamel permezz ta' Stefanja u Giovanna Bigard, li kkonsagraw rwieħhom kollhom kemm huma għall-ħidma missjunarja. Il-Knisja, kif ktibt fl-Ittra Appostolika *Mulieris dignitatem,* "trodd ħajr lil Alla għall-manifestazzjonijiet kollha tal-ħila tal-mara tul iż-żminijiet" (n. 31), u ma tistax ma tgħollix bit-tifħir lil Alla meta tqis xi frott ta' evanġelizzazzjoni u ta' qdusija tat l-Opra mwaqqfa miż-żewġ nisa Bigard.

**3. Il-membri kollha tal-Knisja jridu jimpenjaw ruħhom biex iġibu 'l quddiem il-vokazzjonijiet saċerdotali u missjunarji u biex jitħabbar l-Evanġelju**

L-Opra ta' San Pietru Appostlu tfakkarna fil-ħidma riservata għall-kleru – ħidma li l-kleru biss jista' jagħmilha – għax-xandir ta' l-Evanġelju. Il-komunitajiet insara jeħtieġu s-servizz pastorali tal-kleru għaliex is-saċerdoti jridu jmexxuhom fil-ħajja tagħhom ta' fidi u biex irawwmu fihom l-ispirtu missjunarju.

L-aqwa sfida li għandha l-Knisja fil-qadi tal-missjoni tagħha fid-dinja kollha hi dik tal-vokazzjonijiet, fis-suriet kollha li jista' jkollhom, jiġifieri vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali, jew reliġjuża, jew lajkali.

"Huma meħtieġa x-xandara ta' l-Evanġelju biex l-Evanġelju jixxandar fid-dinja. Għalhekk ilkoll, u l-aktar il-familji nsara, iridu jħossu li aħna lkoll responsabbli biex tinbet u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha vokazzjoni speċifikament missjunarja kemm ta' saċerdoti, u kemm ta' reliġjużi u ta' lajċi, billi nużaw il-mezzi kollha adatti, mingħajr ma nwarrbu qatt fil-ġenb il-mezz privileġġjat tat-talb, skond il-kliem tal-Mulej: 'Il-ħsad kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibghat ħaddiema fil-ħsad tiegħu.' (Mt 9, 37-38)" *(Christifideles laici,* 35).

Il-qagħda ta' llum, kif fakkart fl-istess Ittra Appostolika dwar il-vokazzjoni u l-missjoni tal-lajċi, titlob li, dwar id-dmir għax-xandir ta' l-Evanġelju, kull dixxiplu tal-Mulej għandu jħoss li hu msejjaħ personalment: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju." (1 Kor 9,16). L-in-

sara lajċi kisbu l-ħila għal din il-ħidma u ġew impenjati għaliha mis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija u middoni ta' l-Ispirtu s-Santu (ara *Christifideles laici*, 33).

Fid-dawl tas-sehem tal-lajċi filmissjoni universali tal-Knisja, tgħid m'huwiex sinjal ta' ferħ u ta' tama l-fatt li tnejn mill-erbgħa Opri Missjunarji, jiġifieri l-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi u l-Opra ta' San Pietru Appostlu, twaqqfu minn lajċi, anzi minn nisa kollhom ħeġġa u ħerqa għas-Saltna ta' Alla?

**4. Il-qadi dejjem sejjer ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji biex janimaw u jiffurmaw l-insara**

Għalkemm tkellimt l-aktar fuq l-Opra ta' San Pietru Appostlu, minħabba ċ-ċentinarju tat-twaqqif tagħha, ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ mingħajr ma nsemmi l-Opri missjunarji l-oħra: il-Propagazzjoni tal-Fidi, is-Santa Infanzia u l-Unjoni Missjunarja tas-Saċerdoti u Reliġjużi rġiel u nisa, opri li qed jaqdu l-Papa u l-knejjes partikulari kollha.

Dawn l-Opri, għalkemm qed jagħmlu l-attivitajiet proprji tagħhom, għandhom għan fondamentali wieħed: li **jqanqal u jżomm ħaj fi ħdan il-Poplu ta' Alla** – ragħajja u fidili – **spirtu missjunarju qawwi**, li juri ruħu f'impenn għall-vokazzjonijiet missjunarji, għall-għajnuna lill-missjonijiet kollha fid-dinja billi jwieġbu ghat-talbiet u l-ħtiġijiet tagħhom, li dejjem aktar qed jikbru, permezz tal-kontribut ġeneruż ta' l-insara kollha.

Il-Papa f'din il-ġurnata ta' mħabba universali, jitkellem f'isem il-foqra kollha tad-dinja, u l-aktar f'isem il-missjunarji li qed jitolbu l-karità lil ħuthom fil-fidi u lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Il-missjunarji qed jinħlew ixandru l-Evanġelju fil-postijiet ta' quddiem fl-artijiet tal-missjoni f'ħidma li llum ukoll tiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet u tiġrib u spiss titlob ukoll is-sagrifiċċju tal-ħajja stess. Għalhekk, f'isem il-knisja kollha, irrid ngħidilhom kelma ta' mħabba u ta' kuraġġ, biex huma u jaqdu l-appostolat tagħhom iħossu li huma msieħbin ma' Kristu Rxoxt, imwettqin bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u għandhom is-solidarjetà tal-komunità kollha ta' dawk li jemmnu.

Id-dixxipli kollha tal-Mulej għandhom dejjem jiftakru li l-Verġni Mqaddsa Marija, Sultana ta' l-Appostli u Omm il-ġnus kollha, hi għalihom ta' eżempju u ta' għajnuna fl-impenn missjunarju tagħhom. F'idejha nħalli l-ħidma missjunarja tal-Knisja u dawk kollha li jikkonsagraw ħajjithom biex titħabbar is-Saltna ta' Alla u l-Knisja fil-qalba tad-dinja.

Lill-missjunarji u lil dawk kollha li jgħinuhom u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jieħdu sehem fl-opra missjunarja tal-Knisja, nagħti bil-qalb il-barka appostolika, b'rahan ta' kull ġid missema u bħala sinjal ta' l-imħabba u tal-ħajr tiegħi.

Mill-Vatikan, illum 14 ta' Mejju 1989, solennità ta' Għid il-Ħamsin, fil-ħdax-il sena tal-Pontifikat.

**Ioannes Paulus PP. II**

Congregation for Catholic Education

# GUIDELINES
# for the Study and Teaching of the Church's Social Doctrine in the Formation of Priests

This document on the study and teaching of the social doctrine of the Church, released today by the Congregation for Catholic Education, is one of the series of documents produced by the Congregation to assist and guide centres of priestly formation to respond more effectively to the needs of our times. The idea of dedicating a specific document to the social doctrine of the Church has arisen out of the growing necessity which one notes throughout the world of promotion the formation of catholics committed to the social enterprise with the help of competent priests who are well prepared to do so. With this present document, then, the Holy See seeks to demonstrate its sensibility to this general situation and to respond to the concrete requests for guidance and help made by Bishops, Seminaries and various christian Communities.

In order to understand the nature and purpose of the document, it will be useful to outline its circumstances, history and principle points.

**1. The document in the actual situation of the Church and her Seminaries**

a) Taking account of this premise, it is no exaggeration to say that the present "Guidelines" respond to the climate that today is breathing through the Church and civil society and in which social problems are brought into high relief. In this situation it is evident how the social doctrine of the Church "is called upon with increasingly greater urgency to make its own specific contribution to evangelization, to dialogue with the world, to the Christian interpretation of reality, and to guidelines for pastoral action" (n. 2). Therefore, the principles, values and crieria for judgement cannot but be dutifully understood and assimilated by future priests and by other pastoral workers to whom falls the duty of educating consciences in a christian manner. The Church feels ever more committed to the defence of men and women, to their dignity, to their fundamental rights. This is happening not for reasons of conforming to current fashions, like some accessory or something extraneous, but out of internal necessity: we are treating of an ever greater fidelity of the Church to the Gospel, of a more profound and a clearer understanding of the true dimensions of her evangelising mission. In this very context the social doctrine of the Church is presented as a modern version of the gospel message which brings light to the mind and at the same time guides it towards concrete initiatives in favour of human development. In his noted discourse at Puebla in 1979, John Paul II said that this social doctrine "involves both principles for reflection and also norms for judgment and guidelines for action.

...to give it serious study, to try to apply it, to teach it, to be faithful to it: all this is the guarantee, in a member of the Church, of his commitment in the delicate and demanding social tasks, and of his efforts in favour of the liberation or advancement of his brothers and sisters. ... When injustices grow worse and the distance between rich and poor increases distressingly, the social doctrine, in a form which is creative and open to the broad fields of the Church's presence, must be a valuable instrument for formation and action" (III, 7).

b) It is evident that the realisation of such important educational objectives depends to a large extent on the quality of the formation which future priests receive in their Seminaries. Naturally, the Congregation for Catholic Education asks itself: does the teaching imparted today in centres of priestly formation effectively contribute to the knowledge and correct application of the Church's social doctrine? The answer derived from an enquiry conducted before the 1980s, and from current Apostolic Visitations and from Seminary reports is not entirely positive. There are many seminaries in which the social doctrine of the Church is effectively studied and taught, but there are others which leave much to be desired. In fact, there are some centres of priestly formation in which the study of the material has given way either to sociology or to the theology of liberation, or has been reduced to the treatment of current issues, thereby losing its systematic and educationally efficacious character. It may be said that alongside centres that are flourishing in their study of this discipline there are others which we may call "depressed" where there is only a dim, approximate idea of the matter.

It is this that has influenced the decision of this Congregation and of the Pontifical Council for Justice and Peace to proceed to the preparation of these "Guidelines" and which has determined its history and its principle points.

## 2. The history of the document

Conscious of the difficulties indicated above, the Congregation for Catholic Education has sought above all to offer institutes of priestly formation a very general programme of studies, concluding with some essential themes for teaching. When the project was presented in 1981 to the Pontifical Council for Justice and Peace, the idea emerged of clarifying all the principle methodological problems which the study of the material poses. In an Instruction to be published, all the problems connected with the origin, nature and purpose of the social teaching of the Church were to be confronted so that its study and dissemination could be set on a sound basis.

The present text has resulted from the consultations and draftings that began in 1982. In that year, in union with the Pontifical Commission "Justitia et Pax" a Commission of experts drawn from teachers of discipline in various Pontifical Universities was set up. This working-group presented a first draft of the Instruction in 1983, a draft which contained the thrust and fundamental points of the central nucleus of the present document. Thanks to a particular sensitivity, the

first and all the successive drafts were preoccupied with clarifying the doctrinal issues and the educational and organisational problems associated with them. Firstly therefore the document presents the issues regarding the existence, origin, nature, historical evolution, proper ends and limits of social doctrine; then, in a final chapter, it enters into the specific tasks of Seminaries. It order to give the teaching of this discipline a solid foundation, it has been judged necessary to go back to its roots to explain their origins, nature, essential components and historical development. It was necessary to explain how the move was made from a more or less monolithic and static conception and from a prevalently deductive methodolohy little by little, under the influence of the changed conditions of human society, to a more dynamic and differentiated conception and to an inductive method, based on the experience not only of the hierarchy but also of the laity who, by vocation, are in more direct contact with economic and social problems. To facilitate a proper understanding and acceptance, the theological and pastoral nature of the Church's social doctrine has been underlined; so too has its constitution and gradual maturation over the years in a non-systematic way but as a function of the preaching of the Gospel in the context of the more pressing problems of various times and places. While the document seeks to explain the changing aspects of social doctrine, it also contributes to the development of the permanent principles and values which constitute its soul, as one might say, guaranteeing its continuity of identity during its development and its unity in the diversity of its application which needs to be made in order to answer to particular historical and pastoral exigencies.

This first project was followed by further consultation with experts as well as with the Members of this Congregation, with consequent redraftings and retouches to the document. The present text demonstrates in a particular way the pastoral preoccupation of the Church to propose to all her community and to all people of goodwill the fundamental principles, universal criteria and suitable guidelines to suggest sound choices and appropriate action in every concrete situation. As we note in n. 27 of these present "Guidelines", "This teaching, therefore, is not 'a third way' between liberal capitalism and Marxist collectivism, nor even a possible alternative to other solutions less radically opposed to one another, but a disinterested service which the Church offers according to the needs of the times and places". Composed of "permanent elements" and of "contingnet elements", it is not an abstract system, closed and defined once and for all, but concrete, dynamic and open. At this point, I would like to say something about the vocalulary employed in the document. The two terms "social doctrine" and "social teaching" are used indistinctly in the document, though "social doctrine" generally refers to the theoretical aspect of social life, especially to the ethical principles which are at its base, while "teaching" speaks more of the practical implications for the translation of such principles in concrete historical situations.

3. **Treatment**

Here, all the elements and essential aspects which express the origins, history, contents and ends of this discipline which must be taken into account in its teaching are brought together. the various methodological and doctrinal concepts have been taken directly from Encyclicals and other Pontifical documents, underlining the difference between the doctrine contained in official declarations of ecclesiastical authority and the various systematic presentations published by scholars. In various important points the document also avails itself of the latest Encyclical of John Paul II, "Solicitudo rei socialis", which contains precious matter concerning the theological character and purpose of social doctrine.

a) The first chapter is on the nature of the social doctrine of the Church. It does not offer a definition but rather a description of its particular methodology and of its essential components. It is rooted in the Gospel in its doctrinal elements both permanent and contingent, thanks to which it is an autonomous discipline within the ambit of moral theology. As an eminently practical discipline, as mirrored in action, it is held in close contact with economic and social reality which it studies and treats with its own particular methodology which is open to the contributions of theology, philosophy and the positive social sciences.

b) In the second chapter the historical character of the social doctrine of the church is treated, bringing into relief the progressive formulation of a rich doctrinal patrimony corresponding to the more urgent problems across the years. Here one can see how fidelity to the original gospel inspiration induces the Church to accompany the human family in its vicissitudes, communicating with that which is more connatural and proper: secular experience and the complete vision of man, considered "in the whole truth of his existence, of his personal being and together with his communitarian and social being" (John Paul II, "Redemptor Hominis" n. 14).

c) The third chapter treats "principles and permanent values" which are of such great importance because they represent the central nucleus and the supporting structure of the social doctrine of the Church. Such principles in fact are nothing other than an explicitation and concrete projection of christian anthropology, derived from the Gospel and right reason, onto social realities. The fundamental point of reference for promotional action in this field is the human person, with his dignity and his analienable rights which must be respected and safeguarded in disinterested research for the common good. These principles enable us to see clearly why the Church holds on so firmly to her social teaching and considers it valid and irreplaceable also in this present time.

d) "Criteria for judgement" are treated in the fourth chapter. These relate particularly to the formation of christian consciences so that they be capable of making responsible decisions in their social commitment, being inspired by the principles of the Gospel. Objective judgements presuppose an objective knowledge of reality, not subordinated to any ideology, but capable of correction and of rethinking

when faced with new problems and new situations.

e) The fifth chapter treats "directives for social action". Since the social doctrine of the Church is both a theoretical and practical knowledge, it includes the invitation to take action in ways that are inspired by the fundamental principles and criteria for judgement illustrated in the preceding chapters. The social action of a christian is not deduced once and for all from abstract ethical considerations but takes shape in each situation in turn by means of the christian discernment of reality, interpreted in the light of the Gospel and the social teaching of the Church which thus demonstrates its relevance in each historic moment. The directives in this chapter include, for instance, respect for persons, respectful dialogue, formation in the necessary areas of expertise, the experience of temporal realities and the experience of faith, the practice of love and mercy. Thus though the presence of authentic christians the whole activity in the political and social field can be profoundly humanised and made noble for the common good of humanity.

f) The sixth chapter is concerned with imparting and organising the teaching, with particular reference to the needs of the formation of professors and of the studies of the students. In a few paragraphs we affirm that solid teaching and study of the social doctrine of the Church have their essential requisites which exclude improvised solutions. Professors must have a specific preparation, obtained in Institutes of Social Study approved by the Church, and they have the task of presenting genuine social doctrine with the necessary and appropriate adaptions to the problems of the particular Church. To assist in this task, the appendix in these "Guidelines" proposes a curriculum of studies. For the students the "Guidelines" suggest going beyond doctrinal formation to pastoral experience so as to put them in touch with the problems being studied. Especially, the "Guidelines" recommend that candidates for the priesthood be helped to become conscious of their task as educators of consciences in social matters.

The Congregation for Catholic Education, then, addresses this document to centres of priestly formation with its didactic directions together with a clear image of the social doctrine of the Church in the hope that it will be better known and appreciated by future priests so that moral, social and economic conditions may be improved. The possibilities and perspectives which this doctrine opens are realistic and of great moment because it reaches beyond resources purely human to the teaching of the Redeemer which, as John Paul II reminds us, is the only way of satisfying and realising that innate and insuperable desire for justice, fraternity and peace which stirs and guides the work of every person.

## Congregatio de Cultu Divino et disciplina Sacramentorum

# DECRETUM

Ecclesiae activitas missionalis ad gentes mandatum exsequitur divini Fundatoris, qui Apostolos misit in mundum universum ut Evangelium praedicarent cunctique populi ipsi Ecclesiae aggregarentur (Cf. Conc. Vat. II, Decretum Ad gentes, 6). Sic per eam completur divinum propositum universum genus humanum unum Populum Dei efformandi atque consilium adimpletur Creatoris, cum homines in Christo per Spiritum Sanctum regenerati ac divinam participantes naturam "Pater noster" dicere possunt (Cf. ibidem, 7).

Novellae autem christianae communitates, ad oeconomiam instar Incarnationis, in Christo radicatae Apostolorumque fundamento superaedificatae, in admirabile commercium omnes assumunt divitias nationum, quae Redemptori divino datae sunt in hereditatem. Ipsae e suorum populorum consuetudinibus et traditionibus, sapientia et doctrina, artibus et disciplinis, ea omnia mutuantur quae ad gloriam Creatoris confitendam, ad gratiam Salvatoris illustrandam et ad vitam christianam rite ordinandam conferre possunt (Cf. ibidem, 22).

XVI saeculo vertente et sequentibus, diversarum familiarum religiosarum missionariis praeeuntibus, Vietnamensis populus evangelicum nuntium audivit Deum cunctorum hominum esse Patrem eiusque Filium unicum mundi Salvatorem. Quod nuntium bene exceptum est a populo, qui peculiarem filiorum peitatem erga Deum Caeli manifestat atque sinceri gaudii apud eundem populum fructus collegit.

Sed acceptationem Evangelii iam ab initio persecutio sequebatur tamquam suprema erga Deum Patrem caritatis probatio (Cf. Conc. Vat. II, Lumen gentium, 42). Ecclesia enim Vietnamensis per suos filios et filias "scandalum crucis non erubuit" (Cf. Ad gentes, 24). Per tria saecula (XVII, XVIII, XIX), quibusdam tantummodo temporis spatiis in pace interiectis, permulti huius Ecclesiae christiani donum obtinuerunt martyrii: inter quos numerantur episcopi, presbyteri, religiosi et religiosae, catechistae utriusque sexus, viri laici et mulieres sociali condicione diversi.

Summus Pontifex Ioannes Paulus II e magno numero martyrum Vietnamensium centum decem septem martyres in Sanctorum album rettulit die dominica 19 iunii 1988, inter sollemnia in area quae respicit Basilicam sancti Petri celebrata. Quos inter martyres inveniuntur nonaginta sex Vietnamenses, undecim missionarii ex Ordine Fratrum Praedicatorum sancti Dominici, e Provincia a Sancto Rosario, ex Hispania oriundi atque decem missionarii gallici e Societate Missionum exterarum Parisiensium.

Cum vero celebratio liturgica sanctorum martyrum Christi paschale mysterium manifestet et christifidelibus cunctis exempla praebeat imitanda veluti signum Ecclesiae sanctitatis per tempora, opportunum visum est numero Sanctorum, qui in diversis continentibus Evangelii praeconio ac sanguine suo Ecclesiam aedificaverunt vel illustraverunt, et illos adiungere qui in regione Vitnamensi catholicae religionis exordia glorioso martyrio con-

secrarunt, unam Christi familiam in mundo congregantes.

Instante quidem Episcoporum Coetu Vietnamensi, litteris die 12 aprilis 1989 datis, ut celebratio Sanctorum Martyrum Vietnamensium **Andreae Dung-Lac, presbyteri et sociorum,** Calendario Romano generali inscriberetur, Summus Pontifex IOANNES PAULUS II eandem celebrationem in Calendarium Romanum inseri decrevit, statuens ut memoria Sanctorum Martyrum Vietnamensium quotannis die 24 novembris gradu memoriae obligatoriae ab omnibus peragatur.

Nova igitur memoria cunctis Ordinibus pro Missae et Liturgiae Horarum celebratione erit inscribenda atque eius indicatio ponetur in libris liturgicis cura Conferentiarum Episcoporum in posterum edendis.

Contrariis quibuslibet minime obstantibus.

Ex aedibus Congregationis de Cultu Divino et Disciplina Sacramentorum, die 1 iunii 1989.

EDUARDUS CARD. MARTINES
Praefectus

† LUDOVICUS KADA
Archiep. tit. Thibicensis
a Secretis

**Pornografija u Vjolenza fil-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali:**

## Tweġiba pastorali mill-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali

**Daħla**

1. F'dawn l-aħħar żminijiet fid-dinja seħħ tibdil kbir fl-għarfien tal-valuri morali, tibdil li ġab tibdil ieħor kbir ħafna fil-mod kif in-nies jaħsbu u jġibu ruħhom. F'dan it-tibdil fl-individwi u fis-soċjetà kellhom u għandhom sehem mill-aqwa l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, għaliex idaħħlu u juru suriet u modi ġodda ta' ħajja (1).

2. Xi tibdil żgur għandu aspett posittiv. Kif għadu kemm qal il-Papa Ġwann Pawlu II, "l-ewwel fatt sabiħ li miegħu niltaqgħu hu l-fatt li llum numru kbir ta' rġiel u nisa qed jagħrfu sewwa x'inhi d-dinjità tagħhom u dik tal-bnedmin kollha, bħala bnedmin... Fl-istess ħin, f'dinja maqsuma u mġarrba minn tant suriet ta' ġlied u ta' konflitti, in-nies bil-mod il-mod qed jikkonvinċu ruħhom li jiddependu ħafna u għal kollox minn xulxin u għalhekk jeħtieġu s-solidarjetà ta' xulxin u din twassalhom biex jifhmu li d-dipendenza minn xulxin hi wkoll f'livell morali." (2). F'din il-ħaġa kellhom sehem kbir il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

3. Iżda hafna tibdil kien għall-agħar. Flimkien ma' l-abbużi ta' qabel, żdiedu vjolazzjonijiet ġodda tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet tiegħu, tal-valuri u ta' l-ideali nsara. Għal dan ukoll huma responsabbli b'xi mod il-*mass media*.

4. Is-sehem li l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali kellhom f'dan it-tibdil ġej, kif ifakkar il-Konċilju Vatikan II, mill-fatt li, għalkemm hu veru li dawn il-mezzi "huma ta' għajnuna kbira għall-

familja kollha tal-bnedmin", hu wkoll veru li "l-bnedmin jistgħu jużawhom kontra l-pjan tal-provvidenza ta' Alla u hekk ibiddluhom f'mezzi ta' ħsara u ta' tiġrif għalihom." (3).

5. Fost l-iżviluppi tal-biża' li seħħu f'dawn l-aħħar snin hemm it-tkattir dejjem aktar tal-pornografija u tal-vjolenza għall-gost fuq il-*mass media*. Il-kotba u r-rivisti, ir-*recordings,* iċ-ċinematografu, it-tijatru, it-televiżjoni, il-*video cassettes,* l-avviżi fuq il-*media* kollha, u l-istess telekomunikazzjonijiet spiss juru xeni ta' vjolenza u ta' egħmil sesswali li hu qrib ħafna l-pornografija, li moralment ma jistgħux jiġu aċċettati.

6. It-tifħir bla qies u l-esaltazzjoni tal-vjolenza u tal-pornografija hi parti mill-imġiba tal-bniedem, ġejja minn imgħoddi mbiegħed ħafna, f'qagħdiet li juru d-dimensjoni l-aktar kerha tan-natura tal-bniedem imħassra mid-dnub. F'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena din l-imġiba kisbet dimensjoni kbira u qed toħloq problemi soċjali mill-aqwa. Waqt li qed tikber il-konfużjoni dwar in-normi morali, il-*mass media* wasslu l-vjolenza u l-pornografija lill-kotra l-kbira tan-nies, liż-żgħażagħ u lit-tfal ukoll. Fl-imgħoddi din il-qagħda kienet biss tinsab fil-pajjiżi għonja, iżda minħabba l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, issa qed tħassar ukoll il-valuri morali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

7. Il-*mass media* jistgħu jkunu mezz mill-aqwa għall-għaqda u għall-ftehim bejniethom tan-nies, iżda, min-naħa l-oħra, jistgħu jkunu wkoll mezz li jagħti dehra mgħawġa tal-ħajja, tal-familja, tal-valuri reliġjużi u morali; ta' dehra li ma turix rispett għad-dinjità vera u għad-destin tal-persuna tal-bniedem (4).

8. Dan id-dokument irid juri liema huma l-effetti l-aktar koroh tal-pornografija u tal-vjolenza fl-individwi u fis-soċjetà, u jrid juri liema huma l-kawżi ewlenin ta' din il-problema, kif narawh illum. Għalhekk id-dokument irid ifakkar x'mezzi għandhom illum, kontra din il-ħsara kollha, dawk li għandhom bħala professjoni l-*mass media,* il-ġenituri, l-edukaturi, il-pubbliku, l-awtoritajiet ċivili u ekklesjastiċi, l-istituzzjonijiet u l-organiżmi u l-gruppi li nsibu fl-oqsma privati.

**L-effetti tal-pornografija u tal-vjolenza**

9. L-esperjenza tagħna ta' kull jum twettaq l-istudji kollha li saru fid-dinja kollha dwar l-effetti ħżiena tal-pornografija u tal-vjolenza (5). B'pornografija fil-*mass media* nifhmu l-ksur, permezz tat-teknika awdjovisiva, tad-dritt għall-*privacy* tal-ġisem tal-bniedem, raġel jew mara.

Dan il-ksur jagħmel il-persuna tal-bniedem u l-ġisem tal-bniedem oġġett bla isem ħa jsir abbuż minnu bi skop ta' konkupixxenza; il-vjolenza, f'dan il-qasam, nistgħu nqisuha bħala preżentazzjoni, bi skop li tqanqal l-istinti l-aktar baxxi tal-bniedem, ta' egħmil jmur kontra d-dinjità tal-bniedem u li juri saħħa fiżika kbira magħmula b'mod li toffendi ħafna lil dak li jkun u li spiss tidher imqanqla minn passjonijiet baxxi. Xi kull tant, l-ispeċjalisti ma jaqblux dwar l-effett li jista' jkollhom dawn il-fenomeni fuq l-individwi u l-gruppi u dwar ir-reazzjonijiet tagħhom għalihom; iżda l-essenzjali tal-problema hu biżżejjed ċar u eżatt, u għalhekk għandu jinkwetana.

10. Ħadd ma jista' jqis ruħu ħieles mill-effetti ħżiena, li jbaxxu l-bniedem,

tal-pornografija u tal-vjolenza, u mħares mill-ħsara li jistgħu jagħmlu dawk li jiġu nflwenzati minnhom. L-aktar li jistgħu jintlaqtu ħażin huma t-tfal u ż-żgħażagħ, għaliex huma b'mod speċjali f'qagħda li jaqgħu vittmi tal-vjolenza u tal-pornografija. Il-pornografija u s-sadiżmu jbaxxu s-sesswalità tal-bniedem, iħassru r-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom, jassru l-individwi u l-aktar lit-tfal u lin-nisa, jeqirdu ż-żwieġ u l-ħajja tal-familja, iħajru għall-imġiba li tmur kontra s-soċjetà, u jdgħajfu s-saħħa morali tas-soċjetà.

11. Hi ħaġa għalhekk ċara li wieħed mill-effetti tal-pornografija huwa d-dnub. Is-sehem volontarju fit-thejjija u t-tixrid ta' dawn il-produzzjonijiet ħżiena għandna nqisuh bħala egħmil morali ħażin ħafna. Iżda, għax it-thejjija u t-tixrid ta' dawn il-produzzjonijiet ma sseħħx jekk ma jkunx hemm talba għalihom, dawk li jagħmlu użu minn dawn il-produzzjonijiet, mhux biss jagħmlu ħsara morali lilhom infushom, imma jgħinu wkoll biex joktor il-kummerċ ta' dawn il-produzzjonijiet.

12. Jista' jinħoloq taħwid kbir fit-tfal jekk jitħallew jaraw spiss xeni ta' vjolenza fuq il-*mass media* għaliex it-tfal ma għandhomx ħila jagħżlu bejn dak li hu fantasija u dak li hu realtà.

Aktar 'il quddiem is-sadiżmu fil-*mass media* jista' jwassal nies, l-aktar iż-żgħażagħ li jimpressjonaw ruħhom malajr, biex jaħsbu li s-sadiżmu hu ta' min jaċċettah, ħaġa normali u ta' min jimitaha.

13. Intqal li hemm rabta bejn il-pornografija u s-sadiżmu; ċerta sura ta' pornografija fiha nfisha u kif turi ruħha hi mimlija vjolenza. Min jara jew jaqra produzzjonijiet ta' din is-sura ta' pornografija jasal biex jibda jagħmel l-istess bħalma jara u jaqra, u jasal ukoll biex jitlef kull rispett għall-oħrajn, li fl-aħħar mill-aħħar huma wkoll ulied Alla u aħwa fil-familja kollha tal-bnedmin.

Ir-rabta bejn il-pornografija u s-sadiżmu toħloq komplikazzjonijiet partikolari għal min għandu xi marda mentali.

14. L-hekk imsejħa pornografija "soft-core" tista' twassal biex wieħed jitlef għal kollox kull sens ta' moralità, tant li jasal biex ma jimpurtah xejn, moralment u personalment, mid-drittijiet u d-dinjità tal-bnedmin l-oħra.

Il-pornografija, bħad-drogi, tjassar u twassal lill-individwu biex ifittex produzzjonijiet agħar u aktar eċċitanti, produzzjonijiet "hard-core". Għalhekk, aktar ma jmur 'l quddiem dan il-proċess, aktar tikber l-imġiba anti-soċjali.

15. Il-pornografija tħajjar għal ħafna fantasiji ħżiena u għal ħafna imġiba mhux xierqa. Hi ta' ħsara għall-iżvilupp morali tal-persuna u għal relazzjonijiet xierqa u għaqlin ma' ħadd ieħor, l-aktar fiż-żwieġ u fil-ħajja tal-familja, fejn għandhom importanza kbira l-fiduċja f'xulxin, il-lealtà u sħuħija morali fil-ħsieb u fl-egħmil.

16. Il-pornografija tfixkel il-karattru familjari tas-sesswalità vera tal-bniedem. Aktar ma wieħed iqis is-sesswalità bħala sodisfazzjoni biss tal-passjonijiet tiegħu, imġennen kif ikun għalihom, flok sinjal ta' mħabba fiż-żwieġ li ma tiġi nieqsa qatt, il-pornografija ssir mezz kapaċi jhedded il-ħajja tal-familja kollha kemm hi.

17. Fl-aħħar mill-aħħar, il-pornografija hi xi ħaġa li tqanqal u ssaħħaħ, qisha xi kompliċi li tgħin għal xi aggressjoni sesswali serja u perikoluża,

għal xi sekwestru ta' persuna, u għal xi qtil ukoll.

18. Wieħed mill-messaġġi ewlenin tal-pornografija u tal-vjolenza hu l-istmerrija ta' l-oħrajn li jitqiesu oġġetti, aktar mill-persuni. Għalhekk il-pornografija u l-vjolenza joħonqu l-ħlewwa u l-mogħdrija, u flokhom idaħħlu l-indifferenza u l-brutalità wkoll.

**Il-kawżi tal-pornografija u tal-vjolenza llum**

19. Waħda mill-kawżi ewlenin tat-tixrid tal-pornografija u tal-vjolenza fil-*mass media* forsi hi tixrid ta' morali permissiva ġejja minn ħerqa bla rażan għas-sodisfazzjon individwali tal-passjonijiet, jiġri x'jiġri. Flimkien ma' din il-ħerqa rridu nżidu vojt morali fil-bniedem iddisprat li jara biss fil-pjaċiri tas-senssi l-hena waħdieni li jista' qatt ikollu l-bniedem.

20. Għadd ta' kawżi oħra llum qed ikomplu jżidu l-pornografija u l-vjolenza. Fost dawn insemmu:

– **l-għatx għall-qligħ.** Il-pornografija tqalla' ħafna flus. Xi oqsma ta' l-industrija tal-komunikazzjonijiet ċedew għattentazzjoni li jipprofittaw mid-dgħufija tal-bniedem, l-aktar taż-żgħażagħ u ta' nies li malajr jimpressjonaw ruħhom, biex jaqilgħu l-flus minn produzzjonijiet ta' pornografija u ta' vjolenza. L-industrija tal-pornografija xi kull tant iġġib flus li, f'xi soċjetajiet, hi parti mill-kriminalità organizzata;

– **argumenti dgħajfa favur il-libertà tal-bniedem.** Il-libertà li turi l-fehmiet tiegħek, għal xi wħud tfisser li wieħed għandu b'xi mod iħalli għaddejja l-pornografija, ukoll jekk din se tkun ta' ħsara morali għaż-żgħażagħ u għad-dritt li kulħadd għandu għall-*privacy* tiegħu, u għall-ambjent tal-moralità pubblika. Xi wħud imbagħad jiżbaljaw meta igħidu li l-pornografija trid tiġġildilha billi tippermettiha bil-liġi. Dawn l-argumenti, xi kull tant, jiġu minn gruppi żgħar li ma jħaddnux il-valuri morali tal-kotra l-kbira tan-nies u ma jammettux li kull dritt magħruf u mħares iġib miegħu sura ta' responsabbiltà. Ir-responsabbiltà li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi biex iġibu 'l quddiem il-ġid morali taż-żgħażagħ, biex jintwera rispett lill-mara, biex tkun imħarsa l-*privacy* u l-imġiba morali tajba fil-pubbliku, turi li libertà m'hijiex l-istess ħaġa bħall-liċenzjosità, l-istess ħaġa bħal li kieku kollox hu permess;

– **in-nuqqas ta' liġijiet imfasslin tajjeb** jew l-applikazzjoni dgħajfa tal-liġijiet li jkun hemm biex iħarsu l-ġid ta' kulħadd, u speċjalment il-moralità taż-żgħażagħ;

– **l-inċertezza u l-apatija** ta' ħafna nies, fosthom membri tal-komunità ekklesjali li qed jiżbaljaw meta jqisu li huma ma għandhomx x'jaqsmu mal-problema tal-pornografija u tal-vjolenza fil-*mass media,* jew ma għandhomx ħila jsibu soluzzjoni għal dan il-problema.

**Kif insolvu dan il-problema**

21. It-tixrid tal-pornografija u tal-vjolenza permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali joffendi l-individwi u lis-soċjetà u joħloq problema li jitlob tweġiba malajr bil-fatti mill-individwi u mill-komunitajiet. Għandhom jiġu mħarsa kemm id-dritt li wieħed juri l-fehmiet tiegħu u d-dritt għall-bdil ta' informazzjonijiet bejn in-nies, iżda fl-istess ħin jeħtieġ ikun rispettat ukoll id-dritt ta' kull individwu, tal-familji u tas-soċjetà għall-*privacy,* għall-imġiba morali tajba fil-pubbliku, u għall-

ħarsien tal-valuri fondamentali tal-ħajja.

22. Għandna quddiemna seba' oqsma li fihom għandna naraw x'inhuma d-dmirijiet dwar din il-ħaġa: il-*mass media,* il-ġenituri, l-edukaturi, iż-żgħażagħ, il-pubbliku, l-awtoritajiet ċivili u ekklesjastiċi, u l-gruppi reliġjużi.

23. **Il-professjonisti tal-*mass media*.** Ma tkunx ħaġa skond is-sewwa tgħid li l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni soċjali u dawk kollha li jaħdmu fihom għandhom sehem f'dan it-traffikar tal-pornografija u tal-vjolenza. Ħafna mill-professjonisti fil-*mass media* huma magħrufin għall-kwalitajiet tajba professjonali u personali tagħhom; huma iħabirku biex jerfgħu r-responsabbilitajiet tagħhom, iħarsu bil-fedeltà kollha n-normi morali u għandhom rispett kbir għall-ġid ta' kulħadd. L-impenn tagħhom – speċjalment ta' dawk li jridu jagħtu programmi familjari tajbin – ħaqqu it-tifħir u l-ammirazzjoni tagħna, ħaqqu kull inkoraġġiment tagħna.

Nistiednu lil dawn il-professjonisti biex jiftehmu bejniethom ħa jfasslu u japplikaw fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali u tal-pubbliċità, normi morali li jfittxu l-ġid ta' kulħadd u bħala għan li jġibu 'l quddiem il-familja kollha tal-bnedmin. Dawn in-normi ta' mġiba huma meħtieġa b'mod speċjali għat-televiżjoni, li twassal il-programmi tagħha fid-djar fejn it-tfal spiss ikunu waħedhom mingħajr ħadd ma jissorveljahom. L-aħjar kontroll hu dak li wieħed jagħmel verament fuqu nnifsu, u l-kontroll fi ħdan kull mezz ta' komunikazzjoni soċjali hu l-aħjar mezz biex il-*media* li tkun tiddefendi ruħha minn dawk li jridu jħassru l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u s-soċjetà billi jfittxu jaqilgħu l-flus mill-produzzjoni ta' programi pornografiċi jew programmi ta' vjolenza.

24. **Il-ġenituri.** Il-ġenituri jridu jżidu l-isforzi tagħhom biex jagħtu formazzjoni morali sħiħa lit-tfal u liż-żgħażagħ. Dan ifisser ukoll li għandhom jgħinu kif iġibu ruħhom sewwa dwar is-sesswalità tal-bniedem, billi juru rispett sħiħ għal kull persuna, għaliex kull bniedem hu iben adottiv ta' Alla, billi jgħożżu l-virtù tas-safa, u billi jkunu kapaċi jikkontrollaw lilhom infushom. Ħajja ta' familja fejn il-ġenituri jgħixu l-fidi tagħhom u jħobbu verament lil xulxin u lil uliedhom hi l-aħjar skola għat-trawwim fl-ulied ta' valuri umani tajbin.

Illum imbagħad it-tfal u ż-żgħażagħ jeħtieġ li jkunu mrawwmin jagħżlu tajjeb il-programmi li jaraw, u jsiru nies kapaċi jużaw tajjeb dawn il-*media*. F'din il-ħaġa l-ġenituri jistgħu jinfluwenzaw lil uliedhom l-aktar bl-eżempju li jagħtuhom: l-indifferenza tagħhom jew in-nuqqas ta' kontroll fuqhom infushom fl-użu tal-*media* jistgħu jkunu ta' ħsara għaż-żgħażagħ għax jistgħu jifhmuhom ħażin. Ta' importanza kbira għaż-żgħażagħ hu l-eżempju li l-ġenituri jagħtuhom fl-imħabba u l-ħlewwa għal xulxin fiż-żwieġ, importanti wkoll hu l-fatt li l-ġenituri juru ruħhom dejjem lesti jiddiskutu bil-ħlewwa u bl-imħabba ma' uliedhom l-argumenti li jinteressawhom. Ta' min jiftakar li fil-qasam tal-formazzjoni "wisq aktar jinkiseb bil-persważjoni milli bil-projbizzjoni." (6).

25. **L-edukaturi.** L-edukaturi huma dawk li l-aktar igħinu lill-ġenituri fil-formazzjoni morali taż-żgħażagħ. L-iskejjel u l-programmi edukattivi l-oħra jridu jġibu 'l quddiem u jinsistu fuq il-

valuri morali u soċjali, biex tkun imħarsa l-għaqda fil-familja u fis-soċjetà, u t-tnejn jiżviluppaw b'mod xieraq.

Fost il-programmi edukattivi tal-*media* jiswew ħafna dawk il-programi li jgħinu biex joħolqu fiż-żgħażagħ qagħda kritika, kapaċi tagħmel għażla mill-programmi tat-televiżjoni, tar-radju u tal-*media* l-oħra, hekk li jkunu kapaċi jirreżistu kull sura ta' manipolazzjoni, u ma jkunux nies li joqgħodu jisimgħu jew jaraw programmi b'mod passiv u bi drawwa. Ta' min isemmi wkoll kemm hi ħaġa mportanti li fl-iskejjel tintwera l-importanza tar-rispett li għandu jintwera lill-persuna tal-bniedem, il-valur tal-ħajja tal-familja u s-sħuħija morali personali.

26. **Iż-żgħażagħ.** Iż-żgħażagħ stess jistgħu jwaqqfu t-tixrid tal-pornografija u tal-vjolenza fil-*media,* billi jilqgħu bil-qalb dak li jagħmlu għalihom il-ġenituri u l-edukaturi tagħhom u jkunu responsabbli tad-deċiżjonijiet morali li jieħdu fl-għażla tad-divertimenti tagħhom.

27. **Il-pubbliku.** Il-pubbliku wkoll irid isemma' leħnu. Kull wieħed għal rasu bħala individwu, u lkoll flimkien, iċ-ċittadini – u l-aktar iż-żgħażagħ – huma fid-dmir li juru kif jaħsbuha lill-produtturi, lill-aġenti kummerċjali, u lill-awtoritajiet ċivili. Jeħtieġ li malajr iseħħ djalogu bejn il-professjonisti tal-*media* u r-rappreżentanti tal-pubbliku, b'mod li dawk li jaħdmu fil-komunikazzjonijiet soċjali jkunu jafu sewwa x'iridu dawk li jużaw il-*media* u x'inhuma l-interessi tagħhom.

28. **L-awtoritajiet ċivili.** Dawk li jagħmlu l-liġijiet, dawk li jamministrawhom, dawk li jaraw li jiġu mħarsa, u l-ġuristi huma msejħin biex jagħtu tweġiba għall-problema tal-pornografija u tal-vjolenza fil-*media.* Fejn ma hemmx, għandhom isiru liġijiet xierqa; fejn il-liġijiet mhumiex ċari biżżejjed, għandhom jiġu ċċarati; u l-liġijiet li hemm għandhom jiġu applikati sewwa.

Il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal pornografiku għandu mplikazzjonijiet internazzjonali, għalhekk il-ħidma għall-kontroll ta' dan it-traffikar għandu jsir ukoll fuq livell reġjonali, kontinentali, u mondjali. Dawk li ġa ħadu xi passi għal dan il-kontroll jistħoqqilhom l-appoġġ u l-inkoraġġiment kollu tagħna (7).

Il-liġi u dawk li huma fid-dmir li jaraw li tiġi mħarsa għandhom id-dmir qaddis li jħarsu l-ġid ta' kulħadd b'mod speċjali l-ġid taż-żgħażagħ u tal-membri l-aktar dgħajfa tas-soċjetà.

Meta nqisu dak li ntqal dwar il-ħsara li jagħmlu l-pornografija u l-vjolenza, għandna naslu għal din il-konklużjoni: il-ġid ta' kulħadd hu dejjem aktar milqut u mhedded minn dawn il-produzzjonijiet, aktar ma' dawn joktru u jinxterdu bla restrizzjoni u bla kontroll.

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom iħossu d-dmir li jfittxu jieħdu passi ħa jiffaċċjaw dan il-problema fejn ġa jeżisti u jżommuh 'il bogħod fejn għad ma sarx problema urġenti u ta' qtigħ il-qalb.

29. **Il-Knisja u l-gruppi reliġjużi.** L-ewwel responsabbiltà tal-Knisja hi li tgħallem dejjem u b'mod l-akar ċar il-veritajiet morali fondamentali, fosthom dawk il-veritajiet li għandhom x'jaqsmu mal-moralità sesswali. F'dan iż-żmien ta' permissività u ta' konfużjoni dwar il-valuri morali, il-leħen tal-Knisja jrid ikun leħen profetiku: dan iwassal biex il-Knisja spiss titqies bħala sinjal li jmeruh.

L-hekk imsejħa "morali" tas-sodisfazzjon individwali minnufih ta' kull passjoni, ma tħallix li l-bniedem jasal għall-milja sħiħa tiegħu bħala persuna.

It-trawwim għall-ħajja tal-familja u għar-responsabilitajiet fil-ħajja soċjali jitlob li wieħed ikun imrawwem sewwa fil-ħajja ta' safa u ta' kontroll tiegħu nnifsu. Il-pornografija u l-vjolenza għall-gost, għall-kuntrarju, jwasslu biex idallmu x-xbieha ta' Alla li tidher f'kull persuna tal-bniedem, idgħajfu ż-żwieġ u l-ħajja tal-familja, u jagħmlu ħsarat kbar lill-individwi u lis-soċjetà.

Il-Knisja hi msejħa biex, kullimkien, u, fejn jista' jkun, mal-knejjes l-oħra u ma' denominazzjonijiet u gruppi reliġjużi, tgħallem u ġġib 'il quddiem messaġġ. Trid timpenja l-istituzzjonijiet u l-ministri tagħha biex tingħata formazzjoni xierqa dwar l-użu tal-*mass media* u dwar is-sehem li għandhom fil-ħajja ta' l-individwu u tas-soċjetà. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-għajnuna lill-ġenituri f'dan il-qasam. Hu għalhekk li l-edukazzjoni fil-*media* hi parti mill-programmi edukattivi ta' l-iskejjel kattoliċi, u ta' inizjattivi oħra tal-Knisja fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tas-Seminarji (8); u hi wkoll parti mill-programmi ta' formazzjoni għar-reliġjużi rġiel u nisa u tal-membri ta' l-istituti sekulari, tal-programmi ta' l-aġġornament tas-saċerdoti, u tal-laqgħat fil-parroċċi għaż-żgħażagħ u għall-adulti. Is-saċerdoti, ir-reliġjużi rġiel u nisa, impenjati fil-qasam ta' l-edukazzjoni, huma fid-dmir li jagħtu eżempju ta' għażla xierqa fl-użu tal-*media* kemm ta' produzzjonijiet stampati u kemm ta' produzzjonijiet awdjovisivi.

30. Biex nagħlqu, mhux biżżejjed u f'waqtu li l-Knisja tikkundanna jew tirrestrinġi biss l-użu tal-*mass media*. Għall-kuntrarju, il-Knisja trid tkun impenjata fi djalogu dejjem sejjer mal-professjonisti tal-*mass media* li jafu x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom ħa tqawwilhom qalbhom fil-missjoni tagħhom u tappoġġjahom fejn hu meħtieġ u jista' jkun. Il-professjonisti kattoliċi tal-*mass media* u l-organizzazzjonijiet professjonali tagħhom, li jafu sewwa l-materja tagħhom, huma mistednin ħa jkollhom sehem mill-aktar importanti u effettiv f'dan id-djalogu.

31. Il-kritiċi kattoliċi u l-organizzazzjonijiet kattoliċi tal-komunikazzjoni soċjali, huma u jqisu bil-kuxjenza kollha, skond il-prinċipji ċari tal-morali, il-pubblikazzjonijiet u l-produzzjonijiet kollha jkunu jistgħu jagħtu għajnuna mill-aqwa lill-professjonisti tal-*mass media* u lill-familji. Id-direttivi li ġa hemm fid-dokumenti tal-Knisja dwar il-*mass media,* fosthom dawk id-dokumenti li xi isqfijiet ġa ħarġu dwar il-pornografija u l-vjolenza, jixraq li jiġu meqjusa sewwa u applikati b'mod sistematiku.

32. Dan id-dokument hu miktub għal dawk il-familji li wrew sewwa t-tħassib kollu tagħhom, għar-ragħajja tal-Knisja biex jistedinhom jaħsbu aktar fit-tul dwar in-natura morali ta' dan il-problema, jiġifieri tat-tixrid tal-pornografija u tal-vjolenza permezz tal-*mass media* li tant kiber b'mod speċjali f'dawn l-aħħar snin u dwar kif tista' sseħħ tassew l-istedina ta' San Pawl: "Tħallix il-ħażen jirkbek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb." (Rum 12,21).

Kunsill Pontifiċju tal-Komunikazzjonijiet Soċjali
Belt tal-Vatikan, 7 ta' Mejju 1989.

XXIII Jum tal-Komunikazzjonijiet Soċjali

† **JOHN P. FOLEY**
*President*

**Mons. PIERFRANCO PASTORE**
*Segretarju*

# NOTI

1. *Communio et progressio,* 22
2. *Sollicitudo rei socialis,* 26
3. *Inter mirifica,* 2 a

4. *Familiaris consortio,* 76; ara Ġwann Pawlu II, Messaġġ għal Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali, 1980.

5. Nistgħu nsemmu: (i) *Pornography, the Longford Report,* Ricerche-Mursia, Milan, 1976; (ii) *Finsl Report of the Attorney General's Commission on Pornography,* Rutledge Hill Press, Nashville, Tennessee, 1986; (iii) ISPES (Istituto di Studi Politici, Economici e Sociali), *e Il Rapporto sulla Pornografia in Italia,* Roma 1986 u 1988.

6. *Communio et progressio,* 67

7. Fost oħrajn il-Komunità Ekonomika ta' l-Ewropa (CEE), il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO ħadu xi inizjattivi għal dan il-għan.

8. Ara Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni nisranija, *Guide to the Training of Future Priests concerning the instruments of Social Communications,* Città del Vaticano, 1986.

## Dikjarazzjoni ta' l-Isqfijiet
## 1 ta' April 1989

Bħala mexxejja spiritwali ta' dawn il-gżejjer, huwa dmir u missjoni tagħna li nfittxu li nżommu fostna l-Maltin rabta ta' paċi ma' Alla u bejnietna.

Hu għalhekk ta' niket kbir għalina naraw li f'żewġ okkażjonijiet, il-bieraħ, il-Ġimgħa 31 ta' Marzu 1989, twettqu atti ta' vjolenza li aħna niddeploraw.

Nitolbu bil-qalb li l-Mulej idawwal l-imħuħ ta' dawk li wettqu dawn l-atti ta' vjolenza biex jagħrfu n-nuqqas tagħhom irażżnu lilhom infushom u jġibu ruħhom tajjeb għall-ġejjieni.

Aħna nemmnu li fil-qalb tagħna l-Maltin għandu jkun hemm għana ta' imħabba għal xulxin bħala aħwa kif ukoll rispett u apprezzament lejn iż-żamma u l-ħarsien ta' l-ordni pubbliku f'artna.

Nistiednu għalhekk lil ħutna l-Maltin jingħaqdu magħna fit-talb lill-Mulej biex il-vjolenza, li minnha nfisha tiżra' l-firda u tmur kontra l-ispirtu nisrani u kontra s-sens ta' vera għaqda u paċi, tieqaf u tinqered darba għal dejjem minn fostna.

Nappellaw lil ħutna l-Maltin kollha, b'mod speċjali lil dawk li għandhom xi sehem fit-tmexxija ta' pajjiżna u fil-formazzjoni ta' l-opinjoni pubblika, biex fil-kliem, fil-kitba u fl-imġiba kollha tagħhom jaħdmu b'sinċerità għall-paċi u l-għaqda, u ma jgħidu, jiktbu u jagħmlu xejn li jista' jwassal għall-vjolenza, għax il-vjolenza tnissel vjolenza u jista' jasal mument li ħadd ma jkun jista' jrażżanha.

Nieħdu din l-opportunità biex nuru s-solidarjetà tagħna ma' dawk kollha li minħabba dak li ġara nhar il-Ġimgħa, sofrew xi deni jew ħsara.

## DIKJARAZZJONI TA' L-ISQFIJIET
## 3 ta' Ġunju 1989

Hu ta' dispjaċir għalina l-Isqfijiet ta' dawn il-gżejjer li għal darb'oħra reġa' għandna okkażjoni li niddeploraw atti ta' vjolenza li ġraw fostna.

Ma nistgħux ma nħossuniex sorpriżi u mnikkta, u nafu li magħna hemm il-kotra l-iktar kbira ta' ħutna l-Maltin, meta l-bieraħ ċelebrazzjoni ta' żwieġ li fiha nnifisha hija okkażjoni ta' ferħ għaż-żewġ għarajjes, għall-familjari tagħhom u għall-komunità parrokkjali kollha, inbidlet f'inċidenti gravi ta' vjolenza fejn saħansitra sfaw feruti xi wħud minn ħutna. Dawn l-inċidenti juru fuq kollox nuqqas serju ta' rispett lejn id-drittijiet u d-dinjità tal- bniedem.

Kien x'kien li nissel, qanqal u kabbar l-inċidenti vjolenti, il-vjolenza tibqa' dejjem ħaġa ħażina. Id-drittijiet taċ-ċittadini jridu jiġu dejjem imħarsa sewwa u f'kull każ. Huwa dmir ta' kull min għandu xi responsabbiltà fuq ħaddieħor jew li jifforma l-opinjoni pubblika li jaħdem bil-kelma, bil-kitba u bl-imġiba biex dawn id-drittijiet jiġu qabel kull interess ieħor. Dan għandu wkoll id-dmir li jmexxi lil ħaddieħor f'din il-linja.

F'din l-okkażjoni rridu wkoll nuru s-solidarjetà tagħna ma' dawk kollha li f'dawn l-inċidenti sofrew xi offiża, deni jew ħsara.

## IL-JUM MONDJALI TAL-MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI
## ( Il-Ħadd, 7 ta' Mejju 1989)

# MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

Iċ-ċelebrazzjoni tat-23 Jum Mondjali tal-Komunikazzjoni Soċjali qed taħbat ma' egħluq il-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-Komunikazzjoni Soċjali, li issa qed tinbidel f'Kunsill Pontifiċju. Fl-istess ħin, din is-sena jaħbat ukoll il-Ġublew tal-Fidda tad-Dokument "Inter Mirifica", tal-Konċilju Vatikan II, dwar il-Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali.

Fl-okkażjoni ta' dawn l-anniversarji importanti, il-Knisja ħasset li jkun xieraq li għall-Jum Mondjali tal-Komunikazzjoni Soċjali ta' din is-sena, tagħżel is-suġġett "Ir-Reliġjon fil-Media".

**Il-presenza reliġjuża fil-Mass Media**

L-istedina hija biex nirriflettu dwar il-presenza reliġjuża fil-mass media. Biex naraw, ilkoll flimkien, komunikaturi u riċevituri, x'hemm bżonn isir biex il-presenza Nisranija fid-djalogu pubbliku tkun iżjed kredibbli u iżjed ħajja.

Għaldaqstant, ikun f'waqtu jekk aħna wkoll, f'Malta, nagħrblu x'inhi l-kwalità tal-presenza reliġjuża fil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali li għandna f'pajjiżna u kif nistgħu ntejbuha.

Fil-Messaġġ tiegħu għal dan il-Jum, il-Papa Ġwanni Pawlu II, f'isem il-Knisja kollha, radd ħajr lid-dinja tal-komunikazzjoni soċjali għall-post li qed tagħti lir-reliġjon fil-mass media.

Dan igħodd ukoll għall-mass media f'Malta. Il-possibiltajiet u l-wisgħa li dawn il-mezzi qed joffru għal tagħrif, dokumentazzjoni u diskussjoni ta' natura reliġjuża, huma apprezzati ħafna.

Fil-fatt, fejn tidħol ir-reliġjon, l-imġiba tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali ta' Malta, toffri ħafna li hu tajjeb. Imma mhux kollox hu tajjeb jew l-aħjar li jista' jkun. Hemm ukoll id-dgħajjef.

Ikun ta' dispjaċir kbir meta fil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, li għandhom influwenza hekk kbira fil-formazzjoni ta' l-opinjoni pubblika, wieħed isib li l-kwistjonijiet ta' natura reliġjuża jew li jolqtu l-Knisja, jiġu trattati b'sensazzjonaliżmu, b'superfiċjalità, b'parzjalità jew bi preġudizzju.

Fil-fatt, ikollna nistqarru li, filwaqt li fejn tidħol il-Knisja lokali dak li hu pożittiv ma tantx isib min japprezzah tassew u jmexxih 'il quddiem, dak li wħud iqisu bħala negattiv spiss jingħata attenzjoni kbira, ġieli esaġerata, mill-mass media jew minn uħud minnhom.

Hemm ukoll problemi oħrajn.

Hemm il-problema ta' dawk li fejn jidħlu r-reliġjon u l-Knisja in-"news value" jkun biss, jew kważi, fl-affarijiet li jogħġobhom politikament jew li jistgħu jpinġu ikrah lill-avversarji politiċi u l-għażliet tagħhom. Hemm dawk li għal skopijiet politiċi jew f'tendenzi ta' ġurnaliżmu avventuruż jagħżlu t-triq ta' l-ispekulazzjonijiet jew l-interpretazzjonijiet mibnijin fuq tagħrif li ma jkunx ġie verifikat.

Hemm ukoll persuni li minkejja l-ħsara kbira li tista' ssir lill-isforzi ġenwini li jkunu qed iseħħu biex jinħattu l-ħitan tal-firda u jikber is-sens ta' solidarjetà u għaqda bejn kollna kemm aħna, joqogħdu jfittxu fil-grajjiet ta' l-imgħoddi

biex ifakkru u jtambru fuq ċerti affarijiet.

## Sehem il-Mass Media biex joktor il-ftehim

Lil dawk kollha li huma responsabbli mill-mass media jew li jikkontribwixxu fihom, il-Knisja tistedinhom biex jaħsbu fuq kemm ġid jista' jsir jekk tant riżorsi tal-mass media, li sa llum forsi għadhom qed jintużaw ħafna b'mod li jkattru l-kultura tas-suspetti u tan-nuqqas ta' fiduċja f'xulxin, jintużaw biex joktor il-ftehim.

Il-ġurnalisti li jkunu kapaċi jagħrfu, jaċċettaw, japprezzaw u jmexxu 'l quddiem ukoll dak kollu li jkun tajjeb u validu saħansitra f'dak li jgħidu jew jagħmlu oħrajn li jkollhom fehmiet differenti minn tagħhom, inkluż fejn tidħol il-politika, ikunu qed jagħtu eżempju mill-isbaħ ta' responsabbiltà u ġenerożità.

Din mhix ħaġa faċli, speċjalment f'realtà bħalma għandna f'pajjiżna. Kif nafu lkoll, il-problemi huma diversi. Fosthom hemm il-problema li mhux kulħadd hu kapaċi jegħleb it-tentazzjoni li juża ħażin il-kritika kostruttiva ta' min ikollu fehmiet differenti minn tiegħu. Wieħed jiltaqa' wkoll ma' każi fejn uħud, flok jirreċiprokaw is-sens ta' onestà u rġulija li ħaddieħor ikun wera magħhom, ipattulhom it-tajjeb tagħhom b'imġiba li tikkaġunalhom deni u ħsara.

Iżda min minkejja dan kollu jkollu l-kuraġġ li jibqa' jħabrek biex iħott il-ħitan tal-firda u fejn hemm l-inkwiet jitnisel is-sliem, ikun qed jaħdem b'risq il-verità u l-ġid komuni.

Il-ġurnalisti li jagħżlu din it-triq ħaqqhom kull tifħir u kull appoġġ. Il-Knisja tinkuraġġihom. Tħeġġiġhom biex ma jaqtgħux qalbhom fil-ħidma tagħhom b'risq l-ogħla ġid ta' kulħadd.

## Għajnuna lill-Knisja fil-kontribut tagħha

Il-Knisja tistieden ukoll lill-ġurnalisti biex meta jħarsu lejha jifhmu u jgħożżu wkoll dak li hija qed tfittex li tkun fi żmienha u l-kontribut li hija tixtieq u trid tagħti lill-komunità tagħna fid-dawl tar-realtajiet ta' llum. Il-mezzi ta' komunikazzjoni lill-Knisja jistgħu jgħinuha ħafna fil-ħidma tagħha biex iġġib 'il quddiem il-verità, l-imħabba, il-maħfra, il-ġustizzja u r-rispett lejn xulxin, waqt li tkun ukoll sinjal u strument ta' sliem u għaqda bejn kulħadd.

Il-Knisja ma tixtieqx u ma tridx tara lill-Maltin jispiċċaw qishom magħluqin f'żewġ gruppi politiċi li juru sfiduċja aggressiva f'xulxin. Il-Knisja tixtieq tara lill-Maltin magħqudin. Il-fehmiet u l-mentalitajiet differenti jibqgħu. Iżda dan ma għandux ifixkel milli sseħħ l-għaqda. M'għandux ifixkel milli l-Maltin kollha jifhmu s-sejħa li l-Knisja qed tagħmlilhom u trid twasslilhom bl-għajnuna wkoll tal-Mass Media, biex igħixu tassew l-imħabba Nisranija.

## Messaġġ ta' tama

Fil-Messaġġ għall-Jum Mondjali tal-Mass Media ta' din is-sena, il-Papa talab lil dawk li huma responsabbli tal-mass media biex juru li tkun tisthoqqilhom l-okkażjoni li qed tingħatalhom li jwasslu l-messaġġ tat-tama u tal-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla bil-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali, billi jfittxu li jkollhom livell kemm jista' jkun għoli fil-qadi morali u prattiku tal-professjoni tagħhom. Dan il-parir tal-Papa jgħodd għalina wkoll. Il-fibra tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali

tkun b'saħħitha daqskemm dawk li jikkontribwixxu fihom jagħrfu jħaddnu u jħaddmu valuri li quddiem nett iqegħdu l-imħabba ta' Alla u l-imħabba għall-bniedem. Jekk u meta l-iskala ta' dawn il-valuri tibda tiddgħajjef b'konsiderazzjonijiet li fl-ewwel post iqegħdu interessi bħalma huma dawk ta' politika partiġjana jew ta' kilba qawwija għall-poter jew il-flus, bilfors jiġri li s-sens ta' direzzjoni jiċċajpar u jiddallam. U meta jiġri hekk, ikun faċli li jifqar ukoll il-post li wieħed jiddedika għar-reliġjon fil-mass media jew il-mod kif iħares lejn u jittratta s-suġġetti reliġjużi.

Hu eżattament minħabba f'hekk li wieħed isib tant okkażjonijiet fejn l-importanza li tingħata lil suġġetti reliġjużi jew tal-Knisja, kif ukoll l-atteġġjament li jkun hemm lejhom, ikunu jirriflettu xkiel serju fl-imħabba ta' dak li jkun għar-reliġjon u l-Knisja.

**Il-post tar-reliġjon fil-'mass media'**

Fil-Messaġġ tiegħu l-Papa qed jappella lil dawk li għandhom responsabbiltà jew sehem fil-qasam tal-mass media biex lir-reliġjon jagħtuha l-post kollu li hu tagħha fil-komunikazzjoni soċjali.

Il-Papa jispjega li meta jsir hekk, wieħed ikun jista' jara kemm dawn is-suġġetti reliġjużi għandhom il-qawwa jispiraw lin-nies, sakemm jiġu preżentati tajjeb minn professjonisti li jkunu huma stess konvinti minnhom fil-fond ta' qalbhom. Jispjega wkoll li meta min ikun jaħdem fil-komunikazzjoni soċjali jkun miftuħ għall-messaġġ reliġjuż, il-messaġġ li jagħti jkun aħjar u aktar interessanti.

F'dan l-appell tal-Papa wieħed għandu jsib il-gwida li jinħtieġ kull min irid jaħdem tassew biex ir-reliġjon ikollha l-post li jista' u għandu jkollha fil-mass media u fil-ħajja tas-soċjetà.

Hija sejħa biex wieħed jibni fuq dak li hu sod waqt li fl-istess ħin, b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet ta' l-oħrajn, ifittex il jirranġa dak li hu dgħajjef.

## FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM – 1989

## MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

Il-Knisja f'Malta wkoll qiegħda tfakkar illum il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Tkun għalhekk ħaġa f'postha li nistaqsu: "X'inhu l-messaġġ li l-Knisja trid twasslilna llum, lilna lkoll li qed ngħixu f'dawn iż-żminijiet?" Il-messaġġ hu twissija u sejħa.

**Id-dmir ta' solidarjetà**

Il-Knisja l-ewwelnett twissina biex ma niġux imqarrqin mill-għajta ta' ħafna ideoloġiji, partiti politiċi u trejd-unjons li biex ifissru kemm ġid, żvilupp u progress iġibu għall-ħaddiem, ikellmuh biss fuq kemm għoljiet il-produzzjoni fix-xogħol, fuq kemm flus qed igħinuh idaħħal u kemm servizzi u benefiċċji oħra jiksbulu. Ikellmuh fuq dan kollu iżda mingħajr ma jinsistu wkoll, kif qal il-Papa Pawlu VI fl-Enċiklika, **Populorum Progressio**, fuq id-dmir ta' solidarjetà, jiġifieri fuq il-problema tar-relazzjonijiet tal-ħaddiema, tal-bnedmin ma' xulxin, kullimkien u f'kollox.

Hu sewwa li nifhmu li din it-twissija hija f'postha, għax kif turina wkoll l-esperjenza, il-ġid, progress u żvilupp veru mhumiex biss ġid, progress u

żvilupp ekonomiku u tekniku. Dawn għandhom ukoll karattru morali kif ukoll għandu karattru morali kull ma jista' jfixkel il-progress. Dan il-karattru morali jeħtieġ li ma jiġi qatt imwarrab, anzi hemm bżonn jitqies bħala l-aktar importanti.

Il-qagħda kerha ta' għadd ta' ħaddiema fid-dinja, li fuqha bosta drabi tkellem il-Papa u li tidher b'mod speċjali fil-firda fuq il-postijiet tax-xogħol, turi li minkejja l-ġid, il-progress u l-iżvilupp ekonomiku, li ilna żmien nisimgħu fuqhom, il-bniedem għadu ma kisibx il-veru ġid, il-veru progress kif titlob iddinjità tagħna bħala bnedmin.

Meta ngħarblu fid-dawl ta' l-Evanġelju din il-qagħda ta' firda, dan in-nuqqas ta' paċi fost ħafna mill-ħaddiema, ukoll fostna, irridu nammettu li dan hu qabel kollox problema morali, deni morali kbir, frott ta' ħafna dnubiet li spiss iwasslu għall-"istrutturi tad-dnub". Dan id-deni morali jrid jintgħeleb bil-qawwa tal-virtù morali bħalma hi s-solidarjetà.

Biex ikollna ġid, progress u żvilupp veru, irridu nħarsu u nġibu 'l quddiem dak li hu tar-ruħ. Dan ifisser li l-bniedem fil-ħidma tiegħu, irid igħin lil ħuh bi spirtu ta' solidarjetà. Fi kliem ieħor, kif qalilna l-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-**Sollicitudo Rei Socialis,** il-veru ġid u progress jinsab fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu u għandu jgħin biex jiġu 'l quddiem ir-relazzjonijiet ta' l-individwi mas-soċjetà.

## Sejħa għal impenn soċjali

Il-Knisja qiegħda tagħmel ukoll sejħa. Hija sejħa qawwija lill-kuxjenza tagħna lkoll. Il-Knisja qed issejjħilna biex nagħrfu u nwettqu l-impenn soċjali li aħna lkoll għandna lejn ħutna, lejn kulħadd u hekk naħdmu tassew għall-ġid, progress u żvilupp veru tal-ħaddiema kollha, tagħna lkoll.

Hija sejħa lilna lkoll, b'mod speċjali lill-politiċi, trejd-unjonisti u kull min hu fid-dmir li jagħti lill-bniedem, lill-ħaddiem, ħajja aktar tixraq lill-bniedem. Il-Knisja qed issejjħilna biex, imdawwlin minn spirtu ta' solidarjetà, nintebħu kemm hi meħtieġa malajr konverżjoni tal-qalb, bidla fl-imġiba spiritwali tagħna. Dawn huma meħtieġa biex neqirdu d-deni morali tal-firda li għandna u naqbdu t-triq għall-għaqda, għall-paċi vera, li hu l-progress veru tal-bniedem. Is-solidarjetà, bħala virtù Nisranija, tgħidilna biex skond il-verità dwar Alla u dwar il-bniedem, il-proxxmu tagħna ma jkunx għalina biss persuna, meqjusa daqs kull persuna oħra u mżejna bid-drittijiet fundamentali tagħha, iżda jsir għalina xbiha ħajja ta' Alla l-Missier, mifdija bid-Demm ta' Kristu u ħuna fi Kristu.

Din il-virtù tgħinna nifhmu dejjem iżjed li għandna nħobbu l-proxxmu tagħna kollu, wkoll jekk hu jkun għadu tagħna, bl-istess imħabba li biha jħobbu Alla. Is-solidarjetà ttennilna li għandna nkunu dejjem lesti li nagħmlu kull sagrifiċċju għal ħutna u fid-dawl tal-verità jkollna rispett għall-opinjonijiet, it-twemmin u l-għażliet, kemm politiċi, soċjali, sindakali u reliġjużi ta' kulħadd.

## Impenn soċjali sod

Dawk kollha huma valuri meħtieġa għall-ġid u progress veru tal-ħaddiema tagħna kollha. Għalhekk jitolbu minna lkoll impenn soċjali sod favur id-dipendenza tagħna minn xulxin u l-kooperazzjoni flimkien. Dan ifisser impenn soċjali sod favur is-solidar-

jetà, li hija kundizzjoni neċessarja għall-veru ġid u progress.

Kulħadd huwa mistenni li jagħraf u jwettaq dan l-impenn soċjali, b'mod speċjali l-politiċi, it-trejd unjons u s-sidien tal-fabbriki u postijiet oħra tax-xogħol.

Dawn kollha għandhom id-dmir li jaħdmu għall-veru ġid u progress ta' kulħadd, jiġifieri ta' kull ħaddiem, ta' kull wieħed minna, għax aħna lkoll responsabbli ta' xulxin.

### Il-libertà fis-sħubija fil-unjons

Huwa d-dmir ta' dawn kollha li jħabirku, b'rieda soda u kostanti, favur is-solidarjetà u jaraw li l-ħaddiema kollha jkollhom tabilħaqq, fost ħwejjeġ oħra, il-libertà fis-sħubija mat-trejd-unjon li jridu huma. Minkejja l-flus kollha li jistgħu jdaħħlu, il-ħaddiema huma dejjem ilsiera u maħqurin jekk ikunu membri ta' xi unjon kontra qalbhom, għax jafu li jekk iħallu jistgħu jġarrbu deni kbir billi, fost ħwejjeġ oħra, mhux dejjem jingħatawlhom ċansijiet ta' xogħol u qligħ ta' flus daqs ħaddieħor u aktarx jiġu ibbojkotjati minn sħabhom, li jgħidu li ma jkunux iridu jaħdmu magħhom.

Dan hu deni morali serju li jkisser il-vera demokrazija, għax ikisser il-vera libertà li hi dritt ta' kull ħaddiem, ta' kull bniedem. Għalhekk huwa dmir tan-Nisrani li jaqdi b'kull sagrifiċċju, dan l-impenn soċjali, ukoll jekk hu biss ħaddiem wieħed li qed igħix f'din is-sitwazzjoni kritika ta' jasar. Ħaddiem wieħed, bniedem wieħed, huwa wisq aktar prezzjuz mill-ġid kollu li jista' jkollha d-dinja kollha.

L-ispirtu ta' solidarjetà għalhekk jitlob li fl-għażliet u deċiżjonijiet li nagħmlu fil-kamp tax-xogħol ma nħallu qatt li niġu maħkumin minn interessi personali, egoistiċi jew partiġjani, kontra l-interessi veri ta' kulħadd. Meta jiġri dan, nistgħu naslu biex naraw u niġġudikaw ħażin il-veru ġid, progress u żvilupp tal-ħaddiema, tagħna lkoll. Meta jiġri dan, nistgħu saħansitra naslu li nimponu fuq xi ħadd, li jkun jiddependi minna u jrid it-tajjeb, ir-rieda, il-ħakma egoistika, partitarja tagħna, bil-konsegwenzi koroh kollha, li ġġib ħakma bħal din.

Kull deċiżjoni għandha tweġiba għar-rieda ta' Alla u jkun ta' ġid mhux limitatament għal partit jew grupp, iżda għall-ġid ta' kulħadd, jew aħjar tal-bniedem sħiħ u ta' kull bniedem.

Meta nkasbru dan il-valur morali, ikunu qed jitkissru s-sisien tal-valuri l-aktar fundamentali ta' soċjetà libera u demokratika, jiġifieri ta' soċjetà li trid u tiffavorixxi l-parteċipazzjoni fl-oqsma kollha tagħha, bħalma huma l-ħajja politika, l-istituzzjonijiet tagħha, il-ħajja industrijali, kif ukoll il-kooperazzjoni ekonomika u soċjali.

Is-solidarjetà titlob parteċipazzjoni minn kulħadd, kbar, żgħażagħ, irġiel u nisa. Titlob li dawn jifhmu dejjem aħjar il-ġid veru li jinkiseb meta nagħrfu u napprezzaw kemm niddependu minn xulxin u kemm għalhekk għandna naħdmu għal xulxin.

### Iċ-ċaqliq ta' ħaddiema minn post għal ieħor

Is-solidarjetà tgħin ħafna biex fil-fabbriki u postijiet tax-xogħol, il-persuna, id-dinjità tal-ħaddiem, tar-raġel u tal-mara, ikunu stmati ndaqs u tassew; ħielsa minn kull sfruttament u diskriminazzjoni. L-ambjent tax-xogħol għandu jkun wieħed li jirrifletti ġustizzja dejjem u ma' kulħadd. Fost

ħwejjeġ oħra, dan igħodd għal meta jsir ċaqliq a' ħaddiema minn post għal ieħor. Dan ifisser li jridu jkunu ġusti kemm id-deċiżjoni għaċ-ċaqliq tal-ħaddiem, kif ukoll it-trattament li mbagħad ikollu l-istess ħaddiem.

Ix-xogħol, il-produzzjoni għandhom ikunu għas-servizz u għall-ġid tal-bniedem. Il-bniedem ma għandu qatt ikun ilsier jew magna f'idejn ħaddieħor għat-tkattir bla rażan tal-flus.

Dawn il-ftit riflessjonijiet jgħinuna nifhmu li s-solidarjetà hija meħtieġa biex ikollna l-veru ġid, progress u żvilupp, kif ukoll il-vera paċi.

Irridu nagħrfu li aħna lkoll aħwa, ulied ta' Missier wieħed li qiegħed fis-smewwiet; li aħna lkoll niddependu minn xulxin u għalhekk aħna lkoll, mill-kbir saż-żgħir, ninħtieġu li nikkonvertu u nuru li nħobbu tassew lil xulxin, ħalli flok ma niġu miżmuma lura minħabba suspetti f'xulxin, naħdmu flimkien għall-ġid ta' kulħadd, ta' kull bniedem, u mhux għall-interessi limitati għal xi grupp jew partit.

Is-solidarjetà hija duwa qawwija biex infejqu l-ġerħa tal-firda minn fostna, minn fuq il-postijiet tax-xogħol. Din il-virtù Nisranija titlob minnha li bħal Ġesù, min iħaddem ikun l-ewwel qaddej ta' kull ħaddiem, biex iħarislu u jġiblu 'il quddiem il-veru ġid tiegħu u ma jibdlu qatt mal-flus jew qligħ ieħor materjali, interessi egoistiċi u partiġġjani.

**It-tagħlim soċjali tal-Knisja**

Jinħtieġ nissaħħu f'din il-virtù, billi b'rieda soda inkunu tassew u dejjem aħwa bejnietna u nitħarrġu fuq kollox fit-tagħlim soċjali tal-Knisja, li hu kostanti u fl-istess ħin dejjem ġdid u għalhekk jiswa għal kull żmien.

Barra li niġu mħarrġa sewwa f'dan it-tagħlim, kif għall-grazzja ta' Alla qed isir f'movimenti soċjali ta' ispirazzjoni Nisranija, ukoll f'pajjiżna, jeħtieġ li mbagħad nagħtu xhieda ta' din is-solidarjetà.

Hekk jista' jiżdied in-numru ta' mexxejja kompetenti u għaqlin, li jgħinuna u jħeġġuna nħobbu u ngħinu lil xulxin, hu ta' liema hu l-kulur politiku tagħna. B'hekk ukoll inkunu nwettqu l-impenn soċjali tagħna u naħdmu għall-ġid, progress u paċi vera ta' kull wieħed u ta' kulħadd billi ndaħħlu l-valuri ta' l-Evanġelju fir-realtà temporali, fid-dinja tax-xogħol.

Dan l-impenn soċjali għandu jqajjem il-kuxjenzi min-nagħas tagħhom u jfakkarna fir-responsabbiltà li għandna għal xulxin.

Huwa impenn li jimbuttana nidħlu f'kull post fejn hemm ħaddiem, fejn hemm bniedem li jgħix, ħalli naqsu miegħu s-sabiħ u l-ikrah ta' ħajtu u miegħu naħdmu b'rieda soda, iżda mingħajr vjolenza, biex jitneħħew kull deni u inġustizzja u jiġu magħrufin dejjem u rispettati l-ħtiġiet u d-drittijiet tiegħu.

# MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF LILL-GĦALLIEMA

Nieħu gost ħafna niltaqa' magħkom u nħoss li għandi nirringrazzjakom għal kull darba li tagħtuni l-okkażjoni li nkun fostkom. Inħossni rikonoxxenti ħafna lejkom għall-ħidma tagħkom fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Dan ir-rikonoxximent kbir lejkom inħossu għaliex naf ukoll kemm intom ħerqana li taqdu l-missjoni tagħkom dejjem aħjar. L-imħabba tagħkom lejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna timbuttakom biex tfittxu kif tgħallmuhom u tgħinuhom jikbru bħala nies tassew ħielsa.

## Missjoni nobbli

Ma hemmx ħidma, missjoni, aktar nobbli minn dik li tgħallem u tgħin liż-żgħar u liż-zgħażagħ jikbru bħala nies ħielsa. Hija missjoni li sseħibkom fl-istess missjoni ta' l-Iben ta' Alla, li ġie fid-dinja biex bl-eżempju u t-tagħlim tiegħu, nitgħallmu nagħmlu t-tajjeb u naħarbu d-dnub li jftittex dejjem li jassarna. Kif il-missjoni tagħkom isseħibkom fil-missjoni ta' Ġesù, hekk ukoll titlob minnkom li l-imħabba tagħkom, l-interess tagħkom fiż-żgħar u ż-żgħażagħ, ikunu bħall-interess u l-imħabba li Ġesù għandu lejna: xejn inqas. Fi kliem ieħor, iż-żgħar u ż-żgħażagħ tagħna jridu jħossu li intom iddedikati f'kollox u għal kollox għalihom. Iridu jħossu li intom tagħhom. Iridu jħossu li bejnkom u bejnhom ma jidħol xejn li jista' jfixkel id-dedizzjoni sħiħa tagħkom lejhom.

## L-ogħla prijorità

Kif Ġesù ta ħajtu għalina, hekk intom, għeżież għalliema, tridu tkunu lesti tagħtu kollox – il-ħin u l-ħidma tagħkom kollha – għall-ġid ta' dawk fdati f'idejkom. Il-ħidma tagħkom fost it-tfal u ż-żgħażagħ irid ikollha l-ewwel post, l-ewwel prijorità, fuq kull interess ieħor li jista' jkollkom.

Fostkom hawn għalliema li huma membri ta' għaqdiet u movimenti, kemm fi ħdan il-Knisja kif ukoll ta' natura oħra. Dan għandu t-tajjeb tiegħu. Madankollu, inħeġġiġkom iżżommu dejjem quddiemkom li l-ewwel priorità tagħkom huma t-tfal, l-edukazzjoni u l-formazzjoni tagħhom. Jien żgur li intom tafu li m'għandkom qatt twettqu xi ħidma jew xogħol ieħor, ikun tajjeb kemm ikun, li jnaqqas il-ħeġġa u l-ħidma tagħkom mat-tfal u ż-żgħażagħ.

## Tfal li jinħtieġu min iħobbhom

It-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, ta' llum, forsi aktar minn żmien ieħor, jinħtieġu l-imħabba u l-ħidma tagħkom. Għandna ħafna tfal li għalihom id-dar mhix post ta' kenn, ta' imħabba u ta' għajnuna. Għandna ħafna tfal li jħossu rwieħhom waħedhom, mingħajr l-għajnuna ta' kelma tajba u ta' inkuraġġiment. Bosta tfal isibu ħafna tfixkil fil-ħajja. X'uħud jisfaw vittmi ta' ħafna vizzji, mingħajr ma jsibu lil ħadd fid-dar minn jagħdirhom u jgħinhom ifiequ.

Naħseb li tafu li hawn min għadu żgħir u li għadu jmur l-iskola, imma li diġà sema' jew qara kliem, inkella ra għemil, li jimbuttawh lejn il-mibegħda, il-ġlied u l-firda. Kultant it-tfal ikunu missew ukoll mas-serq, id-droga u tant vizzji oħrajn.

Dawn huma kollha tfal u żgħażagħ tagħna li qed jitolbuna li nħobbuhom, li ngħinuhom. Dan ifisser li jeħtieġ li naċċettawhom kif inhuma. Ma għandna niskantaw bid-difetti ta' ħadd iżda nemmnu fit-tjubija ta' kulħadd, ukoll jekk din it-tjubija tkun moħbija.

Dan ifisser ukoll li barra li tgħallmuhom il-Malti, l-Ingliż u s-suġġetti l-oħra, tridu wkoll, anzi tridu qabel kollox, timmiraw biex tgħallmuhom u tgħinuhom jikbru nies ħielsa. Dan twettquh meta tinqdew b'kull okkażjoni biex turuhom li intom tħobbuhom, tagħdruhom u tridu tqaċċtu minn fuqhom kull jasar, kull madmad li qed jagħfas fuqhom. Il-ħidma tagħkom ma tispiċċax, ma tiqafx fit-tagħlim tas-suġġetti, iżda trid tħares u tibni l-formazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ bħala nsara u ċittadini tajbin.

**Ħtieġa ta' għożża akbar**

Iż-żgħar u ż-żgħażagħ huma l-ġawhar tagħna. Huma prezzjużi quddiem Alla u quddiem kull min iħobb is-sewwa. Madankollu, jiddispjaċini ngħid, ukoll f'pajjiżna fil-prattika m'aħniex ngħożżuhom kif imiss. Hawn min hu ta' skandlu għalihom. Qed nesponuhom, b'ħafna modi, għal ħafna deni morali, ħafna ħażen u dizordni.

Dan jitlob li intom, l-għalliema, tkellmuhom fuq il-valuri nsara li huma l-qofol ta' kull ħajja ordinata kemm fi ħdan il-familji, għaqdiet u gruppi oħra, kif ukoll fis-soċjetà. Qegħdu quddiemhom lil Ġesù bħala l-bniedem l-aktar perfett ta' l-umanità. Ħeġġuhom biex jirbħu l-ħażin bit-tajjeb. Għidulhom li lil Alla jsibuh magħhom dejjem. Uruhom, bil-ħajja tagħkom stess, li wieħed jista' jgħix ta' nisrani tajjeb u ċittadin onest. Fissrulhom li aħna qed nistennew lilhom biex bil-ħajja onesta, għaqlija u bieżla tagħhom infiequ mill-ħafna deni u ħsara li qed jassruna u ngħaddulhom soċjetà aħjar.

**Wara l-Griżma ta' l-Isqof**

Qed inwasslilkom dan il-messaġġ għaliex ninnota li f'pajjiżna, malli t-tfal jagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof, ħafna minnhom ma jibqgħux imorru l-lezzjonijiet tad-duttrina ħalli jitgħallmu jgħixu aħjar kif irid Alla. Ninnota wkoll, b'dispjaċir kbir, li bosta ġenituri lanqas iħeġġu lit-tfal tagħhom, wara li jkunu ħadu l-Griżma, biex ikomplu jmorru fl-għaqdiet reliġjużi u jkomplu jitgħallmu l-Kelma ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja. Dan qed jagħmel deni kbir lilna lkoll, kemm bħala poplu ta' Alla u wkoll bħala soċjetà ċivili.

Għalhekk nitlobkom biex intom, bil-ħajja u bit-tagħlim tagħkom, tagħtu lit-tfal dak kollu li qed jitilfu għaliex ikunu qed jinqatgħu mit-tagħlim tad-duttrina nisranija. Tkunu qed tissupplixxu għan-nuqqas ta' ħafna ġenituri. Tkunu qed tgħinu liż-żgħar u liż-żgħażagħ tagħna jagħrfu aktar is-sewwa, iħobbuh u jwettquh.

Alla jgħinkom f'din il-ħidma prezzjuża tagħkom. Hija ħidma favur il-ħelsien sħiħ tal-bniedem. Hija ħidma biex il-bniedem jitgħallem u jitħarreġ iħobb dejjem 'l Alla u lill-proxxmu tiegħu kollu.

Lit-tfal u liż-zgħażagħ kellmuhom ukoll fuq il-vokazzjoni għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża. Għidulhom jitolbu ħalli Alla jagħżel minn fosthom ħafna u ħafna żgħażagħ u jibgħathom biex ixandru ma' kullimkien il-Bxara t-Tajba, bħala saċerdoti, reliġjużi u lajċi nsara. Il-futur ta' Malta hu f'idejkom. Jien nitlob għalikom biex bl-eżempju u bil-ħidma tagħkom tagħrfu ssawru moħħ u qalb iċ-ċkejknin tagħna fl-imħabba u fis-sewwa. Hekk, flimkien ma' Ġesù u għal Ġesù, skond kif titlob il-missjoni tagħkom tkunu persuni li tagħtu kollox għal ħaddieħor.

*Laqgħa ta' l-Azzjoni Kattolika għall-Għalliema.*
*Istitut Kattoliku, Furjana.*
*27 ta' Mejju 1989.*

# LEJLA TA' SOLIDARJETÀ MAL-KOMUNITÀ TERAPEWTIKA TA' SAN BLAS

## Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Nieħu pjaċir li wkoll f'din l-okkażjoni ta' Lejla ta' Solidarjetà mal-Komunità Terapewtika ta' San Blas nuri l-apprezzament tiegħi għat-tajjeb kollu li jsir f'pajjiżna u fl-istess ħin ngħid kelma ta' inkuraġġiment lil dawk kollha li qed jaħdmu għat-tajjeb.

Biex f'pajjiżna nkunu nistgħu nkomplu nibnu u nsaħħu t-tajjeb irid ikollna fina u ngħixu bejnietna lkoll l-ispirtu ta' solidarjetà, fuq l-eżempju ta' Ġesù u kif tgħallimna l-Knisja u turina bil-ħafna istituzzjonijiet karitatevoli u soċjali tagħha mwaqqfa sa mill-qedem fostna.

Hu dan l-ispirtu ta' solidarjetà li jgħinna nħarsu lejn xulxin bħal aħwa u bl-ikbar sinċerità nagħmlu ħilitna biex ngħinu lill-bniedem jgħix skond id-dinjità li taħ Alla.

Hu dan l-ispirtu ta' solidarjetà, hi din l-imħabba sinċiera lejn il-bniedem, li naraw fil-missjoni li Ġesù ġie biex iwettaq fostna l-bnedmin. Alla sar bniedem bħalna biex magħna jaqsam l-esperjenzi kollha tal-ħajja umana barra dik tad-dnub, inħobbna kif aħna u fl-istess ħin jgħinna nqumu mill-miżerji tagħna biex nagħmlu l-ġid lil xulxin u hekk tinħoloq l-għaqda ma' Alla u bejnietna.

Din il-Komunità Terapewtika ta' San Blas hi eżempju ħaj ieħor ta' kemm il-Knisja f'Malta qed turi u tgħix il-fedeltà tagħha ma' Alla u mal-bnedmin. Hi prova ċara oħra ta' kif il-poplu Malti, meta jkun mgħejjun biex jara u igħozz it-tajjeb, jaf iwarrab kull tfixkil u jingħaqad flimkien favur il-bniedem.

Kif qed naraw minn din il-Komunità Terapewtika, kif ukoll mill-Induction Centre tal-Furjana, inwaqqfin mill-Caritas, ix-xogħol, il-ħidma u l-appostolat favur il-bniedem, li ħafna drabi jiġi maħkum minn vizzji minħabba l-egoiżmu ta' xi wħud minn ħutu, jista' jsir biss jekk kulħadd jagħti sehmu - kull wieħed skond ir-rwol tiegħu li hu determinat min-natura tiegħu.

L-ordni, jiġifieri s-suċċess, il-ġid favur il-bniedem, jinkiseb biss meta dawn ir-rwoli jiġu rispettati u ma nitolbux u ma nistennewx li wieħed jagħmel ix-xogħol ta' l-ieħor. Dan igħodd għal kull qasam tal-ħajja.

Din il-Komunità, din il-familja li qed tgħix hawnhekk, qed turi li fejn jidħlu l-valuri morali, bħalma huma l-imħabba għal xulxin u l-ispirtu ta' solidarjetà, kulħadd għandu jkollu għan wieħed u naħdmu flimkien. Ninkuraġġixxi lil kulħadd biex nimxu lkoll f'din it-triq u ma npoġġu xejn qabel il-bniedem.

Il-Knisja għanda l-missjoni tagħha, li tahielha Alla, li titfa' dawl u wkoll tagħti ġudizzju etiko-reliġjuz fuq dak kollu li jolqot id-dinjità tal-bniedem. Fejn hemm kaz li tiddizapprova, il-Knisja ma tieqafx fil-kundanna, imma mwieżna mill-grazzja ta' Alla taċċetta lilna kif aħna u jekk ikollna ħtija ta' xi ħsara tgħinna nintrefgħu min-nuqqas u vizzju tagħna biex flimkien ma' sħabna nerġgħu naħdmu għall-ġid ta' kulħadd.

Madankollu l-Knisja ma tieħux post l-istituzzjonijiet ċivili leġittimi li, b'mod li jixraq lill-bniedem u skond il-kompetenza tagħhom, għandhom id-dover li

jaraw li ssir ġustizzja, kif ukoll li jrazznu u jwaqqfu kull ma jfixkel il-ġid u l-kobor tal-bniedem.

Nieħu pjaċir nassoċja ruħi mar-ringrazzjament li ngħata kemm lill-Gvern ta' qabel kif ukoll lill-Gvern ta' llum, għal dak kollu li sar u qed isir favur din l-opra mmexxija mill-Knisja b'risq il-bniedem.

Il-Knisja f'dan il-qasam trid u tistenna wkoll l-għajnuna ta' istituzzjonijiet ċivili biex il-bniedem jiġi protett milli jkun vittma ta' min irid jistrumentalizzah għall-interessi tiegħu, bħalma huma l-interessi ta' poter jew flus.

Inrodd ħajr lil dawk kollha li qed jgħinu biex f'pajjizna, anke permess ta' din il-Komunità Terapewtika, bissehem ta' kulħadd, jiġi mħares dejjem aħjar dan l-ispirtu ta' solidarjetà. Hekk ngħixu l-qawmien li kisbilna Kristu, għax is-solidarjetà ta' bejnietna tgħinna nirbħu fuq kull firda biex insiru tassew nies ġodda.

23 ta' Ġunju 1989.

## DIGRIET DWAR IS-SEGRETARJAT TAL-LITURĠIJA

Kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, "Il-Liturġija hija l-quċċata li lejha timxi l-ħidma tal-Knisja u fl-istess waqt l-għajn li minnha tnixxi kull qawwa tagħna". Minn hawn tiġi l-ħtieġa li l-ħajja liturġika kollha tal-Knisja tkun tassew qawwija u li ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha jithejjew u jsiru minn kulħadd bl-aħjar mod possibli, biex il-komunità nisranija kollha kemm hi tkun tista' taqdi sewwa l-missjoni tagħha ta' qima lil Alla u ta' evanġelizzazzjoni u salvazzjoni tal-bnedmin.

Il-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi (1986—1991) fassal l-objettivi tiegħu sewwa sew bil-għan li l-Knisja f'Malta tissaħħaħ fiha nnifisha biex taqdi aħjar "il-missjoni ta' evanġelizzazzjoni li għandha fis-soċjetà Maltija u fir-relazzjonijiet tagħha mad-dinja". Fost dawn l-objettivi l-Pjan iqiegħed bħala t-tielet wieħed dak ta' Knisja msaħħa fil-ħajja liturġika tagħha, l-aktar għal dak li jolqot il-Liturġija Ewkaristika u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Biex iġib 'il quddiem it-tisħiħ u tiġdid fil-ħajja liturġika tal-Knisja f'Malta taħt ħafna aspetti, u biex jikkoordina l-ħidma kollha fl-Arċidjoċesi f'dan il-qasam, kif ukoll f'dawk ta' l-Arti u Mużika Sagra, il-Pjan ħaseb biex jitwaqqaf Segretarjat għal-Liturġija.

B'digriet tiegħi tat-3 ta' Diċembru 1986, flimkien ma' Segretarjati oħra waqqaft Segretarjat għal-Liturġija u ħtart lil Dun Valentin Borg, M.S.Th, bħala Delegat tiegħi għalih. Fl-istess digriet Jiena kont semmejt li 'l quddiem kelli nagħti regoli u direttivi dwar l-istruttura u l-komposizzjoni tal-Kunsill tas-Segretarjati u dwar materji oħra meħtieġa jew utli għall-ħajja u għall-ħidma tagħhom.

B'dan id-digriet qiegħed issa nagħti regoli u direttivi dwar il-kompetenza ta' dan is-Segretarjat, dwar id-Delegat tiegħi fih u dwar il-Kunsill tiegħu, biex is-Segretarjat ikun jista' jagħti dejjem aħjar is-sehem tiegħu għall-isvilupp u t-tisħiħ tal-ħajja liturġija tal-Knisja f'Malta.

**1. Kompetenza tas-Segretarjat**

1.1 Is-Segretarjat għal-Liturġija jkun responsabbli li:

(1) Janima l-ħidma pastorali liturġika fl-Arċidjoċesi biex il-Liturġija tkun ċelebrata b'mod xieraq u ħaj għall glorja t'Alla u għat-tqaddis tal-Poplu tiegħu.

(2) Jinkoraġġixxi l-apprezzament aktar fil-fond tal-kobor u s-sbuħija tal-Liturġija fost il-membri kollha tal-Knisja u s-sehem sħiħ tagħhom fiha skond il-kariżmi u l-funzjoni ta' kull wieħed.

(3) Jara li jiġu żviluppati u mħarsa kif jixraq l-ispirtu ġenwin ta' krejattività fil-Liturġija u l-fedeltà lejn id-direttivi ta' l-Awtorità tal-Knisja.

1.2 Is-Segretarjat għalhekk għandu:

(1) Jieħu ħsieb li f'kull parroċċa jkun hemm kummissjoni liturġika parrokkjali, iżomm kuntatt magħhom, iħeġġiġhom u jgħinhom biex jagħtu ħajja lill-liturġija parrokkjali billi jwasslu lil kulħadd biex jieħu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

(2) Jara li tingħata thejjija xierqa lill-Akkoliti u Letturi, barra s-Seminaristi u membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata, ukoll jekk ma jkunux istitwiti fil-Ministeri; kif ukoll lill-Animaturi tal-Liturġija fil-knejjes u ċentri liturġiċi kollha fl-Arċidjoċesi.

(3) Jara li tingħata formazzjoni xierqa lill-Abbatini u li jitwaqqfu u jiżviluppaw l-għaqdiet tagħhom.

(4) Bl-għajnuna tal-Kummissjoni għall-Arti Sagra:

(i) iġib 'il quddiem l-Arti Sagra u l-apprezzament tagħha u, b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura, l-edukazzjoni fiha.

(ii) jara li jsir inventarju sħiħ u dettaljat ta' l-opri li jinsabu fil-knejjes u f'bini ieħor ta' l-Arċidjoċesi, u li jkun hemm ħarsien xieraq ta' dawn l-opri.

(iii) jara li opri ġodda fil-knejjes isiru biss fejn meħtieġa jew pastoralment utli, u meta jkunu ta' livell artistiku xieraq.

(5) Bl-għajnuna tal-Kummissjoni għall-Mużika Sagra:

(i) iġib 'il quddiem il-mużika sagra u l-apprezzament tagħha u, b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura, l-edukazzjoni fiha.

(ii) joħroġ direttivi dwar il-kant u l-mużika fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, skond l-aħħar direttivi ta' l-Awtorità tal-Knisja.

1.3 It-tmexxija tas-Segretarjat hija fdata lid-Delegat ta' l-Arċisqof megħjun mill-Kunsill tas-Segretarjat.

## 2. Id-Delegat ta' l-Arċisqof

2.1 Il-Kap tas-Segretarjat huwa d-Delegat ta' l-Arċisqof.

2.2 Bħala rappreżentant ta' l-Arċisqof, id-Delegat janima u jikkoordina l-entijiet li jaħdmu fil-qasam tal-Liturġija fl-Arċidjoċesi, u jara li l-ħidma tagħhom tiġi dejjem 'il quddiem.

2.3 Għal dan il-għan, id-Delegat ikollu fakoltajiet u dmirijiet, kemm dawk komuni għad-delegati tas-Segretarjati kif ukoll dawk speċifiċi għad-Delegat ta' dan is-Segretarjat, li jiġu stabiliti minn żmien għal żmien minni u mis-Suċċessuri tiegħi.

## 3. Il-Kunsill tas-Segretarjat

3.1 Biex ikun jista' jagħmel sewwa l-ħidma tiegħu, is-Segretarjat ikollu Kunsill li fuqu jkunu rappresentati l-entijiet li jaħdmu fil-qasam tal-Liturġija fl-Arċidjoċesi.

3.2 Il-funzjonijiet prinċipali tal-Kunsill huma li:

1. Jgħin lid-Delegat fit-tħaddim tal-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi.

2. Jgħin lid-Delegat fit-tfassil tal-'policies' ta' l-Arċidjoċesi fil-qasam ta' dan is-Segretarjat qabel dawn jitressqu, permezz tas-Segreterija Pastorali, għall-approvazzjoni definitiva ta' l-Arċisqof.

3. Jgħin lid-Delegat fl-ippjanar, fl-organizzazzjoni u fil-promozzjoni tal-ħidma tas-Segretarjat stess u fil-koordinament ta' l-entijiet u persuni attivi f'dan il-qasam, skond il-'policies' ta' l-Arċidjoċesi.

3.3 Il-Kunsill jaqdi dawn il-funzjonijiet bil-pariri u s-suġġerimenti li jagħti lid-Delegat fil-laqghat tal-Kunsill, kif ukoll b'forom oħra ta' ħidma u kollaborazzjoni skond il-possibilitajiet tal-membri.

3.4 Il-Kunsill tas-Segretarjat ikun kompost minn:

1. Id-Delegat.
2. Il-President tal-Kummissjoni Arti Sagra.
3. Il-President tal-Kummissjoni Mużika Sagra.
4. Kappillan.
5. Id-Delegat Djoċesan ta' l-"Opra ta' l-Abbatini".
6. Membru ta' Kummissjoni Liturġika Parrokkjali.
7. Espert fil-Liturġija.
8. Persuna b'inkarigu ta' formazzjoni għall-ministeri liturġiċi lajkali.
9. Tliet lajċi impenjati fl-appostolat liturġiku, li minnhom wieħed ikun raġel u oħra mara.
10. Soru impenjata fl-appostolat liturġiku.

3.5 Il-membri tal-Kunsill jiġu nominati mill-Arċisqof għal perijodu ta' ħames snin. Iżda jispiċċaw ukoll qabel dan iż-żmien jekk ma jibqgħux jirrappreżentaw dak l-enti jew dik il-kategorija li jkunu ġew magħżulin jew nominati biex jirrappreżentaw.

3.6 Il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' wkoll jekk xi wieħed jew aktar mill-membri jkunu għadhom ma nħatrux, basta aktar minn nofs il-membri jkunu ġew nominati.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 28 ta' Marzu 1988.

† Ġużeppi
Arċisqof ta' Malta

Philip Calleja
Kanċellier

**Ċirkolari Nru. 214**

## L-EWWEL TA' MEJJU 1989

Nhar it-Tnejn, 1-l ta' Mejju, il-Knisja Maltija bħas-soltu tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Monsinjur Arċisqof, permezz ta' din iċ-Ċirkulari, irid jistieden lill-ħaddiema biex jiltaqgħu miegħu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt, għal-Quddiesa li tibda fid-9.30 a.m. B'dan il-mod il-ħaddiema, imlaqqgħin flimkien bejniethom u ma' l-Arċisqof, ikunu jistgħu jiċċelebraw dan il-Jum tant għażiż għalihom, dak tal-Patrun tagħhom kollha, fi spirtu ta' għaqda.

Il-Forum ta' l-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi qed jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' din is-sena ntgħażel bħala tema: "IL-ĦADDIEM L-EWWEL". Dan il-ħsieb jitlob minna lkoll li nħarsu lejn il-ħaddiem, lejn il-persuna, lejn id-dinjità u lejn il-ġid veru tiegħu jew tagħha, bħala l-ewwel ħaġa, qabel kull ideoloġija u qabel kull ħsieb ieħor, inkluż dak tal-produzzjoni. Biex jirnexxilna nagħmlu dan, jeħtieġ li nkabbru fina lkoll is-sens ta' solidarjetà u ta' għaqda fil-fatt ma' kull wieħed u waħda minn ħutna l-ħaddiema. Dan is-sens ta' solidarjetà jeħtieġ li jiġi mfisser mhux biss bil-kliem jew b'sentimenti vojta, iżda bi kliem u sentimenti li magħhom ikunu magħquda l-fatti, ukoll jekk dawn kultant jitolbu minna sagrifiċċji.

Bħala sinjal żgħir ta' dan l-ispirtu ta' solidarjetà u tar-rieda tagħna lkoll li nqisu "il-ħaddiem l-ewwel", il-ġabra speċjali li ssir waqt il-Quddiesa ċelebrata minn Monsinjur Arċisqof se tkun miżjuda mal-kontribuzzjonijiet li jidħlu mill-appelli li soltu jsiru lil fabbriki u lil ditti biex jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika biex ikompli jaqdi l-missjoni ta' fejda tiegħu fejn l-aktar hemm ħtieġa f'dan il-qasam.

Maħruġ mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 19 ta' April 1989.

**Annetto Depasquale**
Vigarju Ġenerali

**Philip Calleja**
Kanċellier

## ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Parti mill-missjoni li l-Knisja għandha u li hi ħafna għal qalbha, hija l-edukazzjoni tal-Bniedem biex igħix aktar skond it-tagħlim tal-Vanġelu u skond ma titlob id-dinjità tiegħu ta' dak li ġie maħluq xbieha ta' Alla.

Fost il-mezzi li l-Knisja tagħmel użu minnhom biex taqdi din il-parti tal-missjoni tagħha, sa mill-qedem il-Knisja kellha l-iskejjel tagħha. F'dawn l-iskejjel hija tħarreġ il-Bniedem kemm biex jagħraf aħjar is-sbuħija tad-dinja li fiha jgħix, kif ukoll biex tiffurmah bħala ċittadin tajjeb ta' pajjiżu u ta' Nisrani li jixraqlu dan l-isem.

Biex iżżomm l-iskejjel tagħha l-Knisja tagħmel użu minn mezzi differenti, skond iż-żminijiet. Fost dawn jista' jkun hemm għotjiet ta' nies ġenerużi, miżati mħallsa mill-ġenituri tat-tfal li jifilħu jħallsuhom, kontribuzzjonijiet mill-Awtoritajiet Pubbliċi, kif ukoll użu ta' mezzi li bihom il-Provvidenza għaniet il-Knisja stess.

Fis-sitwazzjoni ta' l-iskejjel tal-Knisja f'Malta ta' llum, waqt li tirċievi għajnuna finanzjarja mill-Istat u waqt li għal din is-sena offriet l-imgħax mill-qliegħ kollu li rriżulta mill-iżvilupp tal-proprjetà li għandha, il-Knisja trid tagħmel appell lill-membri kollha tagħha, l-ewwel fosthom lill-ġenituri tat-tfal li huma fdati f'idejn l-iskejjel tal-Knisja, biex skond il-mezzi li għandhom jagħmlu l-offerta libera u ġeneruża tagħhom.

Dawn l-offerti għandhom ikunu ta' għajnuna kbira għall-Knisja biex tkun tista' żżomm l-iskejjel tagħha f'dak il-livell li jixirqilhom u li hu meħtieġ fi żminijietna.

Dawn l-offerti jistgħu jingħataw jew direttament fl-iskejjel tal-Knisja, jew f'ġabra speċjali li se ssir fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi nhar is-Sibt 17 ta' Ġunju filgħaxija u nhar il-Ħadd, 18 ta' l-istess xahar, wqt il-Quddies kollu. Monsinjur Arċisqof qiegħed jordna din il-ġabra u jirringrazzja bil-quddiem lil kull min b'ġenerożità jagħti s-sehem tiegħu.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 5 ta' Ġunju 1989.

**Philip Calleja**
*Kanċellier*

**Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

## NOMINI ĠODDA

Dun Karm Farrugia, Arċipriet fiż-Żejtun
Dun Alex Cordina, Kappillan f'Ħal Għaxaq

## Il-*policy* ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta dwar l-artijiet għal bini ta' djar

Il-*policy* ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta dwar bejgħ ta' proprjetà tfasslet skond id-*Documento di Base* li ġie approvat mis-Santa Sede fl-1972. Dan id-dokument igħid li l-iskop tar-riforma amministrattiva – li tolqot ukoll l-artijiet – hu wieħed pastorali, biex permezz ta' iżjed dħul ikunu jisgħu jintlaqgħu aħjar il-ħtiġiet kbar tad-djoċesi. Fost dawn il-ħtiġiet id-dokument jispeċifika l-garanzija ta' mezzi ta' għajxien xierqa għas-saċerdoti, speċjalment jekk anzjani jew morda, kif ukoll għall-lajċi li jkunu qed jagħtu servizz lid-djoċesi. Jispeċifika wkoll il-kontribut għall-bżonnijiet ta' l-organizzazzjonijiet u ta' l-iskejjel Kattoliċi u tal-Kummissjonijiet Djoċesani.

Fir-rigward ta' artijiet proġettati għal bini ta' djar, il-policy tal-Knisja għandha żewġ fergħat. L-ewwel fergħa hija dik dwar art għal *terraced houses.* Il-fergħa l-oħra hija dwar art għal vilel, *bungalows, semi detached houses* u *terraced houses* f'żoni ta' villeġġjatura u/jew turiżmu.

### Art għal *Terraced Houses*

Hija l-*policy* tal-Knisja f'Malta li tgħin lil min irid jibni dar għar-residenza tiegħu. Għaldaqstant il-Knisja qed tħaddem sistema maħsuba biex tagħmel iżjed faċli l-akkwist ta' biċċa art ta' qies normali. Il-Knisja qed tara li dan isir mingħajr kompetizzjoni fil-prezzijiet, kif ukoll b'mod li ma jsirx negozju mill-artijiet li hija tiddisponi minnhom għal dan l-iskop.

Fejn hemm oqsma li jistgħu jiġu żviluppati f'*terraced houses,* dawn jinqasmu fi *plots.* Jekk in-numru ta' nies li japplikaw għalihom ikun iżjed milli jkun hemm *plots,* l-għażla ssir bis-sistema tax-xorti. It-tlugħ tal-polza jsir fil-preżenza ta' l-applikanti kollha.

Il-prezz li jiġi ffissat għal dawn il-plots ikun prezz inqas minn dak tas-suq. Dawn il-prezzijiet jiġu stabbiliti bl-għajnuna ta' periti li jkollhom l-inkarigu li jżommu quddiem għajnejhom il-*policy* tal-Knisja li tgħin lil dak li jkun jibni daru. B'dan il-mod, il-prezz ta' dawn l-artijiet qed ikun prezz sussidjat.

Kull applikant ikollu dritt għal plot waħda biss minn dan il-pjan kollu. Barra minn hekk, minn jikkwalifika għal plot f'din l-iskema jkun irid jobbliga ruħu li sa tliet snin mid-data tal-kuntratt, ikun bena d-dar tiegħu u jibqa' jgħix fiha bħala r-residenza ordinarja tiegħu.

### Art għal vilel, *bungalows,* eċċ

Fejn hemm oqsma li jistgħu jiġu żviluppati f'vilel, *bungalows,* djar *semi-detached* u *terraced houses* f'żona ta' villeġġjaura u/jew turiżmu, il-*policy* ġenerali tal-Knisja Maltija hija li dawn għandhom jinqasmu fi plots u jingħataw lill-applikanti bi prezz mhux inqas minn dak iffissat mill-perit.

Parti mill-art għal *terraced houses* f'żoni ta' villeġġjatura u/jew turiżmu tiġi riservata għal dawk l-applikanti li jkunu jridu jibnu r-residenza permanenti tagħhom f'dak il-lokal u li jkunu lesti li jaċċettaw il-kundizzjonijiet kollha skond il-*policy* tat-*terraced houses.*

Iż-żoni fejn ikunu jridu jinbnew vilel, *bungalows, semi-detached houses,* eċċ. ma jiġux determinati mill-Knisja,

imma jiddependu totalment mill-pjan nazzjonali.

Fil-*policy* tagħha dwar żoni fejn ikunu jridu jinbnew vilel, *bungalows, semi-detached houses,* eċċ, il-Knisja żżomm quddiem għajnejha li ħafna drabi dawn l-artijiet jinxtraw minn min ikun jiflaħ iħallas għal art simili u fuqha jibni villa eċċ. skond il-każ. Għaldaqstant, f'dawn il-każi, il-Knisja toħroġ sejħa għall-offerti. Kull min jagħmel offerta jista' jieħu *plot* waħda biss mill-istess art. Fejn ma jkunx hemm raġunijiet li jiġġustifikaw deċiżjoni xort'oħra, normalment tiġi milqugħa l-aħjar offerta.

Il-Knisja qed issegwi din il-*policy* għaliex b'hekk, kif jitlob id-*Documento di Base,* permezz tad-dħul li jkun hemm ikun jista' jissaħħaħ l-appoġġ li jkun qed jingħata lil servizzi pastorali, edukattivi u soċjali li l-Knisja qed tipprovdi f'tant oqsma lill-komunità Maltija.

To non-Christians, primitive Christianity must have seemed to be a conglomeration of local communities each leading its own separate life, each community considering itself to be an *ekklesia:* but at the same time each community was conscious of belonging to one universal *Ekklesia,* whose head is Christ.

This is quite evident from the letters of Saint Ignatius of Antioch[1]. Christ is at the centre of Ignatius teaching: Christ is the life of the Christian, he is our eternal life (Magn. 1.2) because he is "flesh" and "spirit": he is with the Father, the Logos of the Father, but he is also man, who really died and rose again, and thus he has made available eternal life to man; so we "now live in Christ in all things" (Eph. 20,2), in his death he is our true life (Symr 4,1), our inseparable life (Eph. 3,2).

Therefore through faith and charity the Christian must be united to Christ in flesh and spirit. The life of the Christian, even in its most material actions, is a spiritual life for "everything is done in Christ" (Eph. 8,9). The Christian must aim at reproducing in himself the unity of flesh and spirit which is in Chirst, be like Christ, in communion with Christ in his sufferings, sacrificing himself for the needs of the brethren.

Unity with Christ brings about unity with the brethren. Ignatius continually stresses the unity and considers heretics dangerous, for they bring divisions in Christ's flock (Phil. 2): "Love unity, avoid divisions, be like Christ as Christ is like the Father" (Phil. 7,2). The source of unity which brings together all Christians in one body, is the unity of the Godhead, and love is the bond of unity in the Godhead.

This unity is manifested in a visible organisation – the Church. This organisation was slowly developing towards a hierarchical structure, which is quite evident in Ignatius. At its head there is the **Bishop**: whatever his qualities or his age, he is not just a man but he is God's representative; his mission derives from the Apostles, but he is the living image of the invisible God (Magn. 6; Trall. 3,1); among the college of presbyters he is as Christ or God himself among the Apostles; and as Christ is the Word of God so the bishop not only maintains the visible unity of the *ekklesia,* and the integrity off the deposit of faith, but also exercises a spiritual authority by means of which the spirit of Christ is perpetuated.

The bishop is surrounded by the presbyters, "a precious spiritual crown" (Magn. 13,1), just as Christ was surrounded by his disciples. The bishop together with the college of presbyters governs the Church, but he is clearly distinguished from the presbyterium: he is the sole authority in the Church. The situation described in the Acts, I Peter and in the Pastoral letters is different: the authority belongs to the college of presbyters, with one of them a *primus inter pares.* This seemed to be the situation also at Rome and Corinth according to the first letter of Clement.

Each *ekklesia* is not closed in itself, it does not exist in isolation for there are regular communications between

the communities, and if one Church suffers, the other churches suffer with it and when peace again is restored to a persecuted church all the others rejoice; there is continual travelling from one church to another by itinerant preachers.

This visible unity between the local churches is entrenched in the *ecclesia catholica* which is not the sum of all the local churches scattered "to the ends of the earth" (Ef. 3,2), but it is the Body of Christ, which embraces all nations (Smyn. 1/2) and is one with Christ as Christ is one with the Father (Ef. 5,1).

This unity of Christians among themselves and in Christ is manifested in the Eucharist: a thanksgiving within a liturgical meal during which the bishop repeats Christ's actions, giving thanks and breaking the bread. A meal which is also a sacrifice: the reference to the blood of Christ (Phil. 4,1) and the several references to the altar (Ef. 5,2; Magn. 7,2; Tral. 7,2) bear this out; it is a sacrifice which gathers together all believers around the bishop, around one altar, symbol of one Church grouped about the one Christ, the Only Begotten of the Father.

The Eucharist unites Christians together because it is not simply a community meal but it unites them to the flesh of Christ: "Take care to partake of one Eucharist for one is the flesh of Our Lord Jesus Christ and one the cup to unite us with His Blood, and one altar just as there is one bishop assisted by the presbytery and the deacons" (Phil. 4).

We meet with the notion of *Ecclesia Catholica* also in the prayer which Saint Polycarp of Smyrna made for the entire Catholic Church throughout the world, before being burnt on the stake; while Hermas tells us that the Church collects its members from the whole world, forming them into one body in unity of understanding, faith and love; and Justin (Dialogue with Trypho 63,5) says that all who believe in Christ are united in one soul, one synagogue, one church which is brought into being through His Name and shares in his name: for we are all Christians.

### The Church as a pre-existant spiritual society

The Fathers of the I and II centuries, generally speak of the Church as an empirical visible society. But in this period we meet also with ideas of a pre-existant spiritual reality. These ideas were mainly developed in Judaeo- Christian circles.[2]

Judeo Christians could be:

i. the Ebionites: Jews of strict observance who recognised Christ as a prophet or Messias but not as Son of God;

ii. the Christian community of Jerusalem before A.D. 70;

iii. Christians who had broken away from the synagogue but still nurtured a Jewish mentality and embraced several Jewish ideas.

Judaeo-Christian theology is found in several Old Testament apocrypha (v.g. II Henock, Assumption of Isaias, Testament of the 12 Patriarchs) in many New Testament apocrypha (Gospel of Peter, of James, according to the Hebrews, to the Egyptians), and in a number of early writings like the Didache, ps. Barnabas, Hermas, I Clement.

In these writings the Church appears as a theological reality; we have seen this also in Ignatius of Antioch and it developed from the prophetic writings of the Old Testament.

Il-ġrajja ta' l-Evanġelju li tħabbritilna llum hi twissija għalina biex qatt ma nieqfu nroddu ħajr lil Alla għall-imħabba bla qies li juri magħna u għall-ġid kollu li jagħtina. Ġesù ltaqa' ma' għaxar imġiddmin, huwa u sejjer lejn Ġerusalemm; dawn resqu fuqu jitolbuh ħniena u hu bagħathom juru ruħhom lill-qassisin biex dawn jagħtuhom xhieda li kienu fiequ mill-ġdim tagħhom u għalhekk setgħu mill-ġdid jitħalltu mal-bqija tan-nies. L-imġiddmin kollha fiequ u ħadd minnhom ma nstab rieġa' lura jrodd ħajr lil Ġesù għall-fejqan li kiseb, ħlief wieħed biss, u dan kien Samaritan u mhux Lhudi. Ġesù sogħob bih għal dan in-nuqqas ta' radd il-ħajr lil Alla minn nies tal-poplu li Alla għażel għalih – kien biss wieħed barrani, wieħed Samaritan, wieħed mhux mill-poplu ta' Alla li ħass li jagħti glorja 'l Alla għall-ġid li kiseb, il-fejqan mill-ġdiem.

L-istess ħaġa naraw fl-ewwel qari li tħabbrilna llum fil-ġrajja ta' Naghman, raġel setgħani f'pajjiżu, is-Sirja. Kien niżel fil-Lhudija għax f'pajjiżu kien sama' li fil-Lhudija kien hemm profeta setgħan, Eliżew, il-bniedem ta' Alla: Naghman mar għand il-profeta u talbu jfejqu mill-ġdiem tiegħu u Eliżew bagħat lil Naghman imur jogħdos seba' darbiet fix-xmara Ġordan; għall-ewwel Naghman ma riedx imur, imma l-qaddejja tiegħu ħajruh u, kif ħabbrilna l-qari, ġisem Naghman, wara li nħasel fil-Ġordan, sar qisu l-ġisem ta' tfajjel żagħżugħ. Wara l-fejqan tiegħu, Naghman ħass li għandu jerġa' lura għand Eliżew u offrielu rigal waqt li stqarr li Alla veru kien biss Alla ta' Eliżew. Il-profeta ma riedx rigali, iżda feraħ bil-fehma ta' Naghman li wara l-fejqan tiegħu ma kienx se jqim ħlief lil Alla veru bl-offerta tas-sagrifiċċju tiegħu.

**Alla jrid is-salvazzjoni ta' kulħadd**

Dawn iż-żewġ ġrajjiet għandhom żewġ tagħlimiet għalina. L-ewwel tagħlima turihielna l-Knisja minn kliem is-salm li tistedinna nlissnu wara l-ewwel qari. "Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni tiegħu għall-ġnus kollha ta' l-art, f'għajnejn il-ġnus kollha wera l-ġustizzja tiegħu." Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-għarfien tal-verità; Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, kellu jmut mhux għal poplu wieħed biss, għall-poplu Lhudi, għall-poplu li Alla għażel għalih biex iżomm ħajja u bla mittiefsa l-wegħda tas-salvazzjoni li kien għamel lil Adam wara li tkeċċa mill-ġenna ta' l-art. Ġesù ġie biex imut għall-bnedmin kollha, xerred demmu għalina u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet, biex it-truf kollha ta' l-art jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

**Id-dmir tar-radd il-ħajr**

It-tieni tagħlima jagħtihielna Ġesù stess bis-sogħba li wera għax lid-disa' Lhud li fejjaq mill-ġdiem tagħhom ma reġgħux lura jroddu ħajr lil Alla. Il-Mulej jistenna li aħna ma nieqfu qatt inroddu ħajr għall-ġid kollu li jagħmel magħna iżda

aħna nonqsu ħafna minn dan id-dmir ta' radd il-ħajr. Meta nsibu ruħna f'xi tiġrib, meta fuqna jkun jagħfas l-hemm u n-niket, malajr induru lejn Alla nitolbuh jeħlisna minnu, u nitolbu l-Madonna u l-Qaddisin jidħlu għalina quddiem Alla: mhux qed nagħmlu xi ħaġa ħażina, imma qed nuru l-fidi tagħna f'Alla, dik il-fidi li hi l-ħajja tal-bniedem ġust, kif rajna l-Ħadd li għadda. Iżda mbagħad, meta t-tiġrib u l-hemm jitbiegħed minna ftit inħabblu rasna u nagħmlu dak li għamel is-Samaritan li Ġesù fejjaq mill-ġdiem tiegħu u dak li għamel Naghman tas-Sirja wara l-fejqan tiegħu: ftit inħabblu rasna u nroddu ħajr lil Alla, għalkemm dan ma jitlobx xi ħaġa kbira minna, għaliex Ġesù ħallielna l-aqwa mezz li bih nistgħu nroddu ħajr lil Alla: il-Quddiesa li hi s-sagrifiċċju ta' radd il-ħajr lil Alla.

**Kif inroddu ħajr**

F'wieħed mis-salmi nsibu l-mistoqsija: "Xi nrodd lil Alla għall-ġid kollu li għamel miegħi?" U nsibu wkoll it-tweġiba: "Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni u isem il-Mulej insejjaħ." Inkun ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni meta nissieħeb fil-Quddiesa, meta nsieħeb l-offerta tiegħi nnifsi għall-qadi tal-Mulej flimkien ma' l-offerta ta' Kristu fuq is-salib, offerta li tiġġedded f'kull Quddiesa, waqt li jsir tifħir u radd ta' ħajr lil Alla għas-salvazzjoni tad-dinja.

Ir-radd ta' ħajr lil Alla fil-Quddiesa jrid ikompli sejjer tul ħajjitna kollha, u kif dan isir igħidulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum: nieħdu kollox bis-sabar għall-imħabba ta' ħutna l-bnedmin fil-bżonn ħalli huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni u hekk Ġesù jkun imsebbaħ.

Jekk aħna tassew nafuha lil Alla s-salvazzjoni tagħna, għandna nissieħbu miegħu fit-tbatijiet tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja billi nilqgħu bis-sabar it-tiġrib kollu li jiġi fuqna ħalli kif inbatu ma' Kristu hekk ukoll insaltnu miegħu għal dejjem: hu l-aqwa radd ta' ħajr li nistgħu nagħtu lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħna.

**Id-disgħa u għoxrin Ħadd tas-sena**

# IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

**L-għajnuna tagħna mingħand il-Mulej**

Bil-parabbola li l-Mulej qalilna llum, ried jurina li Alla dejjem lest biex jisma' t-talb tal-magħżulin tiegħu, ta' dawk li huma ġusti, ta' dawk li jgħixu bil-fidi li għandhom. Jekk il-ħżiena, igħidilna Ġesù, għalkemm ħżiena, jaslu biex jisimgħu t-talb ta' l-imsejknin u jagħmlu ħaqq magħhom biex ma jkomplux idejquhom bit-talb tagħhom, kemm aktar Alla jisma' t-talb li aħna nagħmlulu bil-qawwa tal-fidi tagħna!

Kliem Ġesù twettaqulna l-Knisja fl-ewwel qari ta' llum, bl-eżempju ta' Mosè waqt li l-poplu Lhudi kien qed jitqabad kontra l-Għamalekin. Mosè kien fuq il-quċċata ta' għolja jitlob, u huwa u jitlob, Israel kien qed jirbaħ lil Għamalek, iżda kull darba li Mosè kien igħejja jitlob u ma jżommx idejh merfugħin 'il fuq, Israel kien jitlef; għalhekk Aron u Hur li kienu ma' Mosè fuq l-għolja, għenuh lil Mosè jżomm idejh merfugħin 'il fuq fit-talb tul il-jum kollu sa kemm Israel ħareġ rebbieħ fuq Għamalek.

Kemm l-Evanġelju u kemm l-ewwel qari ta' llum iridu jftehmuna li kull għajnuna li neħtiegu tiġina mingħand il-Mulej, kif stqarrejna fis-salm responsor-jali li għidna wara l-ewwel qari. Alla tant iħobb il-magħżulin tiegħu, li jħarishom minn kull deni, li jħarishom tul ħajjithom kollha biex jeħilsu minn kull tbatija u minn kull tiġrib, billi jagħtihom is-sabar kollu ħa jilqgħu bil-qalb l-hemm kollu li ġġibil-hom id-dinja u jbiddluh f'mezz ta' qdusija u salvazzjoni.

**Il-ħtieġa tal-fidi mwettqa bil-qari ta' l-Iskrittura**

Dan il-kliem narawh sabiħ ħafna, imma ma tantx jinżlilna, speċjalment meta jkun jagħfas fuqna xi tiġrib kbir u ma nkunux qed naraw kif se neħilsu minnu. Għalhekk hi meħtieġa l-fidi: biss jekk għandna fidi ħajja, it-tiġrib li jiġi fuqna ma jaqtagħlniex qalbna. U jkollna fidi ħajja jekk nagħtu widen għall-kliem San Pawl fit-tieni qari ta' llum. Hu jħeġġeġ lid-dixxiplu tiegħu Timotju biex jibqa' dejjem midħla tal-Kotba Mqaddsa, għax minnhom jikseb l-għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi f'Ġesù. Il-qari ta' l-Iskrittura hu mezz mill-aqwa biex iżomm ħajja l-fidi tagħna għax l-Iskrittura kollha hi mnebbha minn Alla u trawwimna fil-qdusija ħa nkunu nies ta' Alla, il-magħżulin tal-Mulej, imħejjijin għal kull ħidma tajba: f'kelma waħda tagħmilna ġusti quddiem Alla, u allura t-talba tagħna jkun mismugħ minn Alla.

X'għandna nitolbu 'l Alla? X'għandna, b'mod speċjali, nitolbu 'l Alla llum, f'din il-ġurnata li fiha l-Knisja tfakkarna fid-dmir tagħna għax-xandir ta' l-Evanġelju. Il-Knisja jgħidilna l-Papa, hi fin-natura tagħha stess, Knisja missjunarja; imma l-Knisja hija aħna, hija kull wieħed li hu mgħammed; għalhekk kull wieħed minna, bħala nisrani, jrid ikun ukoll missjunarju. Għalhekk il-Knisja llum, bi kliem San Pawl, qiegħda tgħidilna: "xandar il-kelma, sus wara l-fidili f'ħin waqtu jew le, ċanfar, widdeb, wissi bis-sabar kollu u bit-tagħlim."

**Id-dmir tagħna li nkunu missjunarji**

Dan kif se nagħmluh? Nagħmluh skond is-sejħa li għandna mingħand Alla, għax is-sejħat ta' Alla huma ħafna. Alla jsejjaħ għas-saċerdozju, isejjaħ għall-ħajja reliġjuża, isejjaħ għall-ħajja tal-lajċi fid-dinja; hu jsejjaħ biex ix-xhieda għalih nagħtuha f'pajjiżna ma' qrabatna u ma' ħbiebna, u jsejjaħ ukoll biex ix-xhieda tagħna għalih nagħtuha f'pajjiżi 'l bogħod fost ġnus pagani. Hi x'inhi s-sejħa tagħna, dejjem titlob minna x-xandir tal-kelma, titlob minna ħidma missjunarja.

Ta' kull sena, il-Papa, fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja, fil-messaġġ tiegħu jgħidilna b'liema mod għandna naqdu din il-ħidma missjunarja tagħna.

Din is-sena jaħbat iċ-ċentinarju tat-twaqqif ta' l-Opra Missjunarja ta' San Pietru appostlu għall-kleru indiġenu, l-opra waqqfuha żewġ nisa Stefanja u Ġovanna Bigard li, meta saru jafu li l-ħabib tagħhom Mons. Cousin, isqof ta' Nagasaki, fil-Ġappun, ma kienx qed idaħħal żgħażagħ fis-Seminarju biex isiru saċerdoti għax ma kellux flus biex imantnihom, dawn iż-żewġ nisa waqqfu l-Opra ta' San Pietru u kkonsagraw ħajjithom għall-ġbir ta' flus ħa jinbnew u jinżammu Seminarji fil-pajjiżi tal-missjoni. Illum din l-Opra hi mmexxija mis-Santa Sede u tieħu ħsieb mhux biss tas-Seminarji imma wkoll tad-djar tal-formazzjoni reliġjuża u taċ-ċentri ta' studji għoljin fil-pajjiżi tal-missjoni. Hi opra li tfakkarna illi l-ħidma missjunarja ma jagħmluhiex biss is-saċerdoti u r-reliġjużi rġiel u nisa, imma wkoll il-lajċi, l-insara kollha. Kif kiteb il-Papa fl-aħħar ittra tiegħu lill-Knisja kollha, "il-familji nsara jridu jħossu li aħna lkoll responsabbli biex tinbet u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha, vokazzjoni speċifikament missjunarja kemm ta' saċerdoti, u kemm ta' reliġjużi u ta' lajċi, billi nużaw il-mezzi kollha adatti, mingħajr ma nwarrbu qatt il-mezzi kollha adatti, mingħajr ma nwarrbu qatt il-mezz privileġġjat tat-talb, skond kliem il-Mulej: "Itolbu lil Sid il-ħsad, biex jibgħat ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu."

Il-Papa din is-sena tkellem l-aktar fuq l-Opra ta' San Pietru, iżda fakkar ukoll it-tliet Opri Missjunarji Pontifiċji l-oħra: l-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi, l-Opra tas-Santa Infanzja, u l-Unjoni Missjunarja tal-Kleru u r-Reliġjużi. Tnejn mill-erba' Opri Pontifiċi waqqfuhom lajċi, u għalhekk huma x-xhieda li l-lajċi wkoll jistgħu, anzi għandhom ikunu missjunarji, xandara ta-Kelma f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" kien igħid San Pawl. Bħalu rridu ngħidu aħna wkoll, u nkunu nxandru l-Evanġelju jekk aħna skond is-sejħa tagħna ngħixu l-ħajja tal-ġusti, ngħinu mill-ġid il għandna l-opri tal-Knisja fil-pajjiżi tal-missjoni, u fuq kollox nitolbu li dejjem aktar jiżdied l-għad ta' dawk li jagħtu xhieda ta' l-Evanġelju bil-ħajja u l-kelma tagħhom fil-pajjiżi tal-missjoni.

## It-tletin Ħadd tas-sena

# IT-TALB LI ALLA JISMA'

### It-talb li ma jogħġobx lil Alla

Il-Ħadd li għadda rajna kif Alla dejjem lest biex jagħti widen għat-talb tal-magħżulin tiegħu, għat-talb tal-bniedem ġust li jgħix bil-fidi. Ilum Ġesù jrid jgħidilna min hu verament għalih il-bniedem ġust, u dan Ġesù jagħmlu permezz ta' parabbola li qal il xi uħud li kienu waħħlu f'rashom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Xbieha ta' dawn in-nies huwa l-Fariżew tal-parabbola li daħal fit-tempju jitlob u mar quddiem Alla jiftaħar bil-ħajja qaddisa li kien igħix, li ma kienx bħall-bnedmin l-oħra, ħalliel, imma kien iħares il-ligi fl-irqaqat kollha tagħha, isum darbtejn fil-gimgħa u jħallas l-egħxur ta' kull ma jdaħħal lill-qassisin tat-Tempju. Ġesù jgħidilna li din it-talba li biha l-Fariżew ried irodd ħajr lil Alla għal qdusitu ma kienet togħġob xejn lil Alla, tant li l-Fariżew ħareġ mit-Tempju mhux ġustifikat quddiem Alla, għax ma qisux bniedem ġust. U Ġesù jkompli jgħidilna għaliex dan: "għax kull min jitkabbar, jiċċekken, u kull min jiċċekken, jitkabbar." It-talba tal-Fariżew ma għoġbitx lil Alla għax kienet talba ta' bniedem supperv, mimli bih innifsu: kien jaħseb li qed igħix ħajja qaddisa u wasal biex imaqdar il-pubblikan li daħal miegħu jitlob fit-Tempju.

It-talba tal-Fariżew ma kinitx togħġob lil Alla għax kienet talba nieqsa mill-umiltà u mill-imħabba; iżda lil Alla għoġbitu t-talba tal-pubblikan li għaraf ix-xejn tiegħu, għaraf li kien midneb u ried jafda ruħu għall-ħniena ta' Alla; għalhekk quddiem Alla kien ġustifikat; Alla ħenn għalih u ħabbu miegħu.

### X'inhi s-sura tat-talb tagħna?

Bil-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan, il-Mulej qed jistedinna ngħarblu sewwa l-imġiba tagħna u s-sura tat-talb li nagħmlu. Għalhekk illum tajjeb nagħmlu eżami tal-kuxjenza u nistaqsu lilna nfusna aħniex nġibu ruħna bħall-Fariżew tal-parabbola. Aħna qed inqisu ruħna mexjin tajjeb ma' Alla għaliex immorru l-knisja, nitqarbnu ta' spiss, nagħmlu karità, ngħinu l-missjonijiet, is-Seminarju, id-djar tat-tfal, imbagħad immaqdru lil dawk li ma jmorrux il-Quddies kull nhar ta' Ħadd, li ilhom ħafna ma jqerru, li qed igħixu ħajja tad-dnub? Meta qed inqisu ruħna b'dan il-mod inkunu qegħdin nonqsu mill-imħabba tal-proxxmu u f'qalbna qegħdin immaqdruh, u qed nonqsu mill-umiltà għax qed niftaħru bit-tajjeb li qed nagħmlu.

### Kif għandna nitolbu

Bit-tajjeb li qed nagħmlu ma għandniex għax niftaħru, u dan qalulna Ġesù stess xi żewġt iħdud ilu: meta qed nagħmlu t-tajjeb qed nagħmlu d-dmir tagħna bħala qaddejja ta' Alla, bħala qaddejja li ma niswew għal xejn għax it-tajjeb kollu li nagħmlu qed nagħmluh, mhux bil-ħila tagħna, imma bi grazzja ta' Alla, għax igħidilna Ġesù "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn", u San Pawl igħidilna: "Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini".

Bil-ħila tagħna naslu biex nagħmlu biss id-dnub u għalhekk it-talba tagħna trid tkun dejjem bħal dik tal-pubblikan: nagħrfu x-xejn tagħna quddiem Alla, inħabtu fuq sidirna, u ngħidu li Alla: "O Alla, ħenn għalija l-midneb." Hekk ukoll għallimna Ġesù meta qalilna kif għandna nitolbu; għallimna li għandna ngħidu li Alla: "aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina." It-talba li għallimna l-Mulej hi talba ta' ruħ midinba li tistenna kollox mingħand Alla, li tagħraf il-faqar u x-xejn tagħha.

Alla, tgħidilna l-Knisja, bl-ewwel qari tal-llum, jisma' l-krib tal-fqar tiegħu, ma jdawwarx wiċċu minn fuqhom u jgħinhom fil-ħtiġijiet kollha tagħhom. Għal din it-tħabbira tal-Knisja aħna stqarrejna l-fiduċja tagħna f'Alla u wrejna li nemmnu li Alla jisma' t-talba tal-fqajrin li jsejħulu: nafu li l-Mulej u qrib dawk kollha li huma qalbhom maqsuma, jisma' l-għajta tal-ġusti għall-għajnuna u jeħlishom mid-dwejjaq kollha tagħhom.

Kemm hu minnu dan jixhidulna San Pawl fl-ittra tiegħu lil Timotju bi kliem li nistgħu nqisuh bħala t-testment ta' l-Appostlu tal-ġnus. San Pawl kien iħoss li kien wasal iż-żmien li hu jxerred demmu għal Kristu u jiftaħ qalbu ma' Timotju; igħidlu li jħoss ruħu mhejji għas-sagrifiċċju ta' ħajtu għax wasal fit-tmiem tal-ġirja tiegħu. San Pawl kien żgur li mhux se tonqsu l-għajnuna tal-Mulej fl-aħħar taqbida tiegħu għaliex ħares dejjem il-fidi u ma ħalla xejn jifirdu mill-imħabba ta' Alla fi Kristu. Kien qed iħoss ruħu abbandunat minn kulħadd; ħadd ma baqa' miegħu, kulħadd ħallieh, iżda ma kienx qalbu maqtugħa, għax kellu 'l Alla miegħu u kien żgur li Alla kien qed jisma' t-talb tiegħu.

Meta aħna nħossu ruħna abbandunati minn kulħadd u mħollijin waħedna fit-tiġrib tagħna, nitgħallmu minn San Pawl, inżommu sħiħ fil-fidi tagħna f'Alla, nintelqu għal kollox f'idejh, żguri li se jisma' t-talb u t-tnehid tagħna u jagħtina fis-sema l-kuruna tal-ġustizzja li għandu merfugħa għal kull min fid-dinja għex bit-tama tad-dehra tal-Mulej fil-glorja.

**Il-wieħed u tletin Ħadd tas-sena**

# IS-SALVAZZJONI TA' KULĦADD

## Sinjali ta' l-imħabba ta' Alla għalina

Il-Bxara t-Tajba li l-Knisja trid twasslilna llum f'din il-laqgħa tagħna mal-Mulej f'dar Missierna tas-sema hi li l-Mulej hu twajjeb u ħanin ma' kulħadd għax iħobbna b'imħabba bla qjies. Ħdejn Alla m'aħna xejn, qisna xi traba bilkemm taraha, xi qatra nida li ma' l-ewwel raġġi tax-xemx tisfa fix-xejn, u b'dan kollu Alla jħobbna, aħna egħżież għalih, tant li lest dejjem biex jagħlaq għajnejh għal dnubietna u jaħfirhomlna jekk nindmu minnhom. Hu jwissina kull darba li nonqsu minn imħabbtu u jistedinna nerġgħu lura mill-ħażen tagħna, u nqegħdu fih biss kull tama tagħna. It-twiddib tiegħu, il-kastigi li jiġu fuqna, jew aħjar, li nġibu fuqna bi dnubietna, huma sinjali ta' l-imħabba ta' Alla għalina biex nintebħu xi ħsara nagħmlu lilna nfusna meta niksru l-kmandamenti tiegħu u ma ngħixux fl-imħabba ta' xulxin.

Dan kollu qalitulna l-Knisja llum bi kliem il-Ktieb ta' l-Għerf u stednitna biex imbierku lil Alla għall-kobor bla qies ta' l-imħabba u tal-ħniena tiegħu għalina, u nroddulu ħajr mal-ħolqien kollu.

Hu dmir tagħna bħala bnedmin u wisq aktar hu dmir tagħna bħala nsara li nroddu ħajr lil Alla u nberkuh għall-imħabba u l-ħniena tiegħu mal-bnedmin kollha ta' l-art. Hu dmir tagħna bħala nsara nitolbu għal xulxin kif kien jitlob San Pawl għall-komunitajiet insara li hu waqqaf max-xtut kollha tal-Mediterran biex Alla jagħmilna lkoll denji tas-sejħa tagħna bħala nsara u bil-qawwa tiegħu jagħmel li sseħħ kull rieda tajba tagħna għall-ġid ta' ħutna fil-bżonn u kull ħidma tal-fidi tagħna biex tikber u tinxtered is-Saltna ta' Alla fid-dinja, u l-isem ta' Alla jkun imsebbaħ ma' kullimkien minn tarf għall-ieħor tad-dinja.

## Ilkoll imsejħin ħa nħabirku għas-salvazzjoni ta' kulħadd

Kliem San Pawl li smajna fit-tieni qari ta' llum, għandu jfakkarna f'dak li tħabbar lilna fil-Ġurnata Missjunarja, dak li qalilna l-Papa fl-aħħar ittra tiegħu lill-Knisja dwar il-vokazzjoni u l-missjoni tal-lajċi fil-Knisja. Kull min hu mgħammed u rċieva s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Griżma, ġie konsagrat għas-servizz ta' Alla, ġie mogħti lilu sehem mill-missjoni ta' Kristu, is-Saċerdot, il-Profeta u s-Sultan. Il-missjoni ta' Kristu kienet dik li jfittex u jsalva l-mitluf, kif tenna Ġesù stess lil Żakkew il-pubblikan ta' Ġeriko li ried jara 'l Ġesù u biex jarah tela' ma' siġra għax kien bniedem qasir. Din ix-xewqa tiegħu li jara 'l Ġesù qalagħtlu l-grazzja li jilqa' lil Ġesù għandu.

Kull nisrani hu msejjaħ biex ifittex u jsalva lil min hu mitluf. Iżda dan kif se nagħmluh? Nagħmluh billi nqaddsu d-dinja għal Alla, u nqaddsu d-dinja għal Alla billi nagħtu xhieda ta' ħajja verament nisranija fiċ-ċirkostanza kollha ta' ħajjitna, fil-qagħdiet kollha li fihom insibu ruħna, billi nfittxu dejjem dak li hu tjieba, verità u ġustizzja u nħabirku għall-bini ta' dinja aħjar fejn isaltnu l-ġustizzja u sliem, u nuru rispett u mħabba mhux biss għall-bnedmin ħutna imma wkoll għall-

ambjent li fih ngħixu u ngħożżu l-ġmiel tal-ħolqien li għandna madwarna bil-ħlejjaq kollha li bih Alla ried jagħnih.

**Kif se nagħmlu dan?**

Ġesù, biex ifittex u jsalva l-mitluf, tneżża' minn kollox u ħa n-natura ta' lsir, sar bniedem bħalna jixbahna f'kollox minbarra d-dnub: għex ħajja ta' faqar u ta' tbatija, ra l-ingratitudni tan-nies li fosthom kien għamel tant ġid u huma mbagħad ċaħduh quddiem Ponzju Pilatu u talbuh isallbu; ra l-Appostli li hu għażel jaħarbu u jmorru jistaħbew meta ġie maqbud fil-ġnien taż-żebbuġ, wieħed minnhom ċaħdu, ieħor biegħu lill-egħdewwa tiegħu; sofra passjoni l-aktar kiefra u miet għas-salvazzjoni tad-dinja. Biex qeda l-missjoni tiegħu għadda minn dan it-tiġrib kollu. Issa aħna msejħin bħala nsara biex inkomplu l-missjoni ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja billi kif ġa għidna aktar 'il fuq, infittxu kull ma hu tjieba, verità u ġustizzja.

Dan nagħmluh jekk ma' kull bniedem li qed ibati, ma' kull bniedem li qiegħed fid-dnub, ma' kull min hu mwarrab u mistmerr min-nies inġibu ruħna kif kien jagħmel Ġesù u ma nibżgħux mill-għajdut tan-nies.

Meta Ġesù daħal għand Żakkew, in-nies tkażaw bih għax qalu li daħal għand bniedem midneb: daħal għandu biex jagħtih is-salvazzjoni. F'dak li nagħmlu għall-ġid, f'kull ħidma tal-fidi tagħna, se nsibu min ifixkilna, min jaqtagħlna qalbna, min igħid kontrina u jitkaża bina, imma dan ma għandux jaqtagħlna qalbna, jekk dak li qed nagħmlu qed nagħmluh għal Alla u mhux biex ikollna l-tifħir tan-nies, għax bil-ħidma tagħna, inkunu qegħdin insebbħu lil Alla, u Alla, meta jasal il-waqt, meta l-Mulej jerġa' jiġi fil-glorja – mhux issa kif smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari, għalkemm ma nafux meta – Alla jsebbaħ lilna skond il-grazzja ta' Alla u l-Mulej Ġesù.

## It-tnejn u tletin Ħadd tas-sena

# IL-QAWMIEN MILL-IMWIET

### It-twemmin f'ħajja oħra

Issa li qed nersqu lejn it-tmiem tas-sena liturġika, il-Knisja tistedinna biex naħsbu fuq it-tmiem tagħna f'din id-dinja, tmiem li joħloq fina tħassib u qtiegħ il-qalb. Hi ħaġa naturali li l-bniedem jibża' mit-tmiem tiegħu, u għal dawk li jaħsbu li mal-mewt kollox jispiċċa, il-ħsieb tat-tmiem tagħhom fid-dinja hu ħsieb tal-biża' u ta' qtiegħ il-qalb li xi kull tant iwassalhom għall-qerda ta' l-istess ħajja tagħhom.

Iżda aħna nafu u nemmnu li l-mewt tagħna għal din id-dinja m'hijiex għalina t-tmien ta' kollox, għaliex għalina l-ħajja ma tintemmx imma tinbidel u mal-mewt tal-ġisem fuq din l-art, tithejja għalina għamara għal dejjem fis-sema.

Dan tħabbrulna l-Knisja llum fl-ewwel qari tal-Quddiesa, u jħabbrulna l-Mulej innifsu fl-Evanġelju.

### Il-ġrajja taż-żgħażagħ Makkabej

It-twemmin ta' ħajja oħra wara l-ħajja f'din id-dinja nsibuh imxerred fost il-ġnus kollha tal-qedem u ta' llum ukoll, u xhieda ta' dan it-twemmin insibuh fil-ġrajja tas-sitt aħwa li flimkien ma' ommhom, fi żmien il-Makkabej, ġarrbu mewta kiefra biex jibqgħu fidili għat-twemmin tagħhom. Is-sultan Antjokju li ħa l-Lhudija taħt idejh ried li l-Lhud jiċħdu t-twemmin ta' missirijiethom u jħaddnu d-drawwiet pagani; ħafna Lhud ċaħdu l-fidi, iżda ħafna oħrajn żammew sħiħ u ġġieldu kontra l-pagani ħa jħarsu t-twemmin tagħhom.

Lis-sitt żgħażagħ u 'l ommhom is-sultan wiegħed ġid u setgħa jekk huma jiċħdu twemminhom u jieklu l-laħam tal-majjal, ħaġa li ma kinitx permessa mil-liġi ta' Mosè. Iżda ebda wieħed miż-żgħażagħ, lanqas l-iżgħar fosthom, ma ġie mqarraq mill-wegħdiet tas-sultan, u lkoll sofrew il-martirju, jiġifieri lkoll taw xhieda quddiem id-dinja ta' twemminhom. Minn fejn ġiethom il-qawwa biex jirreżistu u jmutu għall-fidi tagħhom? Iwieġbu huma stess; ilkoll taw l-istess tweġiba għall-ħajriet tas-sultan: "Aħna lesti mmutu biex ma niksrux il-liġijiet ta' missirijietna, għax nemmnu li s-Sultan tal-ħolqien iqajjimna għall-ħajja ġdida għal dejjemm għax qegħdin immutu għall-liġijiet tiegħu; nagħżlu li joqtluna l-bnedmin għax ngħożżu f'qalbna t-tama li Alla għad iqajjimna mill-ġdid."

### Il-fehma tas-Sadduċej

Dawn iż-żgħażagħ Lhud kienu jemmnu fil-qawmien mill-imwiet, imma, fi żmien Ġesù, fost il-Lhud, kien hemm ħafna li ma kinux jemmnu fil-qawmien mill-imwiet; dawn kienu s-Sadduċej, li kienu nies għonja u setgħana u bi ħsibijiethom marbutin biss mad-dinja ta' madwarhom, ma kinux jistgħu jifhmu kif seta' jseħħ il-qawmien mill-imwiet. Dawn darba għamlu mistoqsija lil Ġesù biex juruh li l-qawmien mill-imwiet kienet ħrafa taċ-ċajt. Ġesù weġibhom u qalilhom li Mosè stess, li bih kienu jaħilfu, kien urihom li hu minnu l-qawmien mill-imwiet. Dan

Mosè għamlu meta tkellem dwar id-dehra li kellu ta' Alla ħdejn il-Ħoreb, meta Alla deherlu f'xitla taqbad tal-ħollieq u bagħtu fl-Eġittu ħa jeħles il-poplu tiegħu mill-jasar. Mosè lil Alla jsejjaħlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb. Alla qal Ġesù lis-Sadduċej hu Alla ħaj, hu Alla tal-ħajjin u mhux tal-mejtin, għalhekk Abraham Iżakk u Ġakobb qegħdin igħixu ħajja ġdida ma' Alla wara li mietu għal din id-dinja.

**Ħajja oħra**

Ġesù jkompli jgħidilhom lis-Sadduċej li l-ħajja fid-dinja l-oħra, il-ħajja ta' dejjem, m'hijiex bħall-ħajja f'din id-dinja. Hawn fid-dinja n-nies iżewġu u jiżżewġu, imma wara l-qawmien mill-imwiet in-nies la jżewġu u lanqas jiżżewġu u ma jmutu qatt iżjed imma jkunu bħall-Anġli tas-sema. B'dan il-kliem, Ġesù wera lis-Sadduċej kemm kienet fiergħa u taċ-ċajt il-mistoqsija li għamlulu. Il-ħajja ta' dejjem hi ħajja oħra, ħajja ta' hena u s-sliem fil-kontemplazzjoni tal-kobor ta' Alla flimkien ma' l-Anġli kollha tiegħu, ħajja ta' hena u sliema bla qies.

Aħna lkoll ġejna maħluqin biex niksbu din il-ħajja, li fiha qlubna jsibu l-mistrieħ sħiħ tagħhom, iżda l-bieb għal din il-ħajja ingħalqilna bid-dnub ta' Adam; reġa fetaħulna Ġesù t-tieni Adam, u hekk tana l-faraġ ta' dejjem, faraġ li għad niksbu jekk inħallu lill-Mulej imexxi qlubna lejn l-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu. Din hi x-xewqa tal-Knisja għalina llum, xewqa li ttennihielna bi kliem San Pawl lit-Tessalonkin: "Sidna Ġesù Kristu jfarġilkom qlubkom u jwettaqkom f'kull egħmil u f'kull kelma tajba..., iwettaqkom u jħariskom mill-ħażen biex meta tgħaddi għalikom is-sura ta' din id-dinja jilqagħkom fis-saltna tiegħu ta' dejjem."

## It-tlieta u tletin Ħadd tas-Sena

# IL-ĦAJJA TA' DEJJEM

### Jum il-Mulej

Kif rajna l-Ħadd li għadda, qrib it-tmiem tas-sena liturġika, il-Knisja tistedinna nimmeditaw fuq it-tmiem tas-sura ta' din id-dinja u l-bidu tal-ħajja ta' dejjem, ħajja ta' hena u sliem bla qies.

Jum it-tmiem ta' kollox l-Iskrittura ssejjaħlu Jum il-Mulej, għaliex huwa l-jum li fih il-Mulej jerġa jiġi b'setgħa u qawwa kbira biex jagħmel ħaqq mid-dinja. Huwa jum ta' biża', igħidilna l-profeta Malakija fl-ewwel qari ta' llum, jum jaqbad qisu forn għaliex hu jum li jaħraq bħal tiben il-kburin kollha u kull min jagħmel il-ħażen: għal dawn huwa żmien ta' qilla, żmien ta' ġustizzja, iżda, ikompli jgħidilna l-profeta, għal dawk li għandhom il-biża' ta' Alla, għal dawk li huma ġusti u għexu fl-imħabba ta' Alla u ħarsu l-kmandamenti tiegħu, Jum il-Mulej ma għandux ikun jum ta' qilla u jum ta' biża', imma jum ta' hena u ferħ, għaliex ikun il-jum li fih titla' għalihom ix-xemx tal-ġustizzja, il-jum li fih Ġesù, ix-xemx tal-ġustizzja, jiġi biex isejħilhom ħalli jidħlu miegħu fis-saltna tiegħu ta' dejjem u jirċievu l-premju li jkun jistħoqqilhom għall-fedeltà tagħhom, talli bħala qaddejja fidili u għaqlin ħaddmu t-talenti li l-Mulej fdalhom f'idejhom.

Ġesù kemm il-darba tkellem fuq it-tieni miġja tiegħu b'setgħa u glorja kbira, u meta tela' Ġerusalemm, biex jagħti bidu għall-passjoni tiegħu, qrib il-belt ħabbar il-ħerba tagħha u tat-tempju u wera din il-ħerba bħala xbieha tat-tmiem ta' kollox.

### Is-sinjali tat-tmiem

Kliem Ġesù dwar il-ħerba ta' Ġerusalemm nikket lill-Appostli, imsaħħrin bil-ġmiel tat-Tempju, u riedu jkunu jafu meta kienet se sseħħ il-ħerba ta' Ġerusalemm u se jkunu s-sinjali ta' din il-ħerba. Iżda Ġesù kellimhom l-aktar dwar is-sinjali tat-tmiem ta' kollox: gwerer tal-biża' u taqlib fil-pajjiżi, theżżiż kbir ta' l-art, ġuħ u mard li jittieħed, u sinjali ta' l-għaġeb fis-sema. Iżda Ġesù kompla jgħidilhom li wara li jiġri dan kollu t-tmiem ma jasalx minnufih. X'ried igħid Ġesù b'dan il-kliem? Għaliex fil-ġrajja kollha tad-dinja ma nsibux ħlief gwerer u taqlib, ġuħ u mard, u dehriet ukoll ta' l-għaġeb fis-sema. Bi kliemu Ġesù ried ifisser li kull ma jiġri fid-dinja madwarna, kull ma jiġri għax imqanqal mil-qawwiet tan-natura bħat-terremoti, jew imqanqal mill-ħażen tal-bniedem bħall-gwerer, għandu jkun għalina ta' sinjal biex inżommu ruħna dejjem imħejjijin għal meta l-Mulej jiġi biex isejħilna ħa nagħtuh kont ta' egħmilna fid-dinja.

Ġesù ma jkellimniex biss fuq dawn is-sinjali għalina biex inkunu dejjem imħejjija; ikellimna wkoll fuq il-ħtieġa li nibqgħu dejjem fidili lejh, ikun x'ikun it-tiġrib li jiġi fuqna minħabba l-fidi tagħna fih. Ġesù jsemmi l-persekuzzjonijiet li jridu jgħaddu minnhom dawk kollha li jagħtu xhieda ta' Kristu, persekuzzjonijiet li jwasslu biex dawk li huma ta' Kristu jiġu mċaħħdin mid-drittijiet fundamentali tagħhom, jiġu saħansitra mogħtijin il-mewt. Fl-istess ħin li jħabbar dan it-tiġrib

kollu għal dawk li huma tiegħu, Ġesù jqawwilhom qalhom billi jgħidilhom li fit-tiġrib kollu tagħhom, ma jkunux waħedhom: hu jkun dejjem magħhom, u jekk jibqgħu sħaħ sa l-aħħar jiksbu l-premju tal-ħajja ta' dejjem.

**Inkunu dejjem fidili għas-sejħa tagħna**

Kliem il-profeta Zakkarija u kliem Ġesù stess iġagħluna nifhmu li jekk irridu 'l Ġesù jdaħħalna fis-saltna tiegħu ta' dejjem, irridu nħabirku għas-salvazzjoni tagħna billi nfittxu li nkunu dejjem fidili għas-sejħa tagħna ta' nsara, billi naqdu, skond ir-rieda ta' Alla u skond is-sejħa li tana, id-dmirijiet tagħha f'din id-dinja bħala membri tas-soċjetà tal-bnedmin. Bħala membri tal-Knisja rridu nagħtu xhieda ta' ħajja nisranija fil-ħajja tagħna ta' kuljum fil-familja, fuq ix-xogħol, fil-ħin tal-mistrieħ, u fir-relazzjonijiet tagħna mal-bnedmin l-oħra. Bħala membri tas-soċjetà li fiha ngħixu rridu nagħtu sehemna, żgħir kemm hu żgħir, għall-bini ta' soċjetà aħjar, bil-ħarsien tal-liġijiet tal-pajjiż u b'imġiba li tixirqilna bħala bnedmin.

Fi żmien San Pawl, fost it-Tessalonkin, kien hemm xi wħud, li wara li semgħuh jitkellem fuq it-tmiem ta' kollox, ħasbu li dan kien se jseħħ minnufih u għalhekk bdew jitgħażżnu u jinħlew fix-xejn, jistennew jum il-Mulej jasal. Kif smajna fit-tieni qari ta' llum, San Pawl kellu kliem iebes ħafna għal dawn in-nies, biex ifehemhom li t-traskuraġni tad-dmirijiet tagħna fid-dinja m'hijiex tħejjija xierqa għat-tieni miġja tal-Mulej.

Ilkoll kemm aħna rridu naħdmu tul ħajjitna fid-dinja; il-kmandament tax-xogħol jorbot 'il kulħadd, u tant jorbot li San Pawl igħid li min ma jridx jaħdem lanqas għandu jedd jiekol. Ix-xogħol hu dritt u dmir ta' kull bniedem u kull wieħed irid jaqdi dan id-dmir qisu qed jagħmlu għal Alla u mhux għall-bnedmin – hekk hu jkun iħejji ruħu għall-miġja ta' Kristu fid-dinja biex jagħtih il-premju tal-ħajja ta' dejjem.

## L-erbgħa u tletin Ħadd tas-sena

# KRISTU, IS-SULTAN TAL-ĦOLQIEN

**Inroddu ħajr lil Alla**

Bi kliem San Pawl illum il-Knisja tistedinna nroddu ħajr lil Alla l-Missier, għaliex permezz ta' Ibnu, magħmul bniedem għalina, ħelisna mill-ħakma tad-dlam u daħħalna fis-Saltna ta' Ibnu l-għażiż, Ġesù Kristu, li bil-mewt u l-qawmien tiegħu ġejna mifdija u ksibna l-maħfra ta' dnubietna.

Jixraq illum nagħmlu dan, jixraq li nroddu ħajr lil Alla llum f'dan l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika aħna u nagħtu ġieħ lill-Mulej Ġesù, is-sultan tal-ħolqien kollu.

Kristu, igħidilna San Pawl, hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx għax bih u fih aħna għarafna l-Missier, għaliex hu bħala Alla u l-Missier huma ħaġa waħda; Kristu, bħala bniedem hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha, it-tieni Adam li fih u bih iġġedded il-ħolqien kollu, il-ħolqien li bid-dnub ta' l-ewwel Adam beda t-triq tat-telfien, fi Kristu t-tieni Adam kiseb bidu ġdid.

Fi Kristu, ikompli jgħidilna San Pawl, kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u ma jidhirx, is-setgħat kollha ta' l-anġli, troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat, u d-dinja kollha b'kull ma fiha u kull ma hemm madwarha fis-smewwiet. Bih, il-Verb ta' Alla, li kien ma' Alla u kien Alla, kif igħidilna San Ġwann fil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu, ġie maħluq kollox u kollox bih u fih qiegħed iżomm. Fi Kristu tgħammar il-milja kollha tad-divinità, igħidilna San Pawl, jiġifieri hu veru Alla daqs kemm hu veru bniedem, il-kbir fost il-bnedmin kollha, dak li ta bidu ġdid lill-bniedem meta bid-demm li hu xerred fuq is-salib ħabbeb mill-ġdid il-ħolqien kollu ma' Alla u ġab sliem mill-ġdid bejn is-sema u l-art.

Dan il-kliem ta' San Pawl li tħabbrilna fit-tieni qari ta' llum jurina kemm tassew Kristu jixraqlu jissejjaħ Sultan tas-Slaten u s-Sid tas-Sidien, kemm verament hu sultan tal-ħolqien kollu.

**David, xbieha ta' Kristu Sultan**

David, midluk sultan u ragħaj tal-poplu kollu ta' Alla, miġbur mill-ġdid f'saltna waħda, hu xbieha ta' Kristu, li ġabar f'poplu wieħed, il-poplu ġdid ta' Alla, li kiseb għalih demmu, il-ġnus kollha ta' l-art, Lhud u pagani. Is-Saltna li Kristu kiseb għalih, is-saltna li l-Missier tah, hi s-saltna ta' David – hekk ħabbar l-Anġlu lill-Verġni Marija: "Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Is-saltna ta' Kristu m'hijiex saltna bħas-saltniet l-oħra tad-dinja, saltniet mibnija fuq il-qawwa ta' l-armi tal-gwerra, kemm il-darba miksuba bil-qerq u bl-inġustizzja, imma hi saltna ta' verità u ta' ħajja, saltna ta' mħabba, ġustizzja u sliem, saltna li tħaddan fiha l-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kullimkien, saltna li f'din id-dinja tidher fil-Knisja li Kristu waqqaf u li tagħha hu r-Ras, saltna li tilħaq il-milja tagħha fis-smewwiet, meta Kristu jqiegħed l-egħdewwa kollha tiegħu taħt riġlejh u jinqered l-aħħar għadu l-Mewt, u Alla jkun kollox f'kollox.

Bħala membri tal-Knisja ta' Kristu, aħna ġa ninsabu b'xi mod fis-saltna ta' Kristu mexjin lejn il-milja tagħha fis-sema, u lkoll nixtiequ nisimgħu lil Ġesù jgħidilna dak li qal lill-ħalliel it-tajjeb. "Illum int tkun miegħi fis-saltna tiegħi fil-Ġenna."

**X'irridu nagħmlu biex insaltnu ma' Kristu?**

X'irridu nagħmlu biex nisimgħu lil Ġesù jgħidilna dan il-kliem ta' faraġ meta niġu biex inħallu din id-dinja? X'għamel il-ħalliel it-tajjeb biex Ġesù seta' qallu dan il-kliem? Ma Ġesù kien hemm imsallbin żewġ ħallelin, imma lil wieħed biss Ġesù qal li se jkun miegħu fil-Ġenna. Għaliex? It-tweġiba nsibuha fil-mod kif ġabu ruħhom iż-żewġ ħallelin fuq is-salib tal-mewt tagħhom. L-ewwel wieħed ma kienx jidher li kellu xi sogħba għall-ħtijiet li minħabba fihom ġie kundannat għall-mewt, ħsiebu kien li Ġesù jagħmel xi miraklu biex jeħilsu mill-mewt għalkemm ma tantx kien jemmen fil-ħaġa. L-ieħor, il-Ħalliel it-tajjeb, għaraf il-ħtijiet tiegħu u ried jafda ruħu f'idejn Ġesù: "Ġesù," qallu, "ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek." Kliemu kien stqarrija ta' ndiema u ta' fidi fi Kristu, u din l-istqarrija kisbitlu s-salvazzjoni.

Aħna wkoll niksbu s-salvazzjoni, u nidħlu fis-Saltna ta' Kristu, fil-Ġenna, jekk nuru sogħba ta' dnubietna u nqawwu fina l-fidi fi Kristu, fidi li rridu nuru mhux bil-kliem biss, imma bl-imġiba kollha ta' ħajjitna.

# WERREJ


IL-KELMA TAL-PAPA

Enċiklika dwar id-dinjità ul-vokazzjoni tal-mara ........ Paġna 105
Eżortazzjoni Appostolika Christifideles laici ........ 239
Ittra Appostolika egħluq il-25 sena mill-promulgazzjoni tal-
Kostituzzjoni dwar il-Liturġija ........ 465
Ittra lis-saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka 1989 ........ 349
Ittra lid-direttur tal-Osservatorju Vatikan dwar l-għarfien tagħna
ta' Alla u tan-natura ........ 189
Appell għal Jum l-Emigrant ........ 100
Messaġġgħal Jum il-Paċi 1989 ........ 181
Messaġġ għar-Randan 1989 ........ 184
Messaġġ għal Jum iż-Żgħażagħ 1989 ........ 186
Messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet 1989 ........ 404
Messaġġ għal Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali 1989 ........ 407
Messaġġ għall-Ġurnata Missjunarja 1989 ........ 479
Diskors lill-Isqfijiet Amerikani: Is-sisien tas-servizz pastorali fil-Knisja ........ 43
Diskors lill-isqfijiet li ħadu sehem f'laqgħa f'Ruma dwar l-"Humanae Vitae":
Id-don hi l-liġi l-ġdida, l-għerq u l-qawwa tal-ħajja morali
tal-miżżewġin u tal-familja ........ 176

SANTA SEDE

Kongregazzjoni għall-Kult Divin
Thejjija u ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Mulej ........ 1
Notificazione sulle celebrazioni nei gruppi del Cammino
neo-catecumenale ........ 197
Decretum "Ecclesiae Activitas" ........ 488

Kongregazzjoni għall-edukazzjoni Kattolika
The Religious Dimension of Education in a Catholic School ........ 150
Guidelines for the Study of the Church's Social Doctrine in the
formation of Priests ........ 483

Kumissjoni Ġustizzja u Paċi
The Church and Racism ........ 333

Kummissjoni għall-Għaqa tal-Insara
Ottavarju għall-Għaqda tal-Insara 1989 ........ 17

Kummissjoni għall-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali
Pornografija u vjolenza fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali ........ 489

Accordo fra la Santa Sede e il Governo della Repubblica di Malta
sull'incorporazione della Facoltà di Teologia nell'Università di Malta ........ 50

The Moral Norm of "Humanae Vitae" and Pastoral Duty (Oss. Rom. 25-2-89) ..... 355

KONFERENZA EPISKOPALI
Pastorali tal-Isqfijiet għar-Randan 1989 ..... 369
Dikjarazzjoni tal-isqfijiet tal-1 ta' April 1989 ..... 497
Dikjarazzjoni tal-isqfijiet tat-3 ta' Ġunju 1989 ..... 497

DISKORSI U MESSAĠĠI TA' L-ARĊISQOF
fl-anniversarju tal-konsagrazzjoni episkopali tiegħu ..... 48
dwar il-fakoltà tat-Teoloġija ..... 52
għas-sittin sena ta' LEĦEN IS-SEWWA ..... 54
fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-kumitat Malti-Għarbi
għas-solidarjetà mal-kawża Palestinjana ..... 55
fl-għaxar anniversarju tal-pontifikal tal-Papa Ġwann Pawlu II ..... 60
fl-okkażjoni tal-"Jesus Festival" ..... 198
fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re ..... 199
għal Jum l-Emigrant ..... 201
lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li qed jaħdmu barra mid-djoċesi ..... 202
għal nhar il-Milied ..... 203
għal Jum il-Paċi 1989 ..... 205
lill-miżżewġin ġodda fil-festa tal-familja ..... 207
lil dawk li jinsabu fil-ħabs ..... 209
lil Mons. C. Xuereb wara li rtira ..... 212
lill-ġurnalisti ..... 373
għal Jum il-Komunikazzjoni soċjali ..... 498
nhar il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem ..... 500
lill-għalliema ..... 504
fil-lejla ta' solidarjetà mal-komunità ta' San Blas ..... 506

DOKUMENTI TAL-KURJA
Ċirkulari n.204: L-anniversarju tal-Arċisqof ..... 56
Ċirkulari n.205: Ix-xahar tar-Rużarju ..... 57
Ċirkulari n.206: Il-festa tal-Papa - Talb għall-Paċi - Ġurnata Missjunarja ..... 58
Ċirkulari n.207: Għajnuna lill-Armenja ..... 214
Ċirkulari n.208: Nomina ta' Mons. A. Depasquale bħala Vigarju Ġenerali ..... 374
Ċirkulari n.209: Festa tal-Gandlora ..... 374
Ċirkulari n.210: Randan 1989 ..... 376
Ċirkulari n.211: Ġimgħa ta' Sagrifiċċju ..... 377
Ċirkulari n.212: Avviż mill-K.O.M.R. Association ..... 377
Ċirkulari n.213: Jum il-ħandikappati u Jum iż-Żgħażagħ ..... 378
Ċirkulari n.214: L-ewwel ta' Mejju 1989 ..... 510
Ċirkulari n.215: Ġabra għall-iskejjel tal-Knisja ..... 511
Digriet dwar is-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u t-Turiżmu ..... 63
Digriet dwar is-Segretarjat għall-Edukazzjoni nisranija u l-Kultura ..... 66
Digriet dwar is-Segretarjat tal-Liturġija ..... 507
Digriet tan-nomina ta' Mons. A. Depasquale bħala Vigarju Ġenerali ..... 210
Digriet dwar il-fakultajiet ta' Mons. A. Depasquale ..... 211
Digriet dwar it-tqarbin mil lajċi ..... 96

Nomini ġodda ........................................ 211, 511
Tribunal Ekkleżjastiku: Rapport 1988 ........................................ 379
Segretarjat Liturġija
Normi dwar il-ministri straordinarji tat-tqarbin ........................................ 96
Regolamenti għall-fotografi waqt ċelebrazzjonijiet liturġiċi ........................................ 97
Rit biex jingħata l-inkarigu ta' ministru straordinarju tat-tqarbin ........................................ 410
Segretarjat għall-emigazzjoni u t-turiżmu
Catholic Enquiry Centre at Dar l-Emigrant Statistics 1977-1988 ........................................ 213
Kummissjoni Ġustizzja u Paċi: Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Paċi 1989
Introduzzjoni ta' Mons. Pier Luigi Celata Nunzju Appostoliku ........................................ 359
The Pope's Message and the situation in Malta (Prof. O. Friggieri) ........................................ 363
The Pope's Message (Mons. A. Depasquale) ........................................ 366
Sezzjoni Amministrattiva: Il-"policy" dwar l-artijiet ........................................ 512
Moviment ta' Kana: Rapport 1988 ........................................ 383

ARTIKOLI

L-Ewkaristija, sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr, il-"Magnificat" permanenti tal-Knisja fl-istorja (Mons. C. Cassar) ........................................ 70
It-tqarbin tal-lajċi: il-liġi tal-Knisja fid-dawl tat-teoloġija (Mons. C. Cassar) ........................................ 413
Ecclesiology in the Fathers ........................................ 514
Ħutna fis-saċerdozju li l-Mulej sejjaħ fl-1988 ........................................ 391
Reliġjużi Nisa li l-Mulej sejjah fl-1988 ........................................ 397

EŻEMPJU TA' OMELIJI

I Ħadd tal-Avvent: Il-miġja tal-Mulej fostna ........................................ 80
II Ħadd tal-Avvent Ferħ fil-Mulej ........................................ 81
It-III Ħadd tal-Avvent: Nifirħu fil-Mulej ........................................ 82
Ir-IV Ħadd tal-Avvent: Hienja dik li emmnet ........................................ 48
Il-Milied: Il-misteru tal-Milied ........................................ 85
L-ewwel tas-sena: Sliem u paċi fid-dinja taħt il-ħarsien ta' Omm Alla ........................................ 87
I Ħadd tar-Randan: Mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem ........................................ 215
II Ħadd tar-Randan: Ibiddilna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu ........................................ 217
III Ħadd tar-Randan: Jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu ........................................ 218
IV Ħadd tar-Randan: Inqum u mmur għand Missieri ........................................ 220
V Ħadd tar-Randan: Nitlef kollox biex nikseb 'il Kristu ........................................ 222
Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej: Ċekken lilu nnifsu ........................................ 223
I Ħadd ta' l-Għid: Il-misteru tal-qawmien ........................................ 225
II Ħadd ta' l-Għid: Il-fidi tagħna fi Kristu l-Mulej ........................................ 226
III Ħadd ta' l-Għid: Ix-xhieda tal-fidi ........................................ 228
IV Ħadd ta' l-Għid: Ir-ragħaj it-tajjeb ........................................ 230
V Ħadd ta' l-Għid: Kmandament ġdid ........................................ 232
VI Ħadd ta' l-Għid: Il-wegħda tal-Ispirtu s-Santu ........................................ 233
VII Ħadd ta' l-Għid: Tlugħ il-Mulej fis-sema ........................................ 235
Għid il-Ħamsin: Il-Hidma tal-Ispirtu s-Santu ........................................ 236
I Ħadd tas-sena: L-Epifanija tal-Mulej ........................................ 88
II Ħadd tas-sena: Kull ma jgħidilkom, agħmluh ........................................ 90
III Ħadd tas-sena: Ġisem wieħed fi Kristu ........................................ 91
IV Ħadd tas-sena: Profeti tal-Mulej ........................................ 93

V Ħadd tas-sena: Is-sejħa tagħna ..... 94
VII Ħadd tas-sena: It-Trinità Qaddisa ..... 425
VIII Ħadd tas-sena: Il-misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej ..... 427
IX Ħadd tas-sena: Id-don tal-fidi ..... 429
X Ħadd tas-sena: Il-qawmien għall-ħajja ġdida ..... 431
XI-il Ħadd tas-sena: Il-maħfra tad-dnubiet ..... 433
XII-il Ħadd tas-sena: Xebħ ma' Kristu ..... 435
XIII-il Ħadd tas-sena: Il-mixi wara Ġesù ..... 437
XIV-il Ħadd tas-sena: Is-sliem ta' Kristu ..... 439
XV-il Ħadd tas-sena: L-imħabba ta' għajrna ..... 441
XVI-il Ħadd tas-sena: Iż-żjarat tal-Mulej ..... 443
XVII-il Ħadd tas-sena: Il-qawwa tat-talb ..... 445
XVIII-il Ħadd tas-sena: It-trasfigurazzjoni tal-Mulej ..... 447
XIX-il Ħadd tas-sena: Kunu intom imħejjija ..... 449
XX Ħadd tas-sena: Il-firda li jġib Ġesù ..... 453
XXI Ħadd tas-sena: Is-sejħa tal-ġnus kollha ..... 455
XXII Ħadd tas-sena: Niċċekknu quddiem Alla ..... 457
XXIII Ħadd tas-sena: Ir-rabtiet tad-dinja u l-ħajja ta' dejjem ..... 459
XXIV Ħadd tas-sena: Il-maħfra tad-dnubiet ..... 461
XXV Ħadd tas-sena: Agħmlu l-ħbieb bis-saħħa tal-qligħ diżonest ..... 463
XXVI Ħadd tas-sena: Il-ħarsien tal-liġi bla tebgħa u bla ħtija ..... 543
XXVII Ħadd tas-sena: Il-fidi tal-bniedem ġust ..... 544
XXVIII Ħadd tas-sena: Ir-radd ta' ħajr ..... 546
XXIX Ħadd tas-sena: Il-Ġurnata Missjunarja ..... 548
XXX Ħadd tas-sena: It-talb li Alla jisma' ..... 550
XXXI Ħadd tas-sena: Is-salvazzjoni ta' kulħadd ..... 552
XXXII Ħadd tas-sena: Il-qawmien mill-imwiet ..... 554
XXXIII Ħadd tas-sena: Il-ħajja ta' dejjem ..... 556
XXXIV Ħadd tas-sena: Kristu sultan tal-ħolqien ..... 558
Santa Marija ..... 451

MEDIA CENTRE PRINT – BLATA L-BAJDA